Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

Għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità, xi informazzjoni li tinsab f'din il-ħarġa ma tistax tibqa' tiġi żvelata, u għalhekk ġiet ippubblikata verżjoni ġdida.

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/145/PESK

tas-17 ta' Marzu 2014

dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

(ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/151/PESK tal-21 ta' Marzu 2014	L 86	30	21.3.2014
►M2	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/238/PESK tat-28 ta' April 2014	L 126	55	29.4.2014
►M3	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/265/PESK tat-12 ta' Mejju 2014	L 137	9	12.5.2014
►M4	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/308/PESK tat-28 ta' Mejju 2014	L 160	33	29.5.2014
►M5	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/455/PESK tal-11 ta' Lulju 2014	L 205	22	12.7.2014
►M6	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/475/PESK tat-18 ta' lulju 2014	L 214	28	19.7.2014
►M7	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/499/PESK tal-25 ta' Lulju 2014	L 221	15	25.7.2014
►M8	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/508/PESK tat-30 ta' Lulju 2014	L 226	23	30.7.2014
►M9	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/658/PESK tat-8 ta' Settembru 2014	L 271	47	12.9.2014
►M10	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/801/PESK tas-17 ta' Novembru 2014	L 331	26	18.11.2014
►M11	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/855/PESK tat-28 ta' Novembru 2014	L 344	22	29.11.2014
►M12	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/241 tad-9 ta' Frar 2015	L 40	14	16.2.2015
►M13	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/432 tat-13 ta' Marzu 2015	L 70	47	14.3.2015
►M14	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1524 tal-14 ta' Settembru 2015	L 239	157	15.9.2015
►M15	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/359 tal-10 ta' Marzu 2016	L 67	37	12.3.2016
►M16	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1671 tal-15 ta" Settembru 2016	L 249	39	16.9.2016
►M17	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1961 tat-8 ta' Novembru 2016	L 301	15	9.11.2016
►M18	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/445 tat-13 ta' Marzu 2017	L 67	88	14.3.2017
►M19	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1386 tal-25 ta' Lulju 2017	L 194	63	26.7.2017

►**M20**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1418 tal-4 ta' Awwissu 2017	L 203I	5	4.8.2017
►**M21**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1561 tal-14 ta' Settembru 2017	L 237	72	15.9.2017
►**M22**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2163 tal-20 ta' Novembru 2017	L 304	51	21.11.2017
►**M23**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/392 tat-12 ta' Marzu 2018	L 69	48	13.3.2018
►**M24**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/706 tal-14 ta' Mejju 2018	L 118I	3	14.5.2018
►**M25**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1085 tat-30 ta' Lulju 2018	L 194	147	31.7.2018
►**M26**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1237 tat-12 ta' Settembru 2018	L 231	27	14.9.2018
►**M27**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1930 tal-10 ta' Diċembru 2018	L 313I	5	10.12.2018
►**M28**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/95 tal-21 ta' Jannar 2019	L 19	7	22.1.2019
►**M29**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/415 tal-14 ta' Marzu 2019	L 73	110	15.3.2019
►**M30**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/416 tal-14 ta' Marzu 2019	L 73	117	15.3.2019
►**M31**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1405 tat-12 ta' Settembru 2019	L 236	17	13.9.2019
►**M32**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/120 tat-28 ta’ Jannar 2020	L 22I	5	28.1.2020
►**M33**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/399 tat-13 ta’ Marzu 2020	L 78	44	13.3.2020
►**M34**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1269 tal-10 ta’ Settembru 2020	L 298	23	11.9.2020
►**M35**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1368 tal-1 ta’ Ottubru 2020	L 318	5	1.10.2020
►**M36**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/448 tat-12 ta’ Marzu 2021	L 87	35	15.3.2021
►**M37**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1470 tal-10 ta’ Settembru 2021	L 321	32	13.9.2021
►**M38**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1792 tal-11 ta’ Ottubru 2021	L 359I	6	11.10.2021
►**M39**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2196 tat-13 ta’ Diċembru 2021	L 445I	14	13.12.2021
►**M40**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/241 tal-21 ta’ Frar 2022	L 40	23	21.2.2022
►**M41**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/265 tat-23 ta’ Frar 2022	L 42I	98	23.2.2022
►**M42**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/267 tat-23 ta' Frar 2022	L 42I	114	23.2.2022
►**M43**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta’ Frar 2022	L 50	1	25.2.2022
►**M44**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/331 tal-25 ta’ Frar 2022	L 52	1	25.2.2022
►**M45**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022	L 59	1	28.2.2022

►**M46**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/354 tal-2 ta' Marzu 2022	L 66	14	2.3.2022
►**M47**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta' Marzu 2022	L 80	31	9.3.2022
►**M48**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/411 tal-10 ta' Marzu 2022	L 84	28	11.3.2022
►**M49**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/429 tal-15 ta' Marzu 2022	L 87I	44	15.3.2022
►**M50**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta' April 2022	L 110	55	8.4.2022
►**M51**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/627 tat-13 ta' April 2022	L 116	6	13.4.2022
►**M52**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/660 tal-21 ta' April 2022	L 120	11	21.4.2022
►**M53**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/883 tat-3 ta' Ġunju 2022	L 153	92	3.6.2022
►**M54**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/885 tat-3 ta' Ġunju 2022	L 153	139	3.6.2022
►**M55**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1272 tal-21 ta' Lulju 2022	L 193	219	21.7.2022
►**M56**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1276 tal-21 ta' Lulju 2022	L 194	11	21.7.2022
►**M57**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1355 tal-4 ta' Awwissu 2022	L 204I	4	4.8.2022
►**M58**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1447 tal-1 ta' Settembru 2022	L 227I	4	1.9.2022
►**M59**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta' Settembru 2022	L 239	149	15.9.2022
►**M60**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1907 tas-6 ta' Ottubru 2022	L 259I	98	6.10.2022
►**M61**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1986 tal-20 ta' Ottubru 2022	L 272I	5	20.10.2022
►**M62**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2233 tal-14 ta' Novembru 2022	L 293I	40	14.11.2022
►**M63**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2432 tat-12 ta' Diċembru 2022	L 318I	32	12.12.2022
►**M64**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2477 tas-16 ta' Diċembru 2022	L 322I	466	16.12.2022
►**M65**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2479 tas-16 ta' Diċembru 2022	L 322I	687	16.12.2022
►**M66**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/193 tat-30 ta' Jannar 2023	L 26I	4	30.1.2023
►**M67**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/261 tas-6 ta' Frar 2023	L 35	27	7.2.2023
►**M68**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/432 tal-25 ta' Frar 2023	L 59I	437	25.2.2023
►**M69**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/572 tat-13 ta' Marzu 2023	L 75I	134	14.3.2023
►**M70**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/756 tat-13 ta' April 2023	L 100I	4	13.4.2023
►**M71**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/811 tat-13 ta' April 2023	L 101	67	14.4.2023

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 66, 11.3.2015, p. 21 (2014/265/PESK)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 66, 11.3.2015, p. 22 (2014/499/PESK)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 199, 29.7.2015, p. 46 (2014/151/PESK)

►**C4** Emendi, Ġ.U. L 275, 20.10.2015, p. 68 (2014/658/PESK)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 280, 24.10.2015, p. 39 (2015/1524)
►**C6** Emendi, Ġ.U. L 253, 30.9.2017, p. 40 (2017/1561)
►**C7** Emendi, Ġ.U. L 152, 15.6.2018, p. 60 (2018/706)
►**C8** Emendi, Ġ.U. L 55, 28.2.2022, p. 81 (2022/265)
►**C9** Emendi, Ġ.U. L 67, 2.3.2022, p. 112 (2022/337)
►**C10** Emendi, Ġ.U. L 83I, 10.3.2022, p. 1 (2022/267)
►**C11** Emendi, Ġ.U. L 105, 4.4.2022, p. 67 (2022/429)
►**C12** Emendi, Ġ.U. L 117, 19.4.2022, p. 118 (2022/397)
►**C13** Emendi, Ġ.U. L 141, 20.5.2022, p. 131 (2022/582)
►**C14** Emendi, Ġ.U. L 156, 9.6.2022, p. 160 (2022/397)
►**C15** Emendi, Ġ.U. L 204, 4.8.2022, p. 18 (2022/1272)
►**C16** Emendi, Ġ.U. L 271, 19.10.2022, p. 23 (2022/411)
►**C17** Emendi, Ġ.U. L 39, 9.2.2023, p. 65 (2022/582)
►**C18** Emendi, Ġ.U. L 67, 3.3.2023, p. 61 (2023/432)
►**C19** Emendi, Ġ.U. L 100, 13.4.2023, p. 98 (2023/432)

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/145/PESK

tas-17 ta' Marzu 2014

dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

Artikolu 1

▼M43

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta':

(a) persuni fiżiċi responsabbli għal, li jappoġġaw jew li jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna;

(b) persuni fiżiċi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna;

(c) persuni fiżiċi li jwettqu tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas fl-Ukrajna;

(d) persuni fiżiċi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna;

(e) negozjanti ewlenin involuti fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna; jew

▼M60

(f) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, tar-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([1]), (UE) Nru 692/2014 ([2]), (UE) Nru 833/2014 ([3]) jew (UE) 2022/263 ([4]), jew tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/386/PESK ([5]), 2014/512/PESK ([6]) jew (PESK) 2022/266 ([7]),

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 692/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 77).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta'Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f' dawk iż-żoni (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 109).

▼M43

u persuni fiżiċi assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness.

▼B

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru biex jiċħad id-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut minn obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa minn Nazzjonijiet Uniti, jew taħt l-awspiċji tagħha;

(c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt Lateran) konkluż mis-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jiġi kkunsidrat bħala li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitanti għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat minħabba ħtieġa umanitarja urġenti, jew minħabba attendenza f'laqgħat intergovernattivi, u dawk promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament l-objettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi, inkluż appoġġ għall-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni ser tiġi kkunsidrata bħala mogħtija għajr jekk wieħed jew aktar mill-membri tal-Kunsill jagħmel oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi riċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. F'każ li membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw, il-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. Fejn, skont il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-transitu minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-fini li għalih hija ġiet mogħtija lill-persuna kkonċernata minnha.

Artikolu 2

▼M43

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', jew huma miżmuma jew ikkontrollati minn:

(a) persuni fiżiċi responsabbli għal, li jappoġġaw jew li jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna;

▼M43

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna;

(c) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol li s-sjieda tagħhom tkun ġiet trasferita b'mod li jmur kontra l-liġi tal-Ukrajna, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jkunu bbenefikaw minn dan it-trasferiment;

(d) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna;

(e) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jwettqu tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbass tal-Ukrajna;

(f) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna;

(g) negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna; jew

▼M60

(h) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, (UE) Nru 692/2014, (UE) Nru 833/2014 jew (UE) 2022/263, jew Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/386/PESK, 2014/512/PESK jew (PESK) 2022/266,

▼M43

u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

▼B

2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha ssir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness.

▼M50

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li tagħmel disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati:

(a) huma meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familji dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) huma maħsuba esklussivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

▼M50

(c) huma maħsuba esklussivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta’ fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji, dment li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stati Membri oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(e) għandhom jitpoġġew ġewwa, jew jinħargu minn, kont li jappartjeni għal jew huwa miżmum minn missjoni diplomatika, jew konsulari, jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li jgawdu immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, dment li tali pagamenti huma maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika, tal-pożizzjoni konsulari, jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

▼B

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu l-oġġett ta' sentenza arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmijin fil-paragrafu 1 ikunu ġew elenkati fl-Anness, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja, jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew deċiżjoni ġudizzjarja li tkun esegwibbli fl-Istat Membru konċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew riżorsi ekonomiċi ser jintużaw eskluživament biex jagħmlu tajjeb għal pretensjonijiet assigurati mit-tali sentenza jew rikonoxxuti bħala validi fit-tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżkoni ma jmurx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru konċernat.

L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati milli tagħmel pagament dovut taħt kuntratt li daħlet għalih qabel id-data li fiha t-tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikunu ġew elenkati fl-Anness, dment li l-Istat Membru konċernat jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmijin fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta’:

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet;

▼B

(b) pagamenti dovuti minħabba kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2; jew

(c) pagamenti dovuti taħt deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali li ġew mogħtija fl-Unjoni jew li huma esegwibbli fl-Istat Membru konċernat,

dment li kwalunkwe tali imgħax, qligħ u pagamenti oħrajn jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

▼M60

7. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw pagamenti lill-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea għal servizzi pprovduti fil-portijiet ta' Kerch Fishery Port, Yalta Commercial Port u Evpatoria Commercial Port, u għal servizzi pprovduti minn Gosgidrografiya u minn fergħat tal-Port-Terminal tal-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M50

8. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt l-entrati bin-numri 53, 54 u 55 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sal-24 ta' Awwissu 2022 ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra, inkluż relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dawk l-entitajiet qabel it-23 ta' Frar 2022.

9. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt l-entrati bin-numri 79, 80, 81 u 82 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sad-9 ta' Ottubru 2022 ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra, inkluż relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dawk l-entitajiet qabel it-8 ta' April 2022.

10. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness, wara li jkunu ddeterminaw li:

▼M55

(a) l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għall-bejgħ u t-trasferiment sal-►M68 31 ta' Mejju 2023 ◄ jew fi żmien 6 xhur mid-data tad-dażinjazzjoni fl-Anness, skont liema tkun l-aktar reċenti, ta' drittijiet ta' proprjetà f'persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni fejn dawk id-drittijiet ta' proprjetà huma s-sjieda diretta jew indiretta ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

▼M50

(b) ir-rikavat minn tali bejgħ u trasferiment jibqa' ffriżat.

▼M51

11. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għal organizzazzjonijiet u aġenziji li huma vvalutati skont il-pilastru mill-Unjoni u li magħhom l-Unjoni ffirmat ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja li abbażi tiegħu l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji jaġixxu bħala sħab umanitarji tal-Unjoni, dment li l-għoti tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 2 ikun meħtieġ għal finijiet esklużivament umanitarji fl-Ukrajna.

12. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 11, u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet speċifiċi jew ġenerali, taħt tali kundizzjonijiet ġenerali jew speċifiċi li huma jqisu xierqa, biex jirrilaxxaw ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew biex jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, dment li l-forniment ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun meħtieġ għal finijiet esklużivament umanitarji fl-Ukrajna.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva, talba għall-informazzjoni jew notifika għal iktar żmien mill-awtorità kompetenti fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni għandha titqies li ngħatat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M54

13. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma strettament meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika minn operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni, għall-forniment ta' faċilitajiet u servizzi assoċjati meħtieġa għall-operat, il-manutenzjoni u s-sigurtà ta' tali servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, fir-Russja, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn ir-Russja u l-Unjoni, u bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għal servizzi ta' ċentri ta' data fl-Unjoni.

▼M55

14. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt in-numru tal-entrata 108 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, skont dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu bħala xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għat-terminazzjoni sat-22 ta' Awwissu 2023, ta' operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, inkluż relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dik l-entità qabel il-21 ta' Lulju 2022.

▼M65

15. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 108 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu neċessarji għat-tlestija, sas-17 ta' Ġunju 2023, ta' bejgħ u trasferiment li jkun għaddej ta' drittijiet proprjetarji li jkunu direttament jew indirettament proprjetà ta' dik l-entità f'persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni. Dik l-iskadenza ma tivvalidax b'mod retroattiv id-diżinvestimenti li ma jkunux konformi mar-rekwiżiti neċessarji skont din id-Deċiżjoni.

▼M55

16. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti riżorsi ekonomiċi ffriżati, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) ir-rilaxx ta' tali riżorsi ekonomiċi jkun neċessarju għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent; u

(b) ir-rikavati li jirriżultaw mir-rilaxx ta' tali riżorsi ekonomiċi jiġu ffriżati.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M65

17. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati skont ►**M68** numri tad-dħul 53, 54, 55, 79, 80, 81, 82, 108, 126, 127, 198, 199 u 200 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness ◄, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, skont dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu bħala xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti agrikoli u alimentari, fosthom il-qamħ u l-fertilizzanti.

B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, abbażi ta' valutazzjoni speċifika u skont il-każ, jistgħu jawtorizzaw, separatament għal kull tranżazzjoni rilevanti, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lil persuni fiżiċi elenkati taħt l-intestatura "Persuni" fl-Anness li qabel l-elenkar tagħhom okkupaw rwol sinifikanti fil-kummerċ internazzjonali ta' prodotti agrikoli u tal-ikel, fosthom il-qamħ u l-fertilizzanti, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk il-persuni, skont dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu bħala xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għall-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli u tal-ikel, fosthom il-qamħ u l-fertilizzanti, lejn pajjiżi terzi biex tiġi indirizzata s-sigurtà tal-ikel.

L-Istat Membru kkonċernat għandu, meta jawtorizza tali operazzjonijiet, jaġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni. Huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu, fi żmien ġimgħatejn mill-awtorizzazzjoni.

▼**M60**

18. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 91 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-tlestija ta’ tranżazzjonijiet, inkluż il-bejgħ, li huma strettament meħtieġa għall-istralċ, sal-31 ta’ Diċembru 2022, ta’ impriża konġunta jew arranġament legali simili konklużqabel is-16 ta’ Marzu 2022, li jinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmijin fl-Anness X għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

19. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sas-7 ta’ Jannar 2023 ta’ operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi ma’ dik l-entità jew li b’xi mod jinvolvuha qabel it-3 ta’ Ġunju 2022. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼**M65**

20. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati skont in-numri tad-dħul 126 u 127 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, skont tali kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għat-terminazzjoni sas-17 ta’ Ġunju 2023 ta' operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, inklużi relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dawk l-entitajiet qabel is-16 ta’ Diċembru 2022. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼**M68**

21. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt in-numri tad-dħul 198, 199 u 200 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, skont tali kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għat-terminazzjoni sas-26 ta’ Awwissu 2023 ta’ operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, inkluż relazzjonijiet bankarji

▼M68

korrispondenti, konklużi ma’ dawk l-entitajiet qabel il-25 ta’ Frar 2023, jew, fir-rigward tal-entità elenkata taħt in-numru tal-entrata 198 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, għal tranżazzjonijiet għall-iżborż ta’ fondi mill-Jewish Claims Conference lil benefiċjarji fil-Federazzjoni Russa sas-26 ta’ Novembru 2023, irrispettivament minn meta ġew konklużi l-operazzjonijiet, il-kuntratti jew il-ftehimiet l-oħra. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼C18

22. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, skont il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, u wara li jkunu ddeterminaw li:

▼M68

(a) tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għad-disponiment jew it-trasferiment ta’ titoli minn entità stabbilita fl-Unjoni, attwalment jew preċedentement ikkontrollata mill-entità elenkata taħt l-entrata numru 82 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness;

(b) tali disponiment jew trasferiment jitlesta sal-24 ta’ Lulju 2023; u,

(c) tali disponiment jew trasferiment jitwettaq abbażi ta’ operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi mal-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, jew li jinvolvuha, qabel it-3 ta’ Ġunju 2022.

▼C18

23. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, skont il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt in-numru tal-entrata 190 taħt l-intestatura “Entitajiet” fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sas-26 ta’ Awwissu 2023 ta’ operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, konklużi ma’ dik l-entità jew inkella li jinvolvuha, qabel il-25 ta’ Frar 2023.

▼B

Artikolu 3

▼M3

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jiddeċiedi li jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness.

▼B

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika,entità jew korp kkonċernati, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li tipprovdi lil tali persuna, entità jew korp bl-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

▼B

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna, entità jew korp kkonċernati kif meħtieġ.

Artikolu 4

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi imsemmijin fl-Artikolu 1(1) u 2(1).

2. L-Anness għandu jinkludi wkoll, fejn tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inklużi psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 5

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1) u 2 (1), l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk previsti f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼M69

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Settembru 2023.

▼B

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hija għandha tiġġedded, jew tiġi emendata, skont il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

▼B

ANNESS

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikoli 1 u 2

▼M3
▼C1

Persuni

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M33				
1.	Sergey Valeryevich AKSYONOV Sergei Valerievich AKSENOV (Сергей Валерьевич АКСЁНОВ) Serhiy Valeriyovych AKSYONOV (Сергій Валерійович АКСЬОНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 26.11.1972 Post tat-Twelid: Beltsy (Bălţi), SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova)	Aksyonov ġie elett "Prim Ministru tal-Krimea" fil-Verkhovna Rada tal-Krimea fis-27 ta' Frar 2014 fil-preżenza ta' persuni armati li jappoġġaw lir-Russja. L-"elezzjoni" tiegħu ġiet iddikjarata li tmur kontra l-kostituzzjoni mill-aġent President Ukren Oleksandr Turchynov fl-1 ta' Marzu 2014. Huwa għamel pressjoni attiva favur ir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014 u kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Fid-9 ta' April 2014 huwa nħatar aġent "Kap" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" mill-President Putin. Fid-9 ta' Ottubru 2014, huwa ġie "elett" formalment bħala l-"Kap" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". "Elett mill-ġdid" f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019. Membru tal-Kunsill tal-Istat tar-Russja. Minn Jannar 2017 ' hawn, membru tal-Kunsill Għoli tal-Partit Russja Magħquda. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija"— l-ewwel grad.	17.3.2014
2.	Vladimir Andreevich KONSTANTINOV (Владимир Андреевич КОНСТАНТИНОВ) Volodymyr Andriyovych KONSTANTINOV (Володимир Андрійович КОНСТАНТІНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.11.1956 Post tat-Twelid: Vladimirovka (magħruf ukoll bħala Vladimirovca), Reġjun ta' Slobozia, SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova) jew Bogomol, SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova)	Bħala speaker tal-Kunsill Suprem tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea", Konstantinov kellu rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-"Kunsill Suprem" rigward ir-"referendum" kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna u appella lill-votanti biex jivvutaw favur l-indipendenza tal-Krimea fir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Mis-17 ta' Marzu 2014 'l hawn, "President" tal-"Kunsill tal-Istat" tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". "Elett mill-ġdid" f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019.	17.3.2014
▼M59				
3.	Rustam Ilmirovich TEMIRGALIEV (Рустам Ильмирович ТЕМИРГАЛИЕВ) Rustam Ilmyrovych TEMIRHALIIEV (Рустам Ільмирович ТЕМІРГАЛІЄВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.8.1976 Post tat-twelid: Ulan-Ude, Buryat ASSR,SFSR tar-Russja (issa l-Federazzjoni Russa)	Meta kien Viċi Prim Ministru tal-Krimea, Temirgaliev qeda rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-"Kunsill Suprem" rigward ir-'referendum' tas-16 ta' Marzu 2014 kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Huwa għamel pressjoni attiva favur l-integrazzjoni tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	17.3.2014

▼M59

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Fil-11 ta' Ġunju 2014 huwa rriżenja mill-funzjoni tiegħu bħala "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Eks Direttur Ġenerali tal-Kumpannija Maniġerjali tal-Fond ta' Investiment Russu-Ċiniż għall-Iżvilupp Reġjonali. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	
▼M48 4.	Denis Valentinovich BEREZOVSKIY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСКИЙ) Denys Valentynovych BEREZOVSKYY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСЬКИЙ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 15.7.1974 Post tat-twelid: Kharkiv, RSS Ukrena, (illum l-Ukrajna)	Berezovskiy inħatar kmandant tal-Forza Navali Ukrena fl-1 ta' Marzu 2014 iżda wara dan ħa l-ġurament quddiem il-forzi armati tal-Krimea, u b'hekk kiser il-ġurament tiegħu lill-Forza Navali tal-Ukrajna. Kien Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa sa Ottubru 2015. Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Paċifiku tal-Federazzjoni Russa u Viċi Ammirall.	17.3.2014
▼M59 5.	Aleksei Mikhailovich CHALIY (Алексей Михайлович ЧАЛЫЙ) Oleksiy Mykhaylovych CHALYY (Олексій Михайлович ЧАЛИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 13.6.1961 Post tat-twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa jew Sevastopol, l-Ukrajna	Chaliy sar "Sindku tal-Poplu ta' Sevastopol" b'nomina mill-poplu fit-23 ta' Frar 2014 u aċċetta dan il-"vot". Huwa mexxa kampanja b'mod attiv biex Sevastopol issir entità separata tal-Federazzjoni Russa b'segwitu għal referendum fis-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Huwa kien aġent "gvernatur" ta' Sevastopol mill-1 sal-14 ta' April 2014 u kien eks President "elett" tal-"Assemblea Leġiżlattiva" tal-Belt ta' Sevastopol. Eks membru tal-"Assemblea Leġiżlattiva" tal-Belt ta' Sevastopol (sa Settembru 2019). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija" – l-ewwel grad. President tal-Fond ta' Karità għall-Iżvilupp Storiku u Kulturali tal-Belt "il-35 Batterja tal-Kosta". Maniġer ġenerali ta' Smart Electric Networks LLC (OOO "Разумные электрические сети").	17.3.2014
▼M33 6.	Pyotr Anatoliyovych ZIMA (Пётр Анатольевич ЗИМА) Petro Anatoliyovych ZYMA (Петро Анатолійович ЗИМА)	Sess: raġel Data tat-twelid: 18.1.1970 jew 29.3.1965 Post tat-Twelid: Artemivsk (Артемовск) (fl-2016 reġa' ħa l-isem ta' Bakhmut/Бахмут), Donetsk Oblast, l-Ukrajna	Zima nħatar bħala l-kap il-ġdid tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Krimea (SBU) fit-3 ta' Marzu 2014 mill-"Prim Ministru" Aksyonov u aċċetta din il-ħatra. Hu ta informazzjoni rilevanti inkluż bażi tad-data lis-Servizz tal-Intelligence Russu (FSB). Din kienet tinkludi informazzjoni dwar attivisti Ewro-Majdan u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Krimea. Huwa kellu rwol rilevanti biex jiġi evitat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna jkollhom kontroll tat-territorju tal-Krimea. Fil-11 ta' Marzu 2014, il-formazzjoni ta' Servizz ta' Sigurtà indipendenti tal-Krimea ġiet proklamata minn eks uffiċjali tas-SBU tal-Krimea. Attiv mill-2015 fis-Servizz tal-Intelligence Russu (FSB).	17.3.2014

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M15 ———				
▼M48 8.	Sergey Pavlovych TSEKOV (Сергей Павлович ЦЕКОВ) Serhiy Pavlovych TSEKOV (Сергій Павлович ЦЕКОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 28.9.1953 jew 28.8.1953 Post tat-twelid: Simferopol, l-Ukrajna	Bħala Viċi Speaker tar-Rada Verkhovna tal-Krimea, Tsekov beda, flimkien ma' Sergey Aksyonov, it-tneħħija illegali tal-gvern tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" (ARC). Huwa involva lil Vladimir Konstantinov f'dan it-tentattiv, waqt li heddu bit-tkeċċija tiegħu. Huwa rrikonoxxa pubblikament li l-Membri Parlamentari mill-Krimea kienu dawk li bdew jistiednu lis-suldati Russi biex jieħdu taħt il-kontroll tagħhom lill-Verkhovna Rada tal-Krimea. Huwa kien wieħed mill-ewwel Mexxejja tal-Krimea li talab fil-pubbliku li l-Krimea tiġi annessa mar-Russja. Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" mill-2014, maħtur mill-ġdid f'Settembru 2019. Membru tal-Kunsill tal-Kumitat Federali għall-Affarijiet Barranin.	17.3.2014
▼M69 9.	Viktor Alekseevich OZEROV (Виктор Алексеевич Озеров)	Sess: raġel Data tat-twelid: 5.1.1958 Post tat-twelid: Abakan, Khakassia, Russian Federation	Eks President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014, Ozerov, f'isem il-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'Lulju 2017, huwa ppreżenta r-riżenja tiegħu bħala President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża. Huwa baqa' membru tal-Kunsill u membru tal-Kumitat dwar ir-regolamentazzjoni interna u l-affarijiet parlamentari. Fl-10 ta' Ottubru 2017, permezz tad-digriet N 372-SF, Ozerov ġie inkluż fil-kummissjoni temporanja tal-Kunsill Federali dwar il-protezzjoni tas-sovranità tal-istat u għall-prevenzjoni tal-interferenza fl-affarijiet interni tal-Federazzjoni Russa. Il-mandat tiegħu fil-Kunsill Federali skada f'Settembru 2019. Konsulent tal-Fondazzjoni Rospolititika minn Ottubru 2019. Bħalissa, huwa l-Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Konsultazzjoni "Tactical Solutions Agency" fir-Russian Presidential Academy of National Economy and Public Administration u l-President tal-Coordinating Council of the Non-State Sphere of Security of the Russian Federation.	17.3.2014

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
10.	Vladimir Michailovich DZHABAROV (Владимир Михайлович ДЖАБАРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 29.9.1952 Post tat-twelid: Samarkand, Uzbekistan	L-ewwel Viċi President tal-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Dzhabarov, f'isem il-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fit-22 ta' Frar 2022, Dzhabarov appoġġa, fil-Kunsill Federali, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-22 ta' Frar 2022, Dzhabarov appoġġa, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fl-4 ta' Ottubru 2022, Dzhabarov appoġġa, fil-Kunsill Federali, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	17.3.2014
11.	Andrei Aleksandrovich KLISHAS (Андрей Александрович КЛИШАС)	Sess: raġel Data tat-twelid: 9.11.1972 Post tat-twelid: Sverdlovsk (Ekaterinburg), Russian Federation	President tal-Kumitat dwar id-Dritt Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Klishas appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'dikjarazzjonijiet pubbliċi Klishas ipprova jiġġustifika intervent militari Russu fl-Ukrajna billi ddikjara li "l-President tal-Ukrajna jappoġġa l-appell tal-awtoritajiet tal-Krimea lill-President tal-Federazzjoni Russa dwar l-għoti ta' assistenza komprensiva għad-difiża taċ-ċittadini tal-Krimea". Fit-22 ta' Frar 2022, Klishas appoġġa, fil-Kunsill Federali, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-22 ta' Frar 2022, Klishas appoġġa, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fl-4 ta' Ottubru 2022, Klishas appoġġa, fil-Kunsill Federali, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	17.3.2014

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
12.	Nikolai Ivanovich RYZHKOV (Николай Иванович РЫЖКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 28.9.1929 Post tat-twelid: Dyleevka, Donetsk region, Ukrainian SSR, issa Ukraine	Membru tal-Kumitat għall-kwistjonijiet federali, politika reġjonali u t-Tramuntana tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Ryzhkov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni, fl-2014 ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija" – l-ewwel grad. Fit-22 ta' Frar 2022, Ryzhkov appoġġa, fil-Kunsill Federali, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-22 ta' Frar 2022, Ryzhkov appoġġa, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fl-4 ta' Ottubru 2022, Ryzhkov appoġġa, fil-Kunsill Federali, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	17.3.2014

▼M33

———

▼M69

14.	Aleksandr Borisovich TOTOONOV (Александр Борисович ТОТООНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 3.4.1957 Post tat-twelid: Ordzhonikidze (Vladikavkaz), North Ossetia, Russian Federation	Aleksandr Totoonov huwa Membru tal-Parlament ta' North Ossetia-Alania u sid il-kumpanija "Southern Garden". Eks-Membru tal-Kumitat għall-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni Russa ntemmu f'Settembru 2017. Kien l-Ewwel Viċi President tal-Parlament ta' North Ossetia. Fl-1 ta' Marzu 2014 Totoonov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.	17.3.2014

▼M21

———

▼M69

16.	Sergei Mikhailovich MIRONOV (Сергей Михайлович МИРОНОв)	Sess: raġel Data tat-twelid: 14.2.1953 Post tat-twelid: Pushkin, Leningrad region, Russian Federation	Membru tal-Kunsill tad-Duma tal-Istat; Mexxej tal-fazzjoni Fair Russia fid-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Oriġinatur tal-liġi li tippermetti lill-Federazzjoni Russa tinkludi fil-kompożizzjoni tagħha, taħt il-pretest tal-protezzjoni ta' ċittadini Russi, territorji ta' pajjiż barrani mingħajr il-kunsens ta' dak il-pajjiż jew trattat internazzjonali.	17.3.2014

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Fil-15 ta' Frar 2022, Mironov appoġġa, fid-Duma tal-Istat, ir-riżoluzzjoni li titlob lill-President Vladimir Putin jirrikonoxxi r-reġjuni Ukreni ta' Donetsk u Luhansk bħala stati indipendenti. Fit-22 ta' Frar 2022, Mironov appoġġa, fid-Duma tal-Istat, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-3 ta' Ottubru 2022, Mironov appoġġa, fid-Duma tal-Istat, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	
17.	Sergei Vladimirovich ZHELEZNYAK (Сергей Владимирович ЖЕЛЕЗНЯК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.7.1970 Post tat-twelid: St Petersburg (l-eks Leningrad), Russian Federation	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Huwa mexxa personalment id-dimostrazzjoni b'appoġġ tal-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna. Eks Viċi President u eks membru tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat għall-Affarijiet Internazzjonali. Eks membru tal-Presidju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia.	17.3.2014
18.	Leonid Eduardovich SLUTSKI (Леонид Эдуардович СЛУЦКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 4.1.1968 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation	Eks President tal-Kumitat tal-Commonwealth of Independent States (CIS) tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa (membru tal-LDPR). Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. President tal-partit LDPR, Kap tal-fazzjoni tal-LDPR fid-Duma tal-Istat u President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Fil-15 ta' Frar 2022, Slutski appoġġa, fid-Duma tal-Istat, ir-riżoluzzjoni li titlob lill-President Vladimir Putin jirrikonoxxi r-reġjuni Ukreni Donetsk u Luhansk bħala stati indipendenti. Fit-22 ta' Frar 2022, Slutski appoġġa, fid-Duma tal-Istat, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-3 ta' Ottubru 2022, Slutski appoġġa, fid-Duma tal-Istat, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	17.3.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M48				
19.	Aleksandr Viktorovich VITKO (Александр Викторович ВИТКО)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 13.9.1961 Post tat-twelid: Vitebsk, RSS Belarussa (illum il-Belarussja)	Eks Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna. Eks Kap tal-Persunal u kien l-Ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Forza Navali Russa.	17.3.2014
▼M33				
20.	Anatoliy Alekseevich SIDOROV (Анатолий Алексеевич СИДОРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 2.7.1958 Post tat-Twelid: Siva, reġjun ta' Perm, Unjoni Sovjetika (issa l-Federazzjoni Russa)	Eks Kmandant, Distrett Militari tal-Punent tar-Russja, li wħud mill-unitajiet tiegħu huma skjerati fil-Krimea. Huwa kien responsabbli għal parti mill-preżenza militari Russa fil-Krimea li qed tipperikola s-sovranità tal-Ukrajna u assista lill-awtoritajiet tal-Krimea biex iwaqqfudimostrazzjonijiet pubbliċi kontra azzjonijiet favur referendum u l-inkorporazzjoni fir-Russja. Minn Novembru 2015 il-Kap tal-Persunal Konġunt tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva (CSTO).	17.3.2014
21.	Aleksandr Viktorovich GALKIN (Александр Викторович ГАЛКИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 22.3.1958 Post tat-Twelid: Ordzhonikidze (Vladikavkaz), ASSR tat-Tramuntana ta' Ossezja, USSR (issa l-Federazzjoni Russa)	Eks-Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tar-Russja ("SMD"), li l-forzi tiegħu jinsabu fil-Krimea; il-Flotta tal-Baħar l-Iswed hija taħt il-kmand ta' Galkin; ħafna mill-moviment tal-forza fil-Krimea seħħ minn ġewwa l-SMD. Il-forzi tal-SMD huma skjerati fil-Krimea. Huwa responsabbli għal parti mill-preżenza militari Russa fil-Krimea li qed tipperikola s-sovranità tal-Ukrajna u assista lill-awtoritajiet tal-Krimea fl-impediment ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi kontra azzjonijiet lejn referendum u l-inkorporazzjoni fir-Russja. Barra minn hekk, il-Flotta tal-Baħar l-Iswed taqa' taħt il-kontroll tad-Distrett. Bħalissa impjegat mill-Apparat Ċentrali tal-Ministeru għad-Difiża Russu. Assistent tal-Ministru għad-Difiża mid-19 ta' Jannar 2017 'l hawn.	17.3.2014
▼M69				
22.	Dmitry Olegovich ROGOZIN (Дмитрий Олегович РОГОЗИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.12.1963 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation	Eks Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. Eks Direttur Ġenerali f'korporazzjoni tal-Istat. Imexxi grupp ta' konsulenti militari, li jipprovdu appoġġ militari-tekniku lill-persunal militari ta' Donetsk u Luhansk	21.3.2014

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
23.	Sergey Yurievich GLAZYEV (Сергей Юрьевич ГЛАЗЬЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 1.1.1961 Post tat-twelid: Zaporizhzhia, l-eks Ukrainian SSR, issa Ukraine	Eks konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea u jappoġġa l-gwerra kontra l-Ukrajna. Minn Ottubru 2019 Ministru għall-Integrazzjoni u l-Makroekonomija fil-Kummissjoni Ekonomika Ewrasjatika.	21.3.2014
24.	Valentina Ivanova MATVIYENKO (imwielda TYUTINA) (Валентина Ивановна МАТВИЕНКО (imwielda ТЮТИНА))	Sess: mara Data tat-twelid: 7.4.1949 Post tat-twelid: Shepetovka, Khmelnitsky (Kamenets-Podolsky) region (Ukrainian SSR), issa Ukraine	Speaker tal-Kunsill Federali. Fl-1 ta' Marzu 2014, appoġġat pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fit-22 ta' Frar 2022, Matviyenko appoġġat, fil-Kunsill Federali, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-22 ta' Frar 2022, Matviyenko appoġġat, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fl-4 ta' Ottubru 2022, Matviyenko appoġġat, fil-Kunsill Federali, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	21.3.2014
25.	Sergei Evgenevich NARYSHKIN (Сергей Евгеньевич НАРЫШКИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 27.10.1954 Post tat-twelid: St Petersburg (l-eks Leningrad), Russian Federation	Eks Speaker tad-Duma tal-Istat. Appoġġa pubblikament l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Appoġġa pubblikament it-trattat ta' riunifikazzjoni tar-Russja u l-Krimea u l-liġi kostituzzjonali federali relatata. Bħalissa Direttur tas-Servizz tal-Intelligence Estera tal-Federazzjoni Russa sa minn Ottubru 2016. Membru permanenti u Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Pubblikament appoġġa l-indipendenza ta' Donetsk u Luhansk u l-annessjoni tagħhom.	21.3.2014

▼M33

26.	Dmitry Konstantinovich KISELYOV Dmitrii Konstantinovich KISELEV (Дмитрий Константинович КИСЕЛЁВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 26.4.1954 Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa	Maħtur b'Digriet Presidenzjali fid-9 ta' Diċembru 2013 bħala Kap tal-aġenzija tal-aħbarijiet "Rossiya Segodnya" tal-Istat Federali Russu. Figura ċentrali tal-propaganda tal-gvern li tappoġġa l-mobilizzazzjoni ta' forzi Russi fl-Ukrajna.	21.3.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M48				
27.	Alexander Mihailovich NOSATOV (Александр Михайлович НОСАТОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 27.3.1963 Post tat-twelid: Sevastopol, RSS Ukrena (illum l–Ukrajna)	Eks Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna. Attwalment Ammirall, Kap tal-Persunal Ewlieni tal-Flotta Navali Russa.	21.3.2014
▼M36				
28.	Valery Vladimirovich KULIKOV (Валерий Владимирович КУЛИКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 1.9.1956 Post tat-twelid: Zaporozhye, SSR tal-Ukrajna, issa l-Ukrajna	Eks Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna. Fis-26 ta' Settembru 2017, permezz ta' Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa, huwa tneħħa minn din il-kariga u mis-servizz militari. Eks membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa, fejn jirrappreżenta l-Belt annessa ta' Sevastopol. Attwalment iservi bħala deputat fl-"Assemblea Leġiżlattiva" tal-Belt ta' Sevastopol.	21.3.2014
▼M34				
29.	Vladislav Yurievich SURKOV (Владислав Юрьевич СУРКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.9.1964 Post tat-twelid: Solntsevo, ir-reġjun ta' Lipetsk, il-Federazzjoni Russa	Eks Assistent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Kien organizzatur tal-proċess fil-Krimea li permezz tiegħu l-komunitajiet lokali tal-Krimea ġew immobilizzati biex jieħdu azzjonijiet li jheddu l-awtoritajiet tal-Ukrajna fil-Krimea. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti	21.3.2014
▼M69				
30.	Mikhail Grigorievich MALYSHEV (Михаил Григорьевич МАЛЫШЕВ) Mykhaylo Hryhorovych MALYSHEV (Михайло Григорович МАЛИШЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.10.1955 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna	President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea. Responsabbli għall-amministrazzjoni tar-"referendum" tal-Krimea. Responsabbli taħt is-sistema Russa għall-iffirmar tar-riżultati tar-referendum. Fil-kapaċità ta' President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea, huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018 u fl-elezzjonijiet reġjonali u lokali tat-8 ta' Settembru 2019 fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment, u b'hekk appoġġa b'mod attiv u implimenta politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa pparteċipa b'mod attiv fl-organizzazzjoni tar-referendum illegali f'Settembru 2022 fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna biex isiru parti mill-Federazzjoni Russa, b'siti tal-votazzjoni stabbiliti wkoll mill-kummissjoni tiegħu fil-Krimea.	21.3.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
———				

▼M48

32.	Logutenent Ġenerali Igor Nikolaevich (Mykolayovich) TURCHENYUK (Игорь Николаевич ТУРЧЕНЮК)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 5.12.1959 Post tat-twelid: Osh, RSS Kirgiża (illum il-Kirgiżistan)	Eks Kmandant *de facto* tat-truppi Russi skjerati fuq il-post fil-Krimea, annessa illegalment, (li r-Russja għadha ssejjaħ uffiċjalment "milizzji lokali għall-awtodifiża"). Eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Kap tad-Distrett tan-Nofsinhar tal-Gwardja Nazzjonali Russa.	21.3.2014

▼M69

33.	Elena Borisovna MIZULINA (mwielda DMITRIYEVA) (Елена Борисовна МИЗУЛИНА (mwielda ДМИТРИЕВА))	Sess: mara Data tat-twelid: 9.12.1954 Post tat-twelid: Bui, Kostroma region, Russian Federation	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Oriġinatur u kosponsor ta' proposti leġislattivi reċenti fir-Russja li kienu ser jippermettu li reġjuni ta' pajjiżi oħra jissieħbu mar-Russja mingħajr qbil minn qabel mill-awtoritajiet ċentrali tagħhom. Minn Settembru 2015 'l hawn, Membru tal-Kunsill Federali mir-reġjun Omsk. Membru tal-Kumitat tal-Kunsill Federali dwar il-Leġiżlazzjoni Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat. Fit-22 ta' Frar 2022, Mizulina appoġġat, fil-Kunsill Federali, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-22 ta' Frar 2022, Mizulina appoġġat, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Fl-4 ta' Ottubru 2022, Mizulina appoġġat, fil-Kunsill Federali, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	21.3.2014

▼M36

34.	Dmitry Nikolayevich KOZAK (Дмитрий Николаевич КОЗАК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.11.1958 Post tat-twelid: Bandurovo, reġjun ta' Kirovograd, SSR tal-Ukrajna, issa l-Ukrajna Nazzjonalità: Russa	Eks Viċi Prim Ministru. Responsabbli mis-sorveljanza tal-integrazzjoni tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa fil-Federazzjoni Russa. Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa. Huwa l-Mibgħut Speċjali tal-President għall-ġestjoni tal-kunflitt fl-Ukrajna.	29.4.2014

▼**M36**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
35.	Oleg Yevgenyvich BELAVENTSEV (Олег Евгеньевич БЕЛАВЕНЦЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.9.1949 Post tat-twelid: Moska jew Ostrov, ir-reġjun Pskov, Federazzjoni Russa	Eks Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fl-hekk imsejjaħ "Distrett Federali tal-Krimea", responsabbli mill-implimentazzjoni tal-prerogattivi kostituzzjonali tal-Kap tal-Istat Russu fit-territorju tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa. Eks membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà Russu. Eks Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana (sa Ġunju 2018). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Konslu Onorarju tan-Nikaragwa fil-Krimea minn Ottubru 2020.	29.4.2014

▼**M33**

36.	Oleg Genrikhovich SAVELYEV (Олег Генрихович САВЕЛЬЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 27.10.1965 Post tat-Twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa)	Eks Ministru għall-Affarijiet tal-Krimea. Responsabbli mill-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. Eks Viċi Kap tal-Persunal tal-Gvern Russu, responsabbli mill-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Kummissjoni Governattiva dwar l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Eks Kap tal-Persunal tal-Kamra tal-Kontijiet tal-Federazzjoni Russa. Minn Settembru 2019 'l hawn Awditur tal-Kamra tal-Kontijiet tal-Federazzjoni Russa.	29.4.2014

▼**M48**

37.	Sergei Ivanovich MENYAILO (Сергей Иванович МЕНЯЙЛО)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 22.8.1960 Post tat-twelid: Alagir, RSS Awtonoma tal-Ossezja tat-Tramuntana, RSFSR (illum il-Federazzjoni Russa)	Eks Gvernatur tal-belt Ukrena annessa ta' Sevastopol. Eks Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja. Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Kap tal-Ossezja tat-Tramuntana mid-19 ta' Settembru 2021.	29.4.2014
38.	Olga Fyodorovna KOVITIDI (Ольга Фёдоровна КОВИТИДИ)	Ġeneru: femminil Data tat-twelid: 7.5.1962 Post tat-twelid: Simferopol, RSS Ukrena (illum l-Ukrajna)	Membru tal-Kunsill Federali Russu mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa mill-2014, maħtura mill-ġdid fl-2019. Membru tal-Kumitat tal-Kunsill Federali dwar il-Leġiżlazzjoni Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat.	29.4.2014

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M13				
▼M34				
40.	Sergei Ivanovich NEVEROV (Сергей Иванович НЕВЕРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.12.1961 Post tat-twelid: Tashtagol, USSR (issa l-Federazzjoni Russa)	Eks Viċi President tad-Duma tal-Istat. Responsabbli mill-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni biex ir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea tiġi integrata fil-Federazzjoni Russa. Membru tad-Duma, kap tal-fazzjoni Russja Magħquda.	29.4.2014
▼M15				
▼M69				
42.	Valery Vasilevich GERASIMOV (Валерий Васильевич ГЕРАСИМОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 8.9.1955 Post tat-twelid: Kazan, Russian Federation	Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, l-Ewwel Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, Ġeneral tal-Armata. Responsabbli mill-iskjerament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukrajna u l-attakk militari tar-Russja kontra l-Ukrajna fi Frar 2022.	29.4.2014
▼M34				
43.	German PROKOPIV (Герман ПРОКОПИВ) Herman PROKOPIV (Герман ПРОКОПІВ) (magħruf ukoll bħala Li Van Chol, Ли Ван Чоль)	Sess: raġel Data tat-twelid: 6.7.1993 jew 6.7.1991 Post tat-twelid: Praga, ir-Repubblika Ċeka	Membru attiv tal-"Gwardja ta' Luhansk". Ħa sehem fil-ħtif tal-bini tal-uffiċċju reġjonali tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Luhansk. Għadu ġellied militari attiv tal-LNR.	29.4.2014
▼M21				

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M33				
45.	Andrei Evgenevich PURGIN (Андрей Евгеньевич ПУРГИН) Andriy Yevhenovych PURHIN (Андрій Євгенович ПУРГІН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 26.1.1972 Post tat-Twelid: Donetsk, l-Ukrajna	Parteċipant attiv u organizzatur ta' azzjonijiet separatisti, koordinatur tal-azzjonijiet tat-"turisti Russi" f'Donetsk. Kofundatur ta' "Inizjattiva Ċivika ta' Donbass għall-Unjoni Ewro-Asjatika". Kien "l-Ewwel Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri". Sal-4 ta' Settembru 2015 kien "President" tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Fi Frar 2017 tneħħielu l-mandat tiegħu ta' membru tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara deċiżjoni tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	29.4.2014
▼M69				
46.	Denys Volodymyrovych PUSHYLIN (Денис Володимирович ПУШИЛІН) Denis Vladimirovich PUSHILIN (Денис Владимирович ПУШИЛИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 9.5.1981 Post tat-twelid: Makiivka (Donetsk oblast), Ukraine	Wieħed mill-mexxejja tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Ħa sehem fil-ħtif u l-okkupazzjoni tal-amministrazzjoni reġjonali f'Donetsk fl-2014. Sal-4 ta' Settembru 2015 kien l-hekk imsejjaħ Viċi President tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Mill-4 ta' Settembru 2015 huwa "President" tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". L-hekk imsejjaħ "aġent Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara s-7 ta' Settembru 2018. L-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara l-hekk imsejħa elezzjonijiet tal-11 ta' Novembru 2018. Membru tal-partit United Russia u s-segretarju tiegħu fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Fil-21 ta' Frar 2022, iffirma t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn ir-Russja u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" bħala rappreżentant tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Wara l-annessjoni tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" fit-30 ta' Settembru, huwa sar "Aġent Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" fl-4 ta' Ottubru 2022.	29.4.2014
▼M34				
47.	Sergey Gennadevich TSYPLAKOV (Сергей Геннадьевич ЦЫПЛАКОВ) Serhiy Hennadiyovych TSYPLAKOV (Сергій Геннадійович ЦИПЛАКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 1.5.1983 Post tat-twelid: Khartsyzsk, reġjun ta' Donetsk, l-Ukrajna	Wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni ideoloġikament radikali, il-"Milizzja Popolari ta' Donbas". Ħa sehem attiv fil-ħtif ta' għadd ta' binjiet tal-Istat fir-reġjun ta' Donetsk. Eks Membru tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u tal-Kumitat tiegħu dwar il-Politika Barranija, ir-Relazzjonijiet Esterni, il-Politika tal-Informazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni.	29.4.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
48.	Igor Vsevolodovich GIRKIN (Игорь Всеволодович ГИРКИН) (magħruf ukoll bħala Igor STRELKOV, Ihor STRIELKOV)	Sess: raġel Data tat-twelid: 17.12.1970 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation	Identifikat bħala persunal tad-Direttorat Prinċipali tal-Intelligence tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). Kien involut f'inċidenti fi Sloviansk. Kap tal-moviment pubbliku "Novorossia". Eks "Ministru tad-Difiża" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Organizza, fl-4 ta' Novembru 2016, Mixja Russa f'Moska għan-nazzjonalisti Russi li jappoġġaw is-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna. Huwa appoġġa b'mod attiv l-attivitajiet separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna u jappoġġa pubblikament il-gwerra kontra l-Ukrajna u regolarment jappella lir-Russi biex jingħaqdu ma' skjeramenti ta' voluntiera militari.	29.4.2014
49.	Vyacheslav Viktorovich VOLODIN (Вячеслав Викторович ВОЛОДИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 4.2.1964 Post tat-twelid: Alekseevka, Saratov region, Russian Federation	Kien l-Ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tar-Russja. Responsabbli mis-superviżjoni tal-integrazzjoni politika tar-reġjun Ukren tal-Krimea anness fil-Federazzjoni Russa. Bħalissa Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa mill-5 ta' Ottubru 2016. Fil-15 ta' Frar 2022, Volodin appoġġa, fid-Duma tal-Istat, ir-riżoluzzjoni li titlob lill-President Vladimir Putin jirrikonoxxi r-reġjuni Ukreni Donetsk u Luhansk bħala stati indipendenti. Fit-22 ta' Frar 2022, Volodin appoġġa, fid-Duma tal-Istat, ir-ratifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern tat-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u t-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Fit-3 ta' Ottubru 2022, Volodin appoġġa, fid-Duma tal-Istat, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	12.5.2014
50.	Vladimir Anatolievich SHAMANOV (Владимир Анатольевич ШАМАНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.2.1957 Post tat-twelid: Barnaul, Russian Federation	Eks Kmandant tat-Truppi tal-Ajru Russi, Kurunell-Ġenerali. Fil-pożizzjoni ta' awtorità għolja tiegħu, huwa responsabbli mill-iskjerament tal-qawwiet tal-ajru Russi fil-Krimea. Eks President tal-Kumitat ta' Difiża tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa.	12.5.2014

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Bħalissa huwa l-Viċi President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat għall-Iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili, u Kwistjonijiet ta' Assoċjazzjonijiet Pubbliċi u Reliġjużi Fil-15 ta' Frar 2022, Shamanov appoġġa, fid-Duma tal-Istat, ir-riżoluzzjoni li titlob lill-President Vladimir Putin jirrikonoxxi r-reġjuni Ukreni Donetsk u Luhansk bħala stati indipendenti. Fit-3 ta' Ottubru 2022, Shamanov appoġġa, fid-Duma tal-Istat, il-leġiżlazzjoni għall-annessjoni tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia.	
51.	Vladimir Nikolaevich PLIGIN (Владимир Николаевич ПЛИГИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.5.1960 Post tat-twelid: Ignatovo, Reġjun ta' Vologodsk, USSR (issa l-Federazzjoni Russa)	Eks membru tad-Duma tal-Istat u eks President tal-Kumitat tal-Liġi Kostituzzjonali tad-Duma. Responsabbli għall-faċilitazzjoni tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-annessjoni tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa. Membru tal-Kunsill Suprem tal-partit United Russia. Konsulent għall-Ispeaker tad-Duma, Volodin. Attwalment riċerkatur ewlieni fl-Istitut tal-Istat u l-Liġi tal-Akkademja Russa tax-Xjenzi. Kopresident tal-Assoċjazzjoni Russa tal-Avukati.	12.5.2014

▼M33

52.	Petr Grigorievich JAROSH (Петр Григорьевич ЯРОШ) Petro Hryhorovych YAROSH (IAROSH) (Петро Григорович ЯРОШ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.1.1971 Post tat-Twelid: Villaġġ ta' Skvortsovo, reġjun ta' Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna	Eks kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għall-Krimea. Responsabbli għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passaporti Russi għar-residenti tal-Krimea.	12.5.2014

▼M37

53.	Oleg Grigorievich KOZYURA (Олег Григорьевич КОЗЮРА) Oleh Hryhorovych KOZYURA (Олег Григорович КОЗЮРА)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.12.1965 jew 19.12.1962 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea jew Zaporizhia, l-Ukrajna	Eks Kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għal Sevastopol. Responsabbli għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passaporti Russi għar-residenti ta' Sevastopol. Eks Kap tal-Persunal tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' Sevastopol. Konsulent għall-Gvernatur ta' Sevastopol.	12.5.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
54.	Viacheslav PONOMARIOV, Vyacheslav Volodymyrovich PONOMARYOV (В'ячеслав Володимирович ПОНОМАРЬОВ), Viacheslav Vladimirovich PONOMAREV (Вячеслав Владимирович ПОНОМАРЁв)	Sess: raġel Data tat-twelid: 2.5.1965 Post tat-Twelid: Sloviansk (oblast ta' Donetsk), l-Ukrajna	L-eks "Sindku tal-Poplu" awtodikjarat ta' Sloviansk (sal-10 ta' Ġunju 2014). Ponomariov appella lil Vladimir Putin biex jibgħat truppi Russi biex jipproteġu l-belt u aktar tard talbu jipprovdi l-armi. In-nies ta' Ponomariov kienu involuti fil-ħtif ta' persuni (huma qabdu lill-attivist Irma Krat u Simon Ostrovsky, ġurnalist għal Vice News, aktar tard dawn it-tnejn inħelsu; huma żammew maqbuda osservaturi militari li kienu qed jaġixxu taħt id-Dokument ta' Vjenna tal-OSKE). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.5.2014

▼M59

55.	Igor Nikolaevich BEZLER (magħruf ukoll bħala. Bes (devil)) (Игорь Николаевич БЕЗЛЕР) Ihor Mykolayovych BEZLER (Ігор Миколайович БЕЗЛЕР) magħruf ukoll bħala Igor Nikolaevich BEREGOVOY (Игорь Николаевич БЕРЕГОВОЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.12.1965 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna	Wieħed mill-eks mexxejja tal-milizzja awtoproklamata ta' Horlivka. Ħa l-kontroll tal-bini tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Uffiċċju tal-Ukrajna fil-gvern reġjonali f'Donetsk u wara ħataf l-istazzjon distrettwali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni fil-belt ta' Horlivka. Għandu rabtiet ma' Igor Strelkov/Girkin li taħt il-kmand tiegħu kien involut fil-qtil ta' Volodymyr Rybak, id-Deputat Popolari tal-Kunsill Muniċipali ta' Horlivka. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Huwa rritorna f'Berdyansk bi truppi Russi f'April 2022 u huwa involut fl-'iżgurar tal-ordni pubbliku' fir-reġjun.	12.5.2014

▼M33

56.	Igor Evgenevich KAKIDZYANOV (Игорь Евгеньевич КАКИДЗЯНОВ), Igor Evegenevich KHAKIMZYANOV (Игорь Евгеньевич ХАКИМЗЯНОВ) Ihor Yevhenovych KHAKIMZIANOV (KAKIDZIANOV) (Ігор Євгенович ХАКІМЗЯНОВ (КАКІДЗЯНОВ))	Sess: raġel Data tat-twelid: 25.7.1980 Post tat-Twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk), l-Ukrajna	Wieħed mill-eks mexxejja tal-forzi armati tal-awtoproklamata "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". L-għan tal-forzi huwa li "jipproteġu l-poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u l-integrità territorjali tar-repubblika" skont Pushylin, wieħed mill-mexxejja tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.5.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
57.	Oleg TSARIOV, Oleh Anatoliyovych TSAROV (Олег Анатолійович ЦАРЬОВ) Oleg Anatolevich TSARYOV (Олег Анатольевич ЦАРЁВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 2.6.1970 Post tat-twelid: Dnepropetrovsk (issa Dnipro), Ukraine	Eks Membru tal-Verkhovna Rada tal-Ukrajna, bħala tali appella pubblikament għall-ħolqien tal-hekk imsejħa "Repubblika Federali tan-Novorossiya", magħmula mir-reġjuni Ukreni tax-Xlokk. Eks "Speaker" tal-hekk imsejjaħ "Parlament tal-Unjoni tar-Repubbliki Popolari" ("Parlament ta' Novorossiya"). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.5.2014
▼M37				
58.	Roman Viktorovich LYAGIN (Роман Викторович ЛЯГИН) Roman Viktorovych LIAHIN (Роман Вікторович ЛЯГІН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.5.1980 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	Eks kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Organizza b'mod attiv ir-referendum fil-11 ta' Mejju 2014 dwar l-awtodeterminazzjoni tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Eks "Ministru għax-Xogħol u l-Politika Soċjali". Soġġett għal proċedimenti kriminali fl-Ukrajna.	12.5.2014
▼M33				
59.	Aleksandr Sergeevich MALYKHIN Alexander Sergeevich MALYHIN (Александр Сергеевич МАЛЫХИН) Oleksandr Serhiyovych (Sergiyovych) MALYKHIN (Олександр Сергійович МАЛИХІН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 12.1.1981	Eks kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Organizza b'mod attiv ir-referendum fil-11 ta' Mejju 2014 dwar l-awtodeterminazzjoni tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' politiki separatisti.	12.5.2014
▼M69				
60.	Natalia Vladimirovna POKLONSKAYA (Наталья Владимировна ПОКЛОНСКАЯ)	Sess: mara Data tat-twelid: 18.3.1980 Post tat-twelid: Mikhailovka, reġjun ta' Voroshilovgrad, RSS Ukrena jew Yevpatoria, issa l-Ukrajna	Eks membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea li ġiet annessa illegalment. Eks Prosekutriċi tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'. Implimentat b'mod attiv l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja. Eks Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet Internazzjonali, membru tal-Kummissjoni dwar l-investigazzjoni tal-interferenza barranija fl-affarijiet interni tal-Federazzjoni Russa, membru tal-Kumitat għas-sigurtà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Eks Ambaxxatur fil-korpi diplomatiċi tal-Federazzjoni Russa.	12.5.2014

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Eks Viċi Kap tal-Federal Agency for the Commonwealth of Independent States Affairs, Compatriots Living Abroad, and International Humanitarian Cooperation (Rossotrudnichestvo). Konsulent tal-Prosekutur Ġenerali tar-Russja minn Ġunju 2022. Hija ġiet ppremjata bl-ordni 'Għal-lealtà għad-dmir' mill-'awtoritajiet' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea' fl-2015.	
▼M33 61.	Igor Sergeievich SHEVCHENKO (Игорь Сергеевич ШЕВЧЕНКО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 9.2.1979 Post tat-Twelid: Sevastopol, il-Krimea, l-Ukrajna	Eks Prosekutur ta' Sevastopol u bħala tali li attivament jimplimentaw l-annessjoni ta' Sevastopol mir-Russja. Prosekutur tar-Repubblika ta' Adygea.	12.5.2014
▼M59 62.	Aleksandr Yurevich BORODAI (Александр Юрьевич БОРОДАЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 25.7.1972 Post tat-twelid: Moscow, Federazzjoni Russa	Kien l-hekk imsejjaħ eks "Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", bħala tali responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (eż. fit-8 ta' Lulju 2014 iddikjara li "l-militar tagħna qed iwettaq operazzjoni speċjali kontra l-"faxxisti' Ukreni"), firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti; imexxi l-"Unjoni ta' voluntieri ta' Donbas". President tal-Bord tal-Għaqda ta' Voluntiera ta' Donbas. Involut b'mod attiv fir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-"voluntiera" mibgħuta jiġġieldu f'Donbas. Membru tad-Duma tal-Istat minn Settembru 2021. F'Ottubru 2021 iddikjara li l-forzi separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna huma "forzi Russi". Viċi President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat għall-Commonwealth ta' Stati Indipendenti, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u r-Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti. Huwa vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna	12.7.2014

▼M59

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
63.	Alexander KHODAKOVSKY Oleksandr Serhiyovych KHODAKOVSKYY (KHODAKOVSKYI) (Олександр Сергійович ХОДАКОВСЬКИЙ) Aleksandr Sergeevich KHODAKOVSKII (Александр Сергеевич ХОДАКОВСКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 18.12.1972 Post tat-twelid: Donetsk, Ukraine	Dak li kien jissejjaħ eks "Ministru għas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" , bħala tali responsabbli għal attivitajiet ta' sigurtà separatisti tal-ħekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Kmandant tal-battaljun "Vostok" tal-"Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-ħekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" li qed jiġġieled f'Mariupol. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.7.2014
64.	Alexandr Arkadievich KALYUSSKY (Александр Аркадьевич КАЛЮССКИЙ) Oleksandr Arkadiyovych KALYUSSKIY (Олександр Аркадійович КАЛЮСЬКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 9.10.1975	L-ħekk imsejjaħ eks "Viċi Prim Ministru *de facto* għall-Affarijiet Soċjali tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-ħekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.7.2014
65.	Alexander KHRYAKOV Aleksandr Vitalievich KHRYAKOV (Александр Витальевич ХРЯКОВ) Oleksandr Vitaliyovych KHRYAKOV (Олександр Віталійович ХРЯКОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 6.11.1958 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	L-ħekk imsejjaħ eks "Ministru għall-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Massa tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Bħalissa membru tal-ħekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-Kumitat dwar il-Baġit, il-Finanzi u l-Politika Ekonomika tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ tal-azzjonijiet separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna.	12.7.2014
66.	Marat Faatovich BASHIROV (Марат Фаатович БАШИРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 20.1.1964 Post tat-twelid: Izhevsk, Russian Federation	Eks ħekk imsejjaħ "Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", ikkonfermat fit-8 ta' Lulju 2014. Responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-ħekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Attwalment xjentist politiku fl-Institute of Communication Management u Direttur tas-Centre for the Study of Problems of International Sanctions Regimes, professur fil-Higher School of Economics. Ikompli b'attivitajiet ta' appoġġ għal strutturi separatisti tal-ħekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	12.7.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
67.	Vasyl Oleksandrovych NIKITIN (Василь Олександрович НІКІТІН) Vasilii Aleksandrovich NIKITIN (Василий Александрович НИКИТИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 25.11.1971 Post tat-Twelid: Shargun, l-Użbekistan Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ eks “Viċi Prim Ministru tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” (kien l-hekk imsejjaħ eks “Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”, u eks kelliem tal-“Armata tax-Xlokk”). Responsabbli għall-attivitajiet “governattivi” separatisti tal-hekk imsejjaħ “gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Responsabbli għad-dikjarazzjoni tal-Armata tax-Xlokk li l-elezzjonijiet presidenzjali Ukreni fir-“Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” ma jistgħux isiru minħabba l-istatus il-“ġdid” tar-reġjun. Għadu attiv fl-appoġġ ta’ azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.7.2014
68.	Aleksey Vyacheslavovich KARYAKIN (Алексей Вячеславович КАРЯКИН) Oleksiy Vyacheslavovych KARYAKIN (Олексій В’ячеславович КАРЯКІН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.4.1980 jew 7.4.1979 Post tat-Twelid: Stakhanov reġjun ta’ Luhansk, l-Ukrajna	Sal-25 Marzu 2016 l-hekk imsejjaħ “President tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”, responsabbli għall-attivitajiet “governattivi” separatisti tal-“Kunsill Suprem”, responsabbli għat-talba lill-Federazzjoni Russa biex tirrikonoxxi l-indipendenza tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Firmatarju tal-Memorandum ta’ Qbil dwar l-“unjoni ta’ Novorossiya”. Eks membru tal-hekk imsejjaħ “Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Għadu attiv fl-appoġġ ta’ azzjonijiet jew politiki separatisti. Attwalment President tal-hekk imsejħa “Awla Pubblika tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”.	12.7.2014
69.	Yuriy Volodymyrovych IVAKIN (Юрій Володимирович ІВАКІН) Iurii Vladimirovich IVAKIN (Юрий Владимирович ИВАКИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 13.8.1954 Post tat-Twelid: Pererevalsk (oblast ta’ Luhansk), l-Ukrajna	Dak li kien jissejjaħ “Ministru għall-Affarijiet Interni tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” ta’ qabel, bħala tali responsabbli għal attivitajiet “governattivi” separatisti tal-hekk imsejjaħ “gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”.	12.7.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
70.	Igor PLOTNITSKY Igor Venediktovich PLOTNITSKII (Игорь Венедиктович ПЛОТНИЦКИЙ) Ihor (Igor) Venedyktovych PLOTNYTSKYY (Ігор Венедиктович ПЛОТНИЦЬКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 24.6.1964 jew 25.6.1964 jew 26.6.1964 Post tat-Twelid: Luhansk (possibilment f'Kelmentsi, oblast ta' Chernivtsi), l-Ukrajna	L-hekk imsejjaħ "Ministru għad-Difiża" u l-hekk imsejjaħ eks "Kap" tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk, u bħala tali responsabbli għal attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Eks Mibgħut Speċjali preċedenti tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" dwar l-implimentazzjoni ta' Minsk.	12.7.2014

▼M69

71.	Nikolay Ivanovich KOZITSYN (Николай Иванович КОЗИЦЫН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 20.6.1956 jew 6.10.1956 Post tat-twelid: Dzerzhinsk, Donetsk region, Ukraine	Kmandant tal-forzi Kosakki. Responsabbli għall-kmand tas-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna fil-ġlieda kontra l-forzi tal-gvern Ukren. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.7.2014

▼M14

———

▼M33

73.	Mikhail Efimovich FRADKOV (Михаил Ефимович ФРАДКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 1.9.1950 Post tat-Twelid: Kurumoch, ir-reġjun ta' Kuibyshev, il-Federazzjoni Russa	Eks membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Eks Direttur tas-Servizz tal-Intelligence Estera tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Fl-4 ta' Jannar 2017, Direttur tal-Istitut Russu għall-Istudji Strateġiċi. Huwa wkoll il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' "Almaz-Antey". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	25.7.2014

▼M69

74.	Nikolai Platonovich PATRUSHEV (Николай Платонович ПАТРУШЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 11.7.1951 Post tat-twelid: Leningrad, eks USSR, St Petersburg, Russian Federation	Membru permanenti u Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Appoġġa pubblikament l-indipendenza ta' Donetsk u Luhansk. Patrushev huwa wieħed mill-proponenti ewlenin tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, jiġġustifika pubblikament l-invażjoni u jippromwovi l-għanijiet tal-gwerra.	25.7.2014

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
75.	Aleksandr Vasilievich BORTNIKOV (Александр Васильевич БОРТНИКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.11.1951 Post tat-twelid: Perm, Russian Federation	Membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Direttur tas-Servizz Federali tas-Sigurtà (Federal Security Service, FSB). Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Jappoġġa pubblikament azzjonijiet jew politiki separatisti.	25.7.2014

▼M34

76.	Rashid Gumarovich NURGALIEV (Рашид Гумарович НУРГАЛИЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 8.10.1956 Post tat-twelid: Zhetikara, ir-Repubblika Soċjalista Sovjetika Kazaka (issa l-Każakistan)	Membru u Viċi Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.7.2014

▼M69

77.	Boris Vyacheslavovich GRYZLOV (Борис Вячеславович ГРЫЗЛОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.12.1950 Post tat-twelid: Vladivostok, il-Federazzjoni Russa	Eks membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa għadu president tal-Kunsill Suprem tal-partit Russja Magħquda u rappreżentant pleni-potenzjarju tal-Federazzjoni Russa fil-Grupp ta' Kuntatt dwar is-soluzzjoni tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Il-President tal-Bord tad-Diretturi tal-intrapriża tal-Istat Tactical Missiles Corporation JSC. Huwa għandu l-pożizzjoni ta' Ambaxxatur fil-korpi diplomatiċi tal-Federazzjoni Russa. Jappoġġa pubblikament il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna.	25.7.2014

▼M33

78.	Sergei Orestovich BESEDA (Сергей Орестович БЕСЕДА)	Sess: raġel Data tat-twelid: 17.5.1954	Kmandant tal-Ħames Servizz tal-FSB, is-Servizz Federali ta' Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala uffiċjali għoli tal-FSB (Kurunell-Ġenerali), huwa jmexxi servizz responsabbli li jissorvelja l-operazzjonijiet ta' intelligence u l-attività internazzjonali.	25.7.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M59				
79.	Mikhail Vladimirovich DEGTYARYOV/ DEGTYAREV (Михаил Владимирович ДЕГТЯРЁВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.7.1981 Post tat-twelid: Kuibyshev (Samara), il-Federazzjoni Russa	Eks Membru tad-Duma tal-Istat. Bħala membru tad-Duma huwa ħabbar l-inawgurazzjoni tal-“ambaxxata de facto” tal-hekk imsejħa u mhux rikonoxxuta “Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” f'Moska, u jikkontribwixxi għad-dgħajfien jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Eks President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat Russu dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Isport u l-Affarijiet taż-Żgħażagħ. Mid-19 ta' Settembru 2021, Gvernatur ta' Khabarovsk Krai. Mis-6 ta' Frar 2021, Koordinatur tal-fergħa reġjonali tal-Partit Demokratiku Liberali tar-Russja,. Mill-15 ta' Novembru 2021, membru tal-Kunsill tal-Istat tal-Federazzjoni Russa permezz tad-Digriet tal-President Putin.	25.7.2014
▼M69				
80.	Ramzan Akhmadovitch KADYROV (Рамзан Ахматович КАДЫРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 5.10.1976 Post tat-twelid: Tsentaroy, Chechnya, Russian Federation	President tar-Repubblika taċ-Ċeċenja. Kadyrov għamel dikjarazzjonijiet b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u b'appoġġ għar-ribelljoni armata fl-Ukrajna. Fl-14 ta' Ġunju 2014 huwa ddikjara fost affarijiet oħra li hu “ser jagħmel minn kollox biex jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-Krimea”. F'dak il-kuntest, huwa ngħata l-medalja għal-“liberazzjoni tal-Krimea” mill-Aġent Kap tar-“Repubblika Awtonoma tal-Krimea” għall-appoġġ li pprovda lill-annessjoni illegali tal-Krimea. Barra minn hekk, fl-1 ta' Ġunju 2014 huwa qal li lest jibgħat 74 000 voluntier Ċeċen fl-Ukrajna jekk jintalab jagħmel dan. Membru tal-Kunsill Suprem tal-partit United Russia. Kadyrov huwa wieħed minn dawk li jsostnu l-aktar fil-beraħ il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna. Kadyrov huwa responsabbli għall-ħolqien u l-iskjerament ta' diversi unitajiet militari fl-Ukrajna. Għalhekk, attivament jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.7.2014
81.	Alexander Nikolayevich TKACHYOV (Александр Николаевич ТКАЧЁВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 23.12.1960 Post tat-twelid: Vyselki, Krasnodar region, Russian Federation	Eks Gvernatur tal-Krasnodar Krai. Ingħata l-midalja “għal-ħelsien tal-Krimea” mill-Aġent kap tar-“Repubblika Awtonoma tal-Krimea” għall-appoġġ li pprovda lill-annessjoni illegali tal-Krimea. F'dik l-okkażjoni, l-Aġent Kap tar-“Repubblika Awtonoma tal-Krimea” qal li Tkachyov kien minn tal-ewwel li esprimew l-appoġġ tagħhom għat-“tmexxija” l-ġdida tal-Krimea.	25.7.2014

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Eks Ministru għall-Agrikoltura tal-Federazzjoni Russa. Azzjonist ewlieni tal-kumpanija Agrocomplex. Tkachyov wieġħed pubblikament li jappoġġa rġiel mobilizzati li jieħdu sehem fil-gwerra kontra l-Ukrajna.	
82.	Pavel Yurievich GUBAREV (Павел Юрьевич ГУБАРЕВ) Pavlo Yuriyovich GUBARIEV (HUBARIEV) (Павло Юрійович ГУБАРЄВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.2.1983 (jew 10.3.1983) Post tat-twelid: Sievierodonetsk, Ukrajna	Wieħed minn dawk li jiddeskrivu lilhom infushom bħala mexxejja tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Huwa talab l-intervent Russu fil-Lvant tal-Ukrajna, inkluż permezz tal-iskjerament ta' forzi taż-żamma tal-paċi Russi. Kien assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Gubarev kien responsabbli għar-reklutaġġ ta' nies għall-forzi armati tas-separatisti. Responsabbli għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b'forzi pro-Russi u pproklama lilu nnifsu bħala l-"gvernatur tal-poplu". Minkejja li ġie arrestat għat-theddid tal-integrità territorjali tal-Ukrajna, u sussegwentement inħeles, huwa kompla jaqdi rwol prominenti f'attivitajiet separatisti, u għaldaqstant dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Skont id-dikjarazzjoni tiegħu stess, huwa ġġieled fil-Forzi Armati Russi qrib Kiev f'Marzu 2022. F'Ottubru 2022 huwa ddikjara li "l-Ukreni huma poplu Russu" u kompla jxerred propaganda Russa li tippromwovi l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.	25.7.2014
83.	Ekaterina Yurievna GUBAREVA (Екатерина Юрьевна ГУБАРЕВА) Kateryna Yuriyivna GUBARIEVA (HUBARIEVA) (Катерина Юріївна ГУБАРЄВА)	Sess: mara Data tat-twelid: 5.7.1983 jew 10.3.1983 Post tat-twelid: Kakhovka (Kherson oblast), Ukraine	Fil-kapaċità tagħha ta' hekk imsejjaħ eks "Ministru għall-Affarijiet Barranin" kienet responsabbli għad-difiża tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u għaldaqstant dgħajfet l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità hija appoġġat b'hekk azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Eks Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (sa Novembru 2018). Maħtura bħala "viċi kap tal-amministrazzjoni militari-ċivili fir-reġjun ta' Kherson" f'Ġunju 2022.	25.7.2014

▼M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M48				
84.	Fyodor Dmitrievich BEREZIN (Фёдор Дмитриевич БЕРЕЗИН) Fedir Dmytrovych BEREZIN (Федір Дмитрович БЕРЕЗІН)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 7.2.1960 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	L-hekk imsejjaħ eks “viċi Ministru għad-difiża” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Huwa assoċjat ma’ Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f’din il-kapaċità, Berezin għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta’ azzjonijiet jew politiki separatisti. Membru tal-hekk imsejjaħ “Kunsill tal-Poplu” tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. President attwali tal-Bord tal-Unjoni tal-Kittieba tad-DNR.	25.7.2014
▼M33				
85.	Valery Vladimirovich KULIKOV (Валерий Владимирович КАУРОВ) Valeriy Volodymyrovych KAUROV (Валерій Володимирович КАУРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 2.4.1956 Post tat-Twelid: Odessa, l-Ukrajna	L-hekk imsejjaħ “president” tal-hekk imsejħa “Repubblika ta’ Novorossiya” li appella lir-Russja biex tiskjera truppi fl-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f’din il-kapaċità għalhekk huwa appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta’ azzjonijiet jew politiki separatisti.	25.7.2014
▼M34				
681.	Andrey Anatolyevich TURCHAK (Андрей Анатольевич ТУРЧАК)	Data tat-twelid: 20.12.1975 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa) Funzjoni: Segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia; L-ewwel deputat speaker tal-Kunsill tal-Federazzjoni Sess: raġel	Andrey Turchak huwa s-segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia u l-ewwel viċi kelliem tal-Kunsill tal-Federazzjoni. Is-suċċess politiku tiegħu huwa marbut ma' missieru, Anatoly Turchak, li kien jitħarreġ fil-judo ma' Vladimir Putin u l-aħwa Rotenberg. Huwa ppromwova attitudni pożittiva għar-rikonoxximent tal-hekk imsejħa "Repubbliki tal-Poplu" separatisti ta' Donetsk u Luhansk. Huwa appella lill-awtoritajiet Russi biex jipprovdu armi avvanzati lill-forzi separatisti pro-Russi fir-reġjun ta' Donbas. Huwa stqarr pubblikament li kien impossibbli li l-konflitt ta' Donbas jissolva b'mod paċifiku mal-awtoritajiet Ukreni. Huwa esprima allegazzjonijiet infondati dwar offensiva militari Ukrena ppjanata f'Donbas. Huwa mexxa n-negozjati ma' Denis Pushilin. kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu" separatista ta' Donetsk. Huwa żar punt ta' mobilizzazzjoni tal-forzi armati separatisti fiż-żona tal-ewwel linja ta' Donbas biex personalment jifraħ lis-suldati tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" separatista f'Jum id-Difensur tal-Patrija. Huwa ddefenda pubblikament id-deċiżjoni tar-Russja li tirrikonoxxi r-"repubbliki" separatisti ta' Donbas. Huwa ddikjara li r-Russja hija indifferenti għas-sanzjonijiet tal-Punent. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	28.2.2022
682.	Tigran Edmondovich KEOSAYAN (Тигран Эдмондович КЕОСАЯН)	Data tat-twelid: 4.1.1966 Post tat-twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa Funzjoni: Attur u direttur, preżentatur tal-programm televiżiv ta' propaganda dwar affarijiet politiċi fuq il-kanal NTV imsejjaħ "International Sawmill with Tigran Keosayan" Sess: raġel	Is-Sur Tigran Keosayan huwa direttur tal-films u ġurnalist li xerred il-propaganda kontra l-Ukrajna fil-media Russa. Fil-programm televiżiv tiegħu ffinanzjat mill-istat, "International Sawmill with Tigran Keosayan", huwa konsistentement ippreżenta lill-Ukrajna bħala pajjiż dgħajjef u korrott li baqa' għaddej biss bis-saħħa tal-għajnuna tal-Punent. Huwa ssuġġerixxa li l-awtoritajiet Ukreni ma kinux leġittimi. Huwa ddikjara ripetutament li l-Krimea kienet tappartjeni lir-Russja, u li Donbas ma kinitx parti mill-Ukrajna. Is-Sur Keosayan ipparteċipa fil-forum tad-"Donbas Russu" li ġie organizzat f'Donetsk mill-awtoritajiet tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" bil-għan li tinfirex id-duttrina tad-"Donbas Russu". Huwa akkuża pubblikament lill-Ukrajna li eskalat il-konflitt. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	28.2.2022

▼M59

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Il-programm televiżiv “International Sawmill with Tigran Keosayan” irċieva finanzjament minn kumpanniji statali Russi, li ma kienx ġustifikat għal raġunijiet kummerċjali iżda ngħata bħala premju lis-Sur Keosayan għall-isforzi propagandisti tiegħu u għal-lealtà tiegħu lejn Vladimir Putin. Is-Sur Keosayan iddirieġa film propagandist “The Crimean Bridge. Made with Love!”, li jglorifika l-Pont tal-Krimea li jgħaqqad it-territorju tal-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment mar-Russja. Ġie rrappurtat li l-film kien maħsub bħala rigal lill-President Putin. Alexei Gromov, l-ewwel viċi kap tal-amministrazzjoni presidenzjali, għen biex jiġi żgurat finanzjament statali għall-film, li bis-saħħa tiegħu s-Sur Keosayan kiseb profitt finanzjarju. Għaldaqstant huwa bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

▼M45

683.	Olga Vladimirovna SKABEYEVA (Ольга Владимировна СКАБЕЕВА)	Data tat-twelid: 11.12.1984 Funzjoni: Kofundatur u editur kap tal-portal REGNUM; Post tat-twelid: Volzhsky, Russia Funzjoni: Ġurnalista tat-TV tal-Istat Rossiya-1, li tmexxi programm ta' taħdit politiku “60 minuta” (flimkien ma’ żewġha Yevgeniy Popov) – l-aktar talk-show popolari fir-Russja) Sess: Mara	Is-Sa Olga Skabeyeva hija ġurnalista tal-istazzjon televiżiv tal-istat Rossiya-1. Flimkien ma' żewġha Yevgeniy Popov, hija tospita l-aktar dibattitu politiku televiżiv popolari fir-Russja, “60 Minutes”, fejn xerrdet propaganda kontra l-Ukrajna, u ppromwoviet attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas. Fil-programm televiżiv tagħha hija konsistentement ippreżentat is-sitwazzjoni fl-Ukrajna b'mod preġudikat, u wriet il-pajjiż bħala stat artifiċjali, sostnut kemm militarment kif ukoll finanzjarjament mill-Punent u għalhekk hija satellita tal-Punent u għodda f'idejn in-NATO. Hija naqqset ukoll ir-rwol tal-Ukrajna għall-“anti-Russja moderna”. Barra minn hekk, hija spiss stiednet mistednin bħas-Sur Eduard Basurin, is-Segretarju tal-Istampa tal-Kmand Militari tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u s-Sur Denis Pushilin, kap tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”. Hija kkċċiet mistieden li ma kkonformax mal-linji narrattivi tal-propaganda Russa, bħall-ideoloġija tad-“dinja Russa”. Is-Sa Skabeyeva tidher li hija konxja tar-rwol ċiniku tagħha fil-magna ta' propaganda Russa, flimkien ma' żewġha. Għaldaqstant, hija responsabbli li b'mod attiv appoġġat jew implimentat azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
684.	Alexander PONOMARENKO (Александр Анатольевич ПОНОМАРЕНКО)	Data tat-twelid: 27.10.1964 Post tat-twelid: Bilohirsk, Ukrainian SSR, (issa Ukraine) Funzjoni: Oligarka Russu, President tal-Bord tal-Ajruport Internazzjonali ta' Sheremetyevo Sess: raġel	Alexander Ponomarenko huwa oligarka Russu u eks President tal-Bord tal-Ajruport Internazzjonali ta' Sheremetyevo, li għadu marbut miegħu bħala azzjonist. Ponomarenko huwa assoċjat ma' Arkady Rotenberg, negozjant Russu prominenti, li għandu rabtiet personali mill-qrib mal-President Putin. Huwa involut fil-finanzjament tal-kumpless tal-palazz viċin Gelendzhik, li jintuża mill-President Putin personalment. Għalhekk, huwa jappoġġa u jibbenifika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	28.2.2022
685.	Modest Alexeyevich KOLEROV (Модест Алексеевич КОЛЕРОВ)	Data tat-twelid: 12.4.1963 Post tat-twelid: Kimovsk, Russia Funzjoni: Kofundatur tal-portal REGNUM, li jispeċjalizza fiż-żona post-Sovjetika. Mill-2005 sal-2007 huwa ħadem fl-Amministrazzjoni Presidenzjali. Sess: raġel	Modest Kolerov huwa kofundatur tal-portal REGNUM, li huwa uża biex ixerred narrattivi propagandisti aggressivi u preġudikati kontra l-Ukrajna, u biex jippromwovi attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas. Spiss wera lill-Ukrajna bħala pajjiż faxxista jew neo-Nazista, u pupazz tal-Punent. Huwa ddikjara li l-Ukrajna nħolqot artifiċjalment minn Lenin u Stalin. Skont il-pubblikazzjonijiet tiegħu, l-Ukrajna taf l-indipendenza tagħha lir-Russja u għalhekk ma jistħoqqilha l-ebda dritt li tkun stat sovran. Huwa ssuġġerixxa wkoll li r-Russja għandha ttemm l-eżistenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa ppropona li l-Ukrajna tinqasam bejn il-ġirien tagħha u hedded li Ukrajna indipendenti tkun ta' theddida għar-Russja. Huwa ppromwova b'mod attiv ir-rikonoxximent tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u għal aktar azzjonijiet Russi favur is-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna. Huwa ċaħad il-provi tal-appoġġ militari Russu għas-separatisti, u indika l-missjoni tal-OSKE fil-Lvant tal-Ukrajna bħala preġudikata u subordinata għal Kiev. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u għat-tfixkil tal-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	28.2.2022

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
686.	Roman Georgievich BABAYAN (Роман Георгиевич БАБАЯН)	Data tat-twelid: 7.12.1967 Post tat-twelid: Baku, Azerbaijan Funzjoni: Ġurnalist, preżentatur tal-programm televiżiv “Own Truth” fuq l-istazzjon NTV. Huwa wkoll il-kap editur tar-radju “Moscow Speaks”. Huwa wkoll membru tad-Duma tal-Belt ta’ Moska. Sess: raġel	Is-Sur Roman Babayan huwa ġurnalist u membru tad-Duma tal-Belt ta’ Moska. Huwa jippreżenta l-programm televiżiv “Own Truth” fuq l-istazzjon NTV. Huwa wkoll il-kap editur tar-radju “Moscow Speaks”. Huwa xerred propaganda kontra l-Ukrajna u ppromwova attitudni pożittiva lejn l-azzjonijiet tas-separatisti f’Donbas. F’intervista li ta lil Ukrajna.ru, stqarr b’mod ċar li kull abitant ta’ Donbas jippreferi li r-reġjun jingħaqad mar-Russja, u qajjem dubji dwar id-dritt tal-Ukrajna għat-territorji tagħha stess. Barra minn hekk, huwa akkuża lill-awtoritajiet Ukreni b’persekuzzjonijiet ibbażati fuq in-nazzjonalità f’Donbas u *de facto* b’ġenoċidju, u qal li l-Ukreni qatlu tfal u anzjani f’Donbas. Huwa appoġġa wkoll in-narrattiva Russa dwar ir-“reġim faxxista” fl-Ukrajna. Sabiex jagħmel dan, huwa ppreżenta reġistrazzjoni mhux ċara ta’ suldati lebsin l-arma navali tal-Ġermanja Nazista, u ddeskrivihom bħala Ukreni. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b’mod attiv, ta’ azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	28.2.2022

▼M59

687.	Yevgeniy Nikolaevich PRILEPIN (Евгений Николаевич ПРИЛЕПИН) magħruf ukoll bħala Zakhar PRILEPIN (Захар ПРИЛЕПИН) magħruf ukoll bħala Yevgeniy LAVLINSKIY (Евгений ЛАВЛИНСКИЙ)	Data tat-twelid: 7.7.1975 Post tat-twelid: Il'inka, il-Federazzjoni Russa Funzjoni: Ġurnalist, kittieb, kopresident tal-partit A Just Russia – Patriots – For Truth, attivist. Sess: raġel	Is-Sur Prilepin huwa attivist, ġurnalist u kittieb Russu, u kopresident tal-partit 'A Just Russia – Patriots – For Truth'. Huwa esprima l-appoġġ pubbliku tiegħu għas-separatisti Russi fil-Krimea u f'Donbas. Huwa bagħat għajnuna lil Donetsk u ta pariri lill-mexxejja separatisti. Huwa pparteċipa fil-konflitt ta' Donbas fuq in-naħa separatista, u serva bħala viċi kmandant ta' wieħed mill-battaljuni separatisti, u ddeskriva l-involviment tiegħu fid-dettall. Barra minn hekk, huwa uża l-fama u r-reputazzjoni tiegħu bħala kittieb famuż biex ixerred propaganda kontra l-Ukrajna, u biex jippromwovi attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas. Is-Sur Prilepin indika lill-awtoritajiet Ukreni bħala korrotti, tahom ħtija għall-eskalazzjoni tal-konflitt, sejjaħ lil Kiev bħala belt Russa u ddikjara li l-għan aħħari tar-Russja għandu jkun li tinħataf Kiev. Huwa ħa sehem f'film dokumentarju ta' propaganda Russu “Krimea: Lura d-Dar” li glorifika l-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mir-Russja. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼**M59**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
688.	Anton Vyacheslavovich KRASOVSKY (Антон Вячеславович КРАСОВСКИЙ) magħruf ukoll bħala Anton Vyacheslavovich KUZNETSOV-KRASOVSKY (Антон Вячеславович КУЗНЕЦОВ-КРАСОВСКИЙ)	Data tat-twelid: 18.7.1975 Post tat-twelid: Podolsk, il-Federazzjoni Russa Funzjoni: Attivist, ġurnalist, propagandist, ospitant ta' programm ta' taħdit bl-isem "The Antonyms" fuq RT, stazzjon televiżiv Russu ffinanzjat mill-istat Sess: raġel	Is-Sur Anton Krasovsky huwa ġurnalist, li jospita d-dibattitu televiżiv "The Antonyms" fuq RT, stazzjon televiżiv Russu ffinanzjat mill-istat. Huwa xerred il-propaganda kontra l-Ukrajna. Huwa sejjaħ lill-Ukrajna art Russa u ddenigra lill-Ukreni bħala nazzjon. Huwa hedded ukoll lill-Ukrajna bl-invażjoni Russa jekk l-Ukrajna kienet ser tieħu iktar passi biex tingħaqad man-NATO. Huwa ssuġġerixxa li tali azzjoni kienet ser twassal għat-"teħid" tal-kostituzzjoni tal-Ukrajna, b'din "tinħaraq fuq Khreshchatyk". Barra minn hekk, huwa ssuġġerixxa li l-Ukrajna għandha tingħaqad mar-Russja. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	28.2.2022
689.	Arkady Viktorovich MAMONTOV (Аркадий Викторович МАМОНТОВ)	Data tat-twelid: 26.5.1962 Post tat-twelid: Novosibirsk,il-Federazzjoni -Russa Funzjoni: Ġurnalist tat-TV u preżentatur tat-TV, ospitant tal-programm tat-TV "Author's Program of Arkady Mamontov" fuq l-istazzjon televiżiv Rossiya-1, awtur ta' films dokumentarji Sess: raġel	Is-Sur Arkady Mamontov jospita l-programm televiżiv "Author's Program of Arkady Mamontov" u huwa awtur ta' films dokumentarji għat-televiżjoni Russa. Huwa xerred il-propaganda kontra l-Ukrajna. Huwa dderieġa film propagandista b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li fih huwa ppreżenta l-ħakma Ukrena qabel l-annessjoni illegali bħala kaotika u mimlija anarkija. Fil-films tiegħu, huwa wera lill-Ukrajna bħala ċentru tan-neo-Nazismu, il-faxxiżmu, in-nazzjonaliżmu u s-sentiment anti-Russu. Huwa eżaġera r-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-lemin estrem fl-Ukrajna. Huwa akkuża lill-Ukrajna b'politiki diskriminatorji kontra l-kultura u l-lingwa Russa fl-Ukrajna. Huwa dgħajjef il-kredibbiltà u l-leġittimità tal-awtoritajiet Ukreni billi ssuġġerixxa li Euromaidan kien kolp ta' stat ispirat minn barra l-pajjiż, u li l-gvern Ukren kien dipendenti fuq l-Istati Uniti tal-Amerka. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	28.2.2022
690.	Sergei Mikhailovich PINCHUK (Сергей Михайлович ПИНЧУК)	Data tat-twelid: 26.7.1971 Post tat-twelid: Sevastopol, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna) Funzjoni: Viċi ammirall, l-Ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed Sess: raġel	Sergey Pinchuk huwa Viċi Ammiral u l-ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, li hija subordinat għad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tal-Forzi Armati Russi, u kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna.	28.2.2022

▼**M59**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Forzi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed ħadu sehem fi eżerċizzji militari fuq skala kbira qrib u fi ħdan il-fruntieri tal-Ukrajna. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawk iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Meta fl-24 ta' Frar 2022 ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala sħiħa fuq l-Ukrajna, it-truppi Russi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed wettqu operazzjonijiet ta' ħatt l-art f'Mariupol u Odessa. Għaldaqstant, Sergei Pinchuk huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	
691.	Alexey Yurevich AVDEEV (Алексей Юрьевич АВДЕЕВ)	Data tat-twelid: 17.5.1967 Post tat-twelid: Tashkent, qabel il-USSR (issa l-Użbekistan) Funzjoni: Logutenent Ġeneral, Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: raġel	Alexey Avdeev huwa Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tar-Russja, li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan ġiet iffurmata t-tmien Armata l-ġdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqalqu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-"repubbliki" separatisti. Għaldaqstant, Alexey Avdeev huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna	28.2.2022

▼M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
692.	Rustam Usmanovich MURADOV (Рустам Усманович МУРАДОВ)	Data tat-twelid: 21.3.1973 Post tat-twelid: Dagestan,Russia Funzjoni: Logutenent Ġeneral, Kmandant tad-Distrett Militari tal-Lvant, eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: raġel	Rustam Muradov ilu Logutenent Ġeneral u Kmandant tad-Distrett Militari tal-Lvant mis-7 ta' Ottubru 2022. Qabel, kien il-viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar, li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. F'Lulju 2022 inħatar kmandant tal-grupp tal-forzi tar-Russja "Vostok" li jopera fl-Ukrajna. Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan ġiet iffurmata t-tmien Armata l-ġdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqalqu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-"repubbliki" separatisti. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala kbira tal-Ukrajna. Għaldaqstant, Rustam Muradov huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
693.	Andrey Ivanovich SYCHEVOY (Андрей Иванович СЫЧЕВОЙ)	Data tat-twelid: 16.5.1969 Post tat-twelid: village of Troitskaya, Krymsky District, Krasnodar Territory, l-eks USSR, issa Russian Federation	Andrey Sychevoy huwa Logutenent Ġeneral u fl-24 ta' Frar 2022 kien Kmandant tal-8th Guards Combined Arms Army tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar, li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. F'Lulju 2022 inħatar kmandant tal-grupp tal-forzi tar-Russja "Zapad" li jopera fl-Ukrajna. Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan ġiet iffurmata t-tmien Armata l-ġdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa	28.2.2022

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Funzjoni: Kmandant tal-Grupp tal-Forzi tar-Russja "Zapad" li jopera fl-Ukrajna, eks Logutenent Ġeneral, Kmandant tal-8th Guards Combined Arms Army tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: raġel	tar-Russja. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqalqu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-"repubbliki" separatisti. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala kbira tal-Ukrajna. Għaldaqstant, Andrey Sychevoy huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	
694.	Gennady Nikolayevich TIMCHENKO (Геннадий Николаевич ТИМЧЕНКО)	Funzjoni: Sid tal-grupp ta' investiment privat Volga Group Data tat-twelid: 9.11.1952 Post tat-twelid: Leninakan, l-eks Soviet Union,issa Gyumri, Armenia Nazzjonalità: Armena, Russa, Finlandiża Sess: raġel	Gennady Timchenko huwa konoxxenza għal żmien twil tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u deskritt b'mod ġenerali bħala wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu. Huwa qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja. Huwa fundatur u azzjonist ta' Volga Group, grupp ta' investiment b'portafoll ta' investimenti f'setturi ewlenin tal-ekonomija Russa. Volga Grupp jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija Russa u l-iżvilupp tagħha. Huwa wkoll azzjonist ta' Bank Rossiya li huwa meqjus bħala l-bank ta' Putin u tal-assoċjati tiegħu. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ fergħat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, il-Bank Rossiya għandu interessi fin-National Media Group, azjenda tal-media, li tikkontrolla 28 intrapriża tal-media fir-Russja li qed ixerrdu b'mod attiv il-propaganda u d-diżinformazzjoni relatati mal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa responsabbli wkoll għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju jew materjali, u li jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
695.	Alexey Alexandrovits MORDASHOV (Алексей Александрович МОРДАШОВ)	Funzjoni: President ta' Severstal u Severgroup Data tat-twelid: 26.9.1965 Post tat-twelid: Cherepovets, Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Assoċjati: Yuriy KOVALCHUK; Nikolay SHAMALOV	Alexey Mordashov huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib mal-Gvern Russu. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, Alexey Mordashov, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President Vladimir Putin u ma' membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib ta' Vladimir Putin. Alexey Mordashois president tal-kumpanija Severgroup, kumpanija ta' investiment personali li s-sussidjarja tagħha, Severstal, topera fis-settur tal-azzar u tal-minjieri u tforni prodotti speċjali tal-azzar lill-industrija militari, inkluż l-azzar armat. Huwa għalhekk negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Alexey Mordashov qed jappoġġa u jimplimenta wkoll azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Finalment, huwa responsabbli wkoll għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju u materjali, u li jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	28.2.2022
696.	Peter Mikhaylovich FRADKOV (Петр Михайлович ФРАДКОВ)	Funzjoni: President ta' PJSC Promsvyazbank Data tat-twelid: 7.2.1978 Post tat-twelid: Moscow, Russia Sess: raġel	Petr Fradkov huwa l-president ta' PJSC Promsvyazbank u l-uniku korp eżekuttiv tal-bank. Promsvyazbank huwa bank tal-Istat Russu, li jipprovdi appoġġ finanzjarju lis-settur tad-difiża Russu u lill-Militar Russu, li huwa responsabbli għall-iskjerament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukrajna u għall-preżenza ta' truppi Russi fil-peniżola tal-Krimea. Promsvyazbank jingħata struzzjonijiet direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u għalhekk jipprovdi appoġġ finanzjarju u materjali lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna u l-annessjoni illegali tal-Krimea. Promsvyazbank jopera fil-Peniżola tal-Krimea. Promsvyazbank fetaħ total ta' 150 fergħa fir-Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk (DPR) u ta' Luhansk (LPR), kif ukoll fir-reġjuni ta' Kherson u Zaporizhzhia. Għalhekk, bħala president ta' Promsvyazbank, huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M46				
697.	Leonid Viktorovich KASINSKY (Russu: Леонид Викторович КАСИНСКИЙ; Belarussu: Леанід Віктаравіч КАСІНСКІ)	Data tat-twelid: 29.6.1972 Post tat-twelid: Grodno, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Assistent tal-Ministru għad-Difiża għax-Xogħol Ideoloġiku fil-Forzi Armati u Kap tad-Direttorat Ewlieni għax-Xogħol Ideoloġiku fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Leonid Kasinsky għandu l-pożizzjoni ta' assistent tal-Ministru għad-Difiża tal-Belarussja għall-ħidma ideoloġika fil-forzi armati. Huwa wkoll kap tad-Direttorat Ewlieni għall-ħidma ideoloġika fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Leonid Kasinsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
698.	Igor Vladimirovich MOZHILOVSKY (Russu: Игорь Владимирович МОЖИЛОВСКИЙ; Belarussu: Ігар Уладзіміравіч МАЖЫЛОЎСКІ)	Data tat-twelid: 28.2.1971 Post tat-twelid: Dubrovno, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Ekonomija Militari u l-Finanzi u Kap tad-Direttorat Ewlieni għax-Xogħol Ideoloġiku fil-Ministeru għad-Difiża Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Igor Mozhilovsky għandu l-pożizzjoni ta' assistent tal-Ministru għad-Difiża tal-Belarussja għall-ekonomija militari u l-finanzi. Huwa wkoll kap tad-Dipartiment Ewlieni għall-Finanzi u l-Ekonomija fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Igor Mozhilovsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

▼M46

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
699.	Oleg Leonidovich VOINOV (Russu: Олег Леонидович ВОИНОВ; Belarussu: Алег Леанідавіч ВОІНАЎ)	Data tat-twelid: 26.3.1967 Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, SSR tal-Ukrajna, issa Dnipro, l-Ukrajna Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tal-Ministeru Belarussu għad-Difiża u Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Oleg Vovinov għandu kariga ta' Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tal-Ministeru għad-Difiża u Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Oleg Voinov qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
700.	Sergei Anatolievich SAUTA (Russu: Сергей Анатольевич САУТА; Belarussu: Сяргей Анатольевіч САЎТА)	Funzjoni: Kurunell, Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Sergei Sauta għandu l-pożizzjoni ta' Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Sergei Sauta qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

▼M59

701.	Ivan Josephovich BOGUSLAVSKY (Russu: Иван Иосифович БОГУСЛАВСКИЙ; Belarussu: Іван Іосіфавіч БАГУСЛАЎСКІ)	Data tat-twelid: 4.8.1968 Post tat-twelid: Kalivaria, SSR tal-Belarussja (issa l-Belarussja) Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Kap tal-Ispettorat Militari tal-Forzi Armati fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Ivan Boguslavsky għandu l-pożizzjoni ta' Kap tal-Ispettorat Militari Ewlieni tal-Forzi Armati fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.	2.3.2022

▼M59

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Ivan Boguslavsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	
702.	Dmitry Anatolievich MIHOLAP (Russu: Дмитрий Анатольевич МИХОЛАП; Belarussu: Дзмітрый Анатольевіч МІХАЛАП)	Data tat-twelid: 28.12.1974 Post tat-twelid: Bukino, SSR tal-Belarussja, (issa l-Belarussja) Funzjoni: Kurunell, Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru Belorussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Dmitry Miholap għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi għad-Difiża tal-Ajru tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Dmitry Miholap qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

▼M46

703.	Anatoliy Anatolievich BULAVKO (Russu: Анатолий Анатольевич БУЛАВКО; Belarussu: Анатоль Анатольевіч БУЛАЎКА)	Data tat-twelid: 1.5.1969 Post tat-twelid: Kalinkovichi, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja Funzjoni: Kurunell, viċi kmandant għall-ħidma ideoloġika u kap tal-ħidma ideoloġika tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Anatoliy Bulavko għandu l-pożizzjoni ta' viċi kmandant għall-ħidma ideoloġika u kap tal-ħidma ideoloġika tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Anatoliy Bulavko qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

▼M46

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M59				
704.	Victor Vladimirovich SOYKO (Russu: Виктор Владимирович СОЙКО; Belarussu: Віктар Уладзіміравіч СОЙКА)	Data tat-twelid: 3.7.1971 Post tat-twelid: Komsomolskaya, SSR tal-Belarussja, (issa l-Belarussja) Funzjoni: Kurunell, Viċi Kmandant għall-Armamenti u Kap tal-Forza tal-Ajru Belarussa u d-Dipartiment tal-Armamenti tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Victor Soyko għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant għall-Armamenti u Kap tal-Forza tal-Ajru Belarussa u d-Dipartiment tal-Armamenti tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Victor Soyko qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
▼M46				
705.	Yuri Mikhailovich PEYGANOVICH (Russu: Юрий Михайлович ПЕЙГАНОВИЧ; Belarussu: Юрый Міхайлавіч ПЕЙГАНОВІЧ)	Funzjoni: Kurunell, Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru għal-Loġistika u Kap tad-Dipartiment Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Yuri Peyganovich għandu l-pożizzjoni ta’ Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru għal-Loġistika u Kap tad-Dipartiment. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta’ persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f’attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Yuri Peyganovich qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b’appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
706.	Alexander Ivanovich BAS (Russu: Александр Иванович БАС; Belarussu: Аляксандр Іванавіч БАС)	Data tat-twelid: 17.8.1971 Post tat-twelid: Khotomel, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja Funzjoni: Kurunell, Viċi Kmandant tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Alexander Bas għandu l-pożizzjoni ta’ Viċi Kmandant tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta’ persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f’attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.	2.3.2022

▼M46

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Alexander Bas qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	
707.	Dmitry Leontievich BEKREN (Russu: Дмитрий Леонтьевич БЕКРЕНЬ)	Data tat-twelid: 16.7.1979 Post tat-twelid: Slonim, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja Funzjoni: Viċi Kmandant tal-Armata għall-Ideoloġija, Kap tad-Dipartiment tal-Ideoloġija tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja, Kurunell Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Dmitry Leontievich Bekren għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tal-Armata għall-Ideoloġija, u Kap tad-Dipartiment tal-Ideoloġija tal-Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Dmitry Leontievich Bekren qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
708.	Vitaly Fridrikhovich KILCHEVSKY (Russu: Виталий Фридрихович КИЛЬЧЕВСКИЙ)	Data tat-twelid: 31.10.1978 Post tat-twelid: Ir-raħal ta' Patashnya, SFSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja Funzjoni: Viċi Kmandant għall-Armamenti u Kap tal-Armamenti, Kurunell Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vitaly Fridrikhovich Kilchevsky għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant għall-Armamenti u Kap tal-Armamenti tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vitaly Fridrikhovich Kilchevsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

▼**M46**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
709.	Sergey Nikolayevich GRINYUK (Russu: Сергей Николаевич ГРИНЮК)	Data tat-twelid: 11.5.1971 Post tat-Twelid: fi Brest, SSR tal-Belarussja, issa l-Federazzjoni Russa Funzjoni: Viċi Kmandant tat-Truppi għal-Loġistika, Kap tad-Dipartiment tal-Loġistika, Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja, Kurunell Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Sergey Nikolayevich Grinyuk għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tat-Truppi għal-Loġistika, u ta' Kap tad-Dipartiment tal-Loġistika, Kmand Operazzjonali tal-Punent tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Sergey Nikolayevich Grinyuk qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
710.	Aleksandr Viktorovich NAUMENKO (Russu: Александр Викторович НАУМЕНКО)	Funzjoni: Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operazzjonali tal-Majjistral tal-Belarussja, Maġġur Ġeneral Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aleksandr Viktorovich Naumenko għandu l-pożizzjoni ta' Kmandant tat-Troops tal-Kmand Operazzjonali tal-Majjistral tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Aleksandr Viktorovich Naumenko qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

▼**M46**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
711.	Vadim Evgenievich SHADURA (Russu: Вадим Евгеньевич ШАДУРА)	Funzjoni: Kap tal-Persunal - l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja, Kurunell Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vadim Evgenievich Shadura għandu l-pożizzjoni ta' Kap tal-Persunal - l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vadim Evgenievich Shadura qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
712.	Vladimir Vladimirovich KULAZHIN (Russu: Владимир Владимирович КУЛАЖИН)	Funzjoni: Viċi Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja, Maġġur Ġeneral Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vladimir Vladimirovich Kulazhin għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tat-Truppi tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Vladimir Vladimirovich Kulazhin qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

▼**M46**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
713.	Valery Ivanovich YANUSHKEVICH (Russu: Валерий Иванович ЯНУШКЕВИЧ)	Funzjoni: Viċi Kmandant tat-Truppi għall-Ħidma Ideoloġika - Kap tad-Dipartiment tal-Ħidma Ideoloġika tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja, Kurunell Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Valery Ivanovich Yanushkevich għandu l-pożizzjoni ta' Viċi Kmandant tat-Truppi għall-Ħidma Ideoloġika - Kap tad-Dipartiment tal-Ħidma Ideoloġika tal-Kmand Operattiv tal-Majjistral tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispazju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għarriforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Valery Ivanovich Yanushkevich qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
887.	Artyom/ Artem Grigoryevich SHEYNIN (Russu: Артём Григорьевич ШЕЙНИН)	Propagandist u preżentatur Russu tal-programm ta' taħdit "Vremya Pokazhet" ("Biż-żmien inkunu nafu") fuq Channel One li huwa kkontrollat mill-istat (Russu: Первый канал) Data tat-twelid: 26.01.1966 Post tat-twelid: Moscow, Federazzjoni Russa Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Artyom Sheynin huwa propagandist Russu u preżentatur tal-programm ta' taħdit "Vremya Pokazhet" ("Biż-żmien inkunu nafu") fuq Channel One, stazzjon televiżiv ikkontrollat mill-istat. Huwa għamel dikjarazzjonijiet b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u r-rikonoxximent tal-indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk u Lugansk. Fix-xandiriet diretti tiegħu, Sheynin jippromwovi l-mibegħda etnika bejn l-Ukreni u r-Russi, jiċħad is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u jimmalafama l-avversarji ta' Putin fir-Russja. Meta tkellem dwar l-24 ta' Frar 2022, jum l-aggressjoni militari mhux ġustifikata fuq skala sħiħa Russa kontra l-Ukrajna, Sheynin stqarr li l-operazzjoni Russa fl-Ukrajna kienet inevitabbli u l-għan tagħha kien li ġġiegħel lill-awtoritajiet Ukreni jżommu l-paċi. Għaldaqstant, b'mod attiv qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	15.3.2022
888.	Dmitry Yevgenevich KULIKOV (Russu: Дмитрий Евгеньевич КУЛИКОВ)	Espert tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa għall-Affarijiet tal-KSI u r-Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti. Produttur tal-films, preżentatur tat-televiżjoni u tar-radju. Membru tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 18.11.1967 Post tat-twelid: Shakhtyorsk, Donbas region, Ukrajna Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Dmitry Kulikov huwa propagandist favur il-Kremlin. Huwa għamel kummenti pubbliċi fuq l-istazzjonijiet televiżivi tal-istat li jimxu man-narrattiva tal-Kremlin dwar is-sitwazzjoni fir-reġjun ta' Donbas. Huwa ġġustifika wkoll l-azzjonijiet tal-awtoritajiet Russi li jheddu l-integrità u s-sovranità territorjali tal-Ukrajna, bħas-sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Minsk jew id-deċiżjoni li jirrikonoxxu r-"repubbliki indipendenti ta' Donbas u Luhansk". Għaldaqstant, b'mod attiv qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	15.3.2022

▼**M49**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
889.	Konstantin Lvovich ERNST (Russu: Константин Львович ЭРНСТ)	Uffiċjal kap eżekuttiv ta' Channel One Russia (Russu: Первый канал) Data tat-twelid: 06.02.1961 Post tat-twelid: Moscow, Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Konstantin Ernst huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Channel One Russia – waħda mill-akbar kumpanniji tal-media Russi, li ilha tintuża għal skopijiet ta' propaganda mill-awtoritajiet Russi għal ħafna snin. F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u t-tixrid tal-propaganda kontra l-Ukrajna tal-awtoritajiet Russi. Huwa ngħata wkoll l-ogħla premjijiet tal-Istat, fosthom l-ordnijiet Għas-Servizzi lill-Patrija, l-Ordni ta' Ħbiberija, ittri ta' apprezzament u premjijiet mill-Gvern u l-President tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll il-midalja "Għall-parteċipant fl-operazzjoni militari fis-Sirja". Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Huwa wkoll wieħed min-negozjanti ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tar-Russja, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.3.2022
890.	Marina Vladimirovna SECHINA (Russu: Марина Владимировна СЕЧИНА)	Sid tal-kumpannija b'responsabbiltà limitata "Stankoflot" Data tat-twelid: 1962 Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Marina Sechina hija eks mara ta' Igor Sechin, l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Rosneft. Hija użat ir-rabtiet ma' diversi atturi fil-gvern Russu u strutturi ta' negozju Russi, inkluż mal-eks raġel tagħha, għal benefiċċju personali. In-negozji li huma proprjetà ta' Sechina pparteċipaw fit-tħejjija tal-Logħob Olimpiku tax-Xitwa f'Sochi fl-2014. Hija s-sid tal-kumpannija b'responsabbiltà limitata "Stankoflot", li tingħata kuntratti mingħajr sejħa għal offerti mal-Korporazzjoni tal-Istat għall-Assistenza għall-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Esportazzjoni ta' Prodotti Industrijali ta' Teknoloġija Avvanzata (Rostec). Barra minn hekk, hija l-Kap ta' FTSSR CJSC u sid ta' sehem fl-RK-Telekom. Għaldaqstant qed tibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew id-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.3.2022

▼M49

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
891.	Suleyman Abusaidovich KERIMOV (bir-Russu: Сулейман Абусаидович КЕРИМОВ)	Funzjoni: Membru tal-Kunsill Federali tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa u tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Proċedura u l-Governanza Parlamentari. Sid tal-grupp finanzjarju u industrijali Nafta Moscow; Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni mir-Repubblika ta' Dagestan Data tat-twelid: 12.3.1966 Post tat-twelid: Derbent, Dagestan, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Suleyman Kerimov huwa membru tal-Kunsill Federali tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa u tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Proċedura u l-Governanza Parlamentari. Huwa s-sid tal-grupp finanzjarju u industrijali Nafta Moscow. Il-valur nett ta' Kerimov u l-familja tiegħu huwa stmat li hu USD 9,8 biljun. Huwa rċieva somom kbar ta' flus mingħand Sergei Roldugin, li huwa l-gwardjan tal-ġid ta' Vladimir Putin. Fl-24 ta' Frar 2022, Kerimov attenda l-laqgħa tal-oligarki fil-Kremlin ma' Vladimir Putin biex jiddiskutu l-impatt tal-miżuri meħuda wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' oligarki qrib ta' Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Huwa għalhekk negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.3.2022
892.	Tigran Oganesovich KHUDAVERDYAN (Тигран Оганесович ХУДАВЕРДЯН)	Funzjoni: eks Direttur Eżekuttiv u eks Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex NV Data tat-twelid: 28.12.1981 Post tat-twelid: Yerevan, Armenia Nazzjonalità: Armena Sess: raġel	Tigran Khudaverdyan huwa eks Direttur Eżekuttiv u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex N.V., u rriżenja minn dawk il-pożizzjonijiet wara d-dežinjazzjoni tiegħu mill-Unjoni Ewropea. Huwa jibqa' fost l-ogħla maniġers ta' Yandex, filwaqt li jfassal l-attivitajiet tal-kumpanija. Yandex hija l-akbar ditta teknoloġika fir-Russja. Din iġġib magħha dħul konsiderevoli mit-taxxa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-banek tal-Istat Russu bħal Sberbank u VTB huma azzjonisti u investituri fil-kumpanija. Fl-2019, Yandex aċċettat ristrutturar li ta "sehem tad-deheb" lil Fondazzjoni ta' Interess Pubbliku li kien għadha kemm ġiet iffurmata, bl-għan li "tiddefendi l-interessi tal-Federazzjoni Russa". Permezz tal-Fondazzjoni ta' Interess Pubbliku, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa jista' jkollu veto fuq lista definita ta' kwistjonijiet. Minn meta bdiet il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Yandex segwiet il-politika ta' informazzjoni u ċ-ċensura tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Ir-riżultati tat-tiftix tal-magna tat-tiftix Yandex ikkonformaw mat-talbiet tal-awtoritajiet Russi, u juru biss is-sorsi relatati mal-propaganda Russa favur il-gwerra. Barra minn hekk, Yandex għenet lil xi siti web jippromwovu dikjarazzjonijiet foloz u favur ir-Russja fir-rigward tal-invażjoni tal-Ukrajna biex tiġġenera profitt permezz tar-reklamar diġitali.	15.3.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Fl-24 ta' Frar 2022, Khudaverdyan attenda laqgħa tal-oligarki fil-Kremlin ma' Vladimir Putin biex jiddiskutu l-impatt tal-miżuri meħuda wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' oligarki qrib Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Huwa negozjant ewlieni involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u huwa appoġġa b'mod materjali jew finanzjarju lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	
893.	Vladimir Valerievich RASHEVSKY / Vladimir Valeryevich RASHEVSKIY (bir-Russu: Владимир Валерьевич РАШЕВСКИЙ)	Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv u Direttur ta' EuroChem Group AG Data tat-twelid: 29.9.1973 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Rashevsky huwa l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv u Direttur tal-EuroChem Group AG, li rriżenja formalment minn dik il-pożizzjoni meta ġie elenkat taħt miżuri restrittivi mill-Unjoni, filwaqt li jkompli jeżerċita influwenza permezz ta' kumpaniji fittizji. EuroChem hija waħda mill-akbar produtturi fid-dinja ta' fertilizzanti minerali. Qabel (bejn l-2004 u l-2020) kien l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' kumpanija tal-fatham JSC SUEK. Dawn huma kumpaniji Russi kbar – li huma koproprjetà ta' Aleksandra Melnichenko, mart il-biljunarju Russu Andrei Melnichenko – li jiġġeneraw u jipprovdu dħul sostanzjali lill-gvern Russu. Dawn jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet Russi, inkluż Vladimir Putin. Il-kumpaniji ta' EuroChem Group ipprovdew in-nitrat tal-ammonijaka liż-żoni okkupati ta' Donbas. SUEK iffirmat kuntratti ma' sanatorji tal-Krimea għal programmi tas-saħħa tal-impjegati. Għaldaqstant qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, jew qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Fl-24 ta' Frar 2022, Rashevsky attenda laqgħa tal-oligarki fil-Kremlin ma' Vladimir Putin biex jiddiskutu l-impatt tal-miżuri meħuda wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' oligarki qrib Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	15.3.2022

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M50 894.	Alexey Yevgenevich FILATOV (Алексей Евгеньевич ФИЛАТОВ)	Data tat-twelid: 12.2.1983 Funzjoni: Kap tad-Direttorat għall-Kooperazzjoni Transkonfinali tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexey Filatov huwa l-Kap tad-Direttorat għall-Kooperazzjoni Transkonfinali tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa. Huwa uffiċjal għoli tal-Kremlin responsabbli mill-koordinazzjoni tal-politika aggressiva tal-Kremlin, inkluż attivitajiet ta' influwenza malizzjuża, fil-konfront tal-Ukrajna u r-reġjuni okkupati ta' Donetsk u Luhansk. Bħala Kap tad-Direttorat għall-Kooperazzjoni Transkonfinali tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa, Filatov huwa direttament involut fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika mmexxija mill-Kremlin tas-separazzjoni tar-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk mill-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
895.	Igor Venediktovich MASLOV (Игорь Венедиктович МАСЛОВ)	Data tat-twelid: 18.10.1960 Post tat-twelid: St. Petersburg, Russian Federation Funzjoni: Uffiċjal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa mas-Servizz tal-Intelligence Barranija Russa (SVR) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Maslov ilu żmien twil uffiċjal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa bi sfond tas-Servizz tal-Intelligence Barranija Russa (SVR), responsabbli mill-politika u l-attivitajiet sovversivi tal-Kremlin fil-konfront tal-hekk imsejħa "pajjiżi barranin fil-qrib" tar-Russja (territorji tal-ex Unjoni Sovjetika). Huwa magħruf li jagħti pariri lill-President Vladimir Putin dwar l-Ukrajna, il-Moldova u l-Ossezja tan-Nofsinhar u huwa msemmi fost grupp ta' nies li jagħtu pariri lill-President Putin fir-rigward tal-Ukrajna. Bħala l-Kap tad-Direttorat għar-Rabtiet Interreġjonali u Kulturali ma' Pajjiżi Barranin tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa, Maslov feraħ lin-nies mill-Forzi tal-Operazzjonijiet Speċjali (SPO) tal-Ministeru għad-Difiża li qdew rwol ewlieni fl-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
▼M69 896.	Viatcheslav Moshe KANTOR (Вячеслав Моше КАНТОР) (magħruf ukoll bħala Viatcheslav Vladimirovich KANTOR) (magħruf ukoll bħala Вячеслав Владимирович КАНТОР)	Data tat-twelid: 8.9.1953 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Azzjonist kbir tal-kumpanija kkwotata Acron Group, wieħed mill-akbar produtturi tal-fertilizzanti fir-Russja Nazzjonalità: Russa, Iżraeljana u Brittanika Sess: raġel	Viatcheslav Moshe Kantor huwa oligarka Russu li huwa sid benefiċjarju tal-kumpanija kkwotata Acron Group , wieħed mill-akbar produtturi tal-fertilizzanti tar-Russja. Huwa għandu rabtiet mill-qrib mal-President Vladimir Putin. Din il-konnessjoni mal-president Russu għenitu jżomm il-ġid konsiderevoli tiegħu. Huwa ddikjara b'mod miftuħ l-appoġġ tiegħu għall-President Putin u l-ħbiberija tiegħu miegħu f'diversi okkażjonijiet, u jgawdi relazzjonijiet tajbin mal-Kremlin. Għalhekk huwa qed jibbenefika wkoll minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa wkoll wieħed min-negozjanti Russi ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼**M50**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
897.	Aleksei Viktorovich PIMANOV (Алексей Викторович ПИМАНОВ) (magħruf ukoll bħala Alexey Viktorovich PIMANOV; Alexei PIMANOV; Aleksey PIMANOV)	Data tat-twelid: 9.2.1962 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni ta' Ġestjoni "Creative Association Red Star"; Kap tal-azjenda tal-media Krasnaya Zvezda, proprjetà tal-Ministeru għad-Difiża Russu Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksei Pimanov huwa propagandista u l-Kap tal-azjenda tal-media Krasnaya Zvezda, proprjetà tal-Ministeru għad-Difiża Russu. Il-Ministru għad-Difiża, Sergey Shoygu personalment talab lil Pimanov biex isir il-Kap ta' Krasnaya Zvezda. L-azjenda tal-media ġiet stabbilita b'digriet tal-Ministru għad-Difiża Russu u tikkontrolla l-istazzjon televiżiv federali Zvezda. B'mod simili għall-istazzjonijiet tal-media l-oħra kollha kkontrollati mill-Kremlin, Zvezda regolarment ixerred diżinformazzjoni rigward l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna li qed issir mir-Russja, idgħajjef l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna, u jagħti appoġġ kruċjali tal-media lill-aggressjoni vjolenti tar-Russja. Bħala membru tal-kunsill tal-media tas-Soċjetà Ġeografika Russa, Pimanov għandu kuntatti mill-qrib ma' uffiċjali għolja tal-Kremlin bħal Alexey Gromov, Dmitry Peskov u Sergey Shoygu. Fl-2017, Pimanov idderieġa u pproduċa l-film ta' propaganda "Crimea", li jiġġustifika u jiggloriifika l-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
898.	Igor Yurievich KOROTCHENKO (Игорь Юрьевич КОРОТЧЕНКО)	Data tat-twelid: 15.02.1960 Post tat-twelid: Riga, Latvia Funzjoni: President tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa; Kap Editur tar-rivista tad-Difiża Nazzjonali; Direttur taċ-Ċentru għall-Analiżi tal-Kummerċ Dinji tal-Armi; Espert militari; Grad militari - Kurunell ta' Riżerva. Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Korotchenko, il-President tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, huwa kontributur regolari għall-programmi televiżivi ewlenin ta' propaganda Russa bħala espert fil-qasam tad-difiża u l-politika barranija. Igor Korotchenko huwa magħruf għad-dikjarazzjonijiet aggressivi u derogatorji tiegħu kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna u jipprovoka konfrontazzjoni militari bejn il-Federazzjoni Russa u l-Punent, inkluż l-Ukrajna. Fuq il-pjattaformi tal-media soċjali tiegħu jew fil-programmi televiżivi tiegħu huwa jappella biex l-Ukrajna tiġi "denazifikata" u demilitarizzata kif ukoll biex l-Ukrajna tingħaqad mar-Russja ("l-unjoni fraterna storika tagħha"), filwaqt li jiddikjara li l-Ukrajna hija parti mid-"dinja Russa" kbira. F'artiklu ppubblikat fl-24 ta' Frar 2022, Igor Korotchenko qal li l-kompitu tar-Russja fl-Ukrajna huwa li tiddemilitarizza lill-Ukrajna, filwaqt li jispjega li l-Ukrajna hija theddida kemm għall-popolazzjoni tagħha stess kif ukoll għall-Federazzjoni Russa, kif ukoll għaż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblast ta' Donetsk u ta' Luhansk tal-Ukrajna. L-għan tal-operazzjoni skont Igor Korotchenko huwa li ċċaħħad lill-forzi armati tal-Ukrajna mill-possibbiltà ta' kmand u kontroll ċentralizzat tat-truppi, tiddiżattiva n-network tal-mitjar militari Ukren, u teqred il-pożizzjonijiet ta' difiża tal-ajru u l-missili operazzjonali tattiċi.	8.4.2022

▼M50

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
▼M69 ———				
▼M50 900.	Oleg Borisovich DOBRODEEV (Олег Борисович ДОБРОДЕЕВ)	Data tat-twelid: 28.10.1959 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-All-Russian State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Oleg Dobrodeev huwa d-Direttur Ġenerali tal-akbar azjenda tal-media statali fir-Russja. Huwa ppartečipa b'mod attiv fil-propaganda tal-Kremlin billi ħoloq u xerred informazzjoni manipulata fl-interessi tat-tmexxija politika tal-Federazzjoni Russa. Oleg Dobrodeev huwa l-inizjatur u l-kreatur ewlieni tal-istazzjon televiżiv tal-Istat Rossiya-24 u s-sid tal-istazzjon televiżiv Russia -1. Dawn l-istazzjonijiet huma l-ilħna ewlenin tal-propaganda tal-Istat, li jwettqu b'mod effettiv il-kompitu tat-tisħiħ tar-reġim ta' Putin u jipprovdu propaganda għall-politiki domestiċi u barranin aggressivi tiegħu, fosthom l-operazzjonijiet militari fl-Ukrajna. Dawn l-istazzjonijiet jiddiskutu l-ġejjieni ta' Ukrajna maqsuma u r-"repubbliki żgħażagħ", il-fallimenti tar-riformi tal-presidenti Ukreni, u kwalunkwe azzjoni tal-awtoritajiet Ukreni tiġi ridikolata jew ikkundannata. Oleg Dobrodeev jieħu sehem f'laqgħat tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa, fejn il-mexxejja tal-media ewlenija tal-Istat jingħataw struzzjonijiet. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
▼M69 901.	Farkhad AKHMEDOV	Data tat-twelid: 15.9.1955 Post tat-twelid: Baku - Azerbaijan Funzjoni: Negozjant involut fis-settur tal-enerġija u fil-politika lokali Russa; fundatur ta' Tansley Trading Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Farkhad Akhmedov huwa negozjant Russu involut fis-settur tal-enerġija u fil-politika lokali Russa. Huwa waqqaf Tansley Trading, li forniet tagħmir lill-produtturi tal-gass Russi u saret azzjonista minoritarja f'Nortgas, kumpanija taż-żejt u tal-gass fis-Siberja. Huwa rraportat li huwa qrib il-Kremlin u ilu negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa għandu residenza fir-Russja, u għandu interessi kummerċjali kontinwi fir-Russja, inkluż fis-setturi tal-IT u tal-forestrija.	8.4.2022

▼M50

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
902.	Pavel Nikolayevitch GUSEV (Павел Николаевич ГУСЕВ)	Data tat-twelid: 4.4.1949 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Propagandista, editur u sid ta' "Moskovskiy Komsomolets" Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Pavel Nikolayevitch Gusev huwa l-kap tat-tabloid ewlieni Russu "Moskovskiy Komsomolets", li jappoġġa n-narrattiva u l-azzjonijiet tal-Kremlin li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa għandu rabtiet mill-qrib mal-Ministeru għad-Difiża Russu u huwa persuna ta' fiduċja u sostenitur tal-President Vladimir Putin. Huwa rċieva diversi midalji onorarji u appoġġ uffiċjali fl-elezzjonijiet tal-2018, li jikkonferma li huwa sostenitur attiv tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼M69

903.	Elena Petrovna TIMCHENKO (imwielda ERMAKOVA (YERMAKOVA)) (Елена Петровна ТИМЧЕНКО (ЕРМАКОВА))	Funzjoni: Kopresident tal-Fondazzjoni Timchenko Nazzjonalità: Russa, Finlandiża Individwu assoċjat: Gennady Timchenko (ir-raġel) Sess: mara	Elena Timchenko hija mart Gennady Timchenko, li ilu żmien twil konoxxenza tal-President Vladimir Putin u wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu. Hija twettaq attivitajiet kummerċjali, flimkien ma' żewġha, permezz tal-kumpanija immobiljari Sci Ruth u l-kumpanija Maples S.A., u akkwistat proprjetà immobbli flimkien ma' żewġha, li turi rabtiet importanti ta' proprjetà bejniethom. Barra minn hekk, hija tipparteċipa fl-affarijiet pubbliċi ta' żewġha permezz tat-Timchenko Foundation li hija waqqfet flimkien ma' żewġha u li fiha għandha rwol importanti u hija assoċjata mill-qrib ma' żewġha. Barra minn hekk, din il-fondazzjoni twettaq uħud mill-attivitajiet tagħha b'rabta mal-grupp ta' investiment Volga Group li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija tar-Russja u għall-iżvilupp tagħha u twaqqfet minn Gennady Timchenko, li huwa wieħed mill-azzjonisti tagħha. Għalhekk, Elena Timchenko tibbenefika minn żewġha, b'mod partikolari mil-lat ta' pożizzjoni soċjali u dak finanzjarju. Għalhekk hi assoċjata ma' Gennady Timchenko, elenkat taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK għar-raġuni, fost oħrajn, li huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju u materjali, u li jibbenefika minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼M50

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
904.	Maria Vladimirovna VORONTSOVA (imwielda PUTINA) (magħrufa wkoll bħala Mariya VORONTSOVA; Maria FAASSEN) (Мария Владимировна ВОРОНЦОВА)	Data tat-twelid: 28.04.1985 Funzjoni: Koproprjetarja ta' 20 % tal-kumpannija Nomenko involuta fl-akbar proġett ta' investiment privat tar-Russja fil-kura tas-saħħa bi spiża stmata ta' 40 biljun rublu Individwu assoċjat: Il-President Vladimir Putin (missier) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Maria Vladimirovna Vorontsova hija l-ewwel tifla tal-President Vladimir Putin, elenkat taħt id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Hija koproprjetarja tal-kumpannija Nomenko involuta fl-akbar proġett ta' investiment privat tar-Russja fil-kura tas-saħħa bi spiża stmata ta' 40 biljun rublu. Qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u hi involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	8.4.2022

▼M69

905.	Anton Valerevich KUPRIN (Куприн Антон ВАЛЕРЬЕВИЧ)	Funzjoni: Kaptan tal-frejgata "Admiral Essen" tal-flotta Russa tal-Baħar l-Iswed Data tat-Twelid: possibbilment 3.8.1978 Sess: raġel	Anton Valerevich Kuprin huwa l-Kaptan tal-frejgata "Admiral Essen" tal-flotta Russa tal-Baħar l-Iswed. Il-frejgata "Admiral Essen" qed tikkontribwixxi għall-isforzi ta' gwerra tar-Russja fil-Baħar l-Iswed. Anton Valerevich Kuprin huwa għaldaqstant responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼M59

———

▼M50

907.	Mikhail Alexandrovich BABAKOV (Михаил Александрович Бабаков)	Data tat-twelid: 07.02.1994 Individwu assoċjat: Aleksandr Babakov (missier), Viċi President tad-Duma tal-Istat Sess: raġel	Mikhail Alexandrovitch Babakov huwa iben Aleksandr Babakov, Viċi President tad-Duma tal-Istat, elenkat skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Mikhail Alexandrovitch Babakov għandu assi kbar b'rabta ma' missieru. Huwa s-sid u l-manager ta' kumpannija tal-proprjetà immobbli fi Franza, li permezz tagħha huwa jamministra proprjetajiet differenti, inkluż dar ta' EUR 11-il miljun qrib Versailles. Barra minn hekk, huwa jaqsam l-istess indirizz ma' missieru. Mikhail Alexandrovitch Babakov huwa għalhekk assoċjat ma' Aleksandr Babakov u jibbenefika minn dak li jieħu d-deċiżjonijiet Russu responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼M50

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
908.	Kirill Nikolayevich SHAMALOV (Кирилл Николаевич ШАМАЛОВ)	Data tat-twelid: 22.3.1982 Post tat-twelid: St. Petersburg, Russian Federation Funzjoni: Viċi President tal-Bord ta' Tmexxija ta' Sibur Holding PJSC Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kirill Nikolayevich Shamalov huwa eks Viċi President tal-Bord ta' Tmexxija ta' Sibur Holding PJSC, l-akbar kumpanija ta' petrokimiċi integrata fir-Russja. Huwa baqa' azzjonist ta' Sibur Holding u żamm pożizzjoni maniġerjali fil-kumpanija. Barra minn hekk, huwa qed jibbenefika mir-rabtiet personali tiegħu mal-Kremlin u kellu pożizzjonijiet għolja f'ħafna kumpaniji kbar Russi. Huwa għalhekk negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022
909.	Igor Albertovich KESAEV (Игорь Альбертович КЕСАЕВ)	Data tat-twelid: 30.10.1966 Post tat-twelid: Vladikavkaz, North Ossetia, Russian Federation Funzjoni: Sid u President ta' Mercury Group Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Albertovich Kesaev huwa s-sid u l-President ta' Mercury Group, li huwa s-sid ta' Megapolis Group, id-distributur ewlieni tat-tabakk fir-Russja. Huwa għandu rabtiet mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-forzi tas-sigurtà tagħha permezz ta' Monolit Fund, immexxi minn ex uffiċjali tas-servizzi tas-sigurtà Russi, li jipprovdi assistenza finanzjarja lil uffiċjali tas-servizzi tas-sigurtà u persunal militari rtirati. Huwa azzjonist ewlieni f'Mercury Group u Megapolis Group, kif ukoll fil-kumpanija b'ishma konġunti "Turbokholod" u l-kumpanija b'responsabbiltà limitata "Consensus-R", li jikkontribwixxu għall-Monolit Fund. Barra minn hekk, permezz tal-interess tiegħu fid-ditta ta' investiment OOO Globalvoyentreyding, huwa l-azzjonist ewlieni ta' Degtyarev Plant, kumpanija Russa li tipproduċi armi użati mill-forzi armati Russi. Huwa għandu ishma fil-ktajjen tal-alkoħol, Red &White u Bristol u jasserixxi kontroll fuq l-International Tobacco Group LLC. Għalhekk, huwa negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa jappoġġa materjalment u jibbenifika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	8.4.2022
▼M50				
910.	Alexander Nikolaevich Petaykin (Александр Николаевич ПЕТАЙКИН)	Data tat-twelid: 24.05.1987 Post tat-twelid: Orenburg, Orenburg Oblast, Russian Federation Funzjoni: Sid u direttur ġenerali tad-ditti tal-kostruzzjoni tat-toroq "OOO Vector" u "Trans Stroy" Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Nikolaevich Petaykin huwa s-sid u d-direttur ġenerali tad-ditti tal-kostruzzjoni tat-toroq "OOO Vector" u "Trans Stroy", involuti fl-implimentazzjoni ta' proġetti pubbliċi għall-gvernijiet reġjonali ta' Orenburg u Bashkortostan. Għaldaqstant huwa persuna fiżika li qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼M50

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M59 911.	Aleksandr Aleksandrovich SHULGIN (Александр Александрович ШУЛЬГИН)	Data tat-twelid: 2.5.1977 Post tat-twelid: Essentuki, Stavropol Territory, Federazzjoni Russa Funzjoni: Eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv u eks Direttur ta' Ozon Holdings Plc Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksandr Aleksandrovich Shulgin huwa negozjant ewlieni u eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Ozon, il-pjattaforma ewlenija ta' kummerċ elettroniku f'diversi kategoriji tar-Russja. Fl-24 ta' Frar 2022, huwa attenda laqgħa tal-oligarki fil-Kremlin mal-President Vladimir Putin biex jiddiskutu l-impatt tal-kors ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' oligarki qrib il-President Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022
▼M69 912.	Ekaterina Vladimirovna TIKHONOVA (imwielda Yekaterina Vladimirovna PUTINA) (magħrufa wkoll bħala Yekaterina, Katerina) (Катерина (Екатерина) Владимировна ТИХОНОВА)	Data tat-twelid: 31.8.1986 Post tat-twelid: Dresden, Germany Funzjoni: Kap tal-inizjattiva ta' żvilupp Innopraktika; Kopresident tal-kunsill ta' koordinazzjoni għas-sostituzzjonijiet tal-importazzjoni fl-Unjoni Russa tal-Industrijalisti u l-Intraprendituri. Individwu assoċjat: Il-President Vladimir Putin (missier) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Ekaterina Vladimirovna Tikhonova hija bint il-President Vladimir Putin. Hija l-Kap tal-istitut il-ġdid tal-intelliġenza artifiċjali fl-Università Statali ta' Moska, iffinanzjat minn fondi tal-istat. Bħalissa hija tmexxi l-inizjattiva ta' żvilupp Innopraktika, iffinanzjata minn kumpaniji Russi ewlenin li d-diretturi tagħhom huma membri taċ-ċirku intern ta' oligarki qrib il-President Putin. Hija wkoll kopresident tal-kunsill ta' koordinazzjoni għas-sostituzzjonijiet tal-importazzjoni fl-Unjoni Russa tal-Industrijalisti u l-Intraprendituri. Għaldaqstant hija qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u hi assoċjata ma' persuni ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, hi assoċjata ma' missierha, li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	8.4.2022
▼M50 913.	Evgeny Borisovich ZUBITSKIY (Евгений Борисович ЗУБИЦКИЙ)	Data tat-twelid: 10.03.1968 Post tat-twelid: Kemerovo, Russian Federation Funzjoni: Intraprenditur, koproprjetarju u President tal-Bord u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Industrial Metallurgical Holding (PMH) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Evgeny Borisovich Zubitskiy huwa l-koproprjetarju, il-President tal-Bord u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Industrial Metallurgical Holding (PMH). Huwa azzjonist ta' Koks Group, l-intrapriża prinċipali ta' PMH u l-akbar produttur Russu ta' kokk kummerċjabbli, imwaqqaf mid-deputat tad-Duma tal-Istat Boris Zubitsky. Huwa għalhekk negozjant ewlieni, involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	8.4.2022

▼M50

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
914.	Sergey Vladimirovich MIKHAILOV (magħruf ukoll bħal Sergei MIKHAILOV) (Сергей МИХАЙЛОВ)	Data tat-twelid: 17.03.1971 Post tat-twelid: Arkhangelsk, Russian Federation Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Aħbarijiet Russa TASS Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Mikhailov huwa d-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Aħbarijiet TASS – l-akbar aġenzija tal-aħbarijiet Russa, li xxerred permezz tan-network enormi tagħha ta' rappreżentanzi barranin (70 uffiċċju fil-Komunità ta' Stati Indipendenti u 68 uffiċċju madwar id-dinja) informazzjoni manipulata dwar l-Ukrajna, u b'hekk taqdi l-interessi tat-tmexxija politika tal-Federazzjoni Russa. Il-President Vladimir Putin tah l-Ordni tal-Ħbiberija. Sergey Mikhailov huwa inkluż fir-riżerva ta' persunal tal-President tar-Russja. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	8.4.2022
915.	Alexander Alexandrovich MALKEVICH (Александр Александрович МАЛЬКЕВИЧ)	Data tat-twelid: 14.07.1975 Post tat-twelid: St. Petersburg, Russian Federation Funzjoni: L-ewwel Viċi President tal-Kamra Pubblika tal-Federazzjoni Russa għall-Iżvilupp tal-Komunità tal-Informazzjoni, il-Media u l-Komunikazzjoni tal-Massa; Direttur Ġenerali tal-istazzjon televiżiv ta' San Pietruburgu minn Jannar 2021	Alexander Malkevich huwa propagandista Russu, Direttur Ġenerali tal-istazzjon televiżiv ta' San Pietruburgu, u l-Ewwel Viċi President tal-Kamra Pubblika tal-Federazzjoni Russa għall-Iżvilupp tal-Komunità tal-Informazzjoni, il-Media u l-Komunikazzjoni tal-Massa. Fil-25 ta' Frar 2022, Malkevich iddikjara li l-aggressjoni militari li għaddejja kontra l-Ukrajna hija "operazzjoni speċjali" biex tiddenazifika l-Ukrajna u li ma hemm l-ebda għan li jinħataf il-pajjiż. Fis-16 ta' Marzu 2022, Malkevich attenda l-laqgħa tal-Kamra Pubblika tal-Federazzjoni Russa dwar l-"Eskalazzjoni tal-gwerra tal-informazzjoni: id-difiża tal-interess tar-Russja", fejn ġie diskuss kemm hu importanti li titwassal informazzjoni veritiera sabiex in-nies ikunu jistgħu jifhmu għaliex ittieħdet id-deċiżjoni biex titwettaq "operazzjoni speċjali" fl-Ukrajna u x'inhu l-iskop tagħha. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	8.4.2022

▼M59

———

▼M69

917.	Musa Yusupovich Bazhaev (Муса Юсупович БАЖАЕВ)	Data tat-twelid: 11.5.1966 Post tat-twelid: Achkoy Martan, Chechnya, Russian Federation	Musa Bazhaev huwa l-President ta' JSC Alliance Group, li fost il-klijenti ewlenin tiegħu għandu l-akbar rappreżentanti tal-industriji tal-gass u taż-żejt, il-faċilitajiet industrijali, is-settur tat-telekomunikazzjoni u d-djar u l-utilitajiet pubbliċi.	8.4.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Funzjoni: Negozjant Russu; president attwali ta' Moscow Alliance group li huwa s-sid ta' assi fin-negozji taż-żejt, tal-kostruzzjoni, tat-tessuti, tal-ikel, finanzjarji u tal-media; eks President ta' Russian Platinum Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Huwa wkoll l-eks President tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Platinum, identifikata bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-minjieri tar-Russja li tipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-2021, VEB.RF, VTB Group u Russian Platinum iffirmaw memorandum ta' intenzjoni biex jiffinanzjaw id-depożitu ta' Chernogorsk tal-minerali tal-platinu, tar-ram u tan-nikil fir-Reġjun ta' Krasnoyarsk. Iċ-ċerimonja tal-iffirmar saret matul il-Forum Ekonomiku Internazzjonali ta' San Pietruburgu fil-preżenza tal-President Putin. Musa Bazhaev negozjant ewlieni Russu, li jagħmel parti mill-200 Russu l-aktar sinjuri, involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, VTB Bank u VEB jipprovdu finanzjament lil Rousskaya Platina għal proġett ta' estrazzjoni tal-platinu fiż-żona tal-Artiku. Il-Ministeru għall-Finanzi ta eżenzjoni mit-taxxa għall-proġett f'Novembru 2022, li tippermetti lill-grupp ma jħallasx it-taxxa tal-estrazzjoni (NDPI) għal 12-il sena (b'possibbiltà ta' estensjoni ta' tmien snin skont is-sitwazzjoni), u dan juri l-appoġġ kontinwu tal-awtoritajiet għal Musa Bazhaev. Għaldaqstant, Musa Bazhaev jappoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, u jibbenifika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja u li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
918.	Grigory Viktorovich BEREZKIN (Григорий Викторович БЕРЁЗКИН)	Data tat-twelid: 9.8.1966 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: President tal-Bord tad-Diretturi, ESN Group Nazzjonalità: Russa, Kroata Numru tal-Passaport: Nru tal-Passaport Kroat 101644415 (data tal-iskadenza: 18.3.2023) Sess: raġel	Grigory Berezkin huwa negozjant ewlieni Russu u qrib il-President Vladimir Putin. Huwa l-President tal-Bord tad-Diretturi ta' ESN Group, grupp Russu ta' ekwità privata b'portafoll ta' investimenti f'diversi industriji, inklużi s-setturi tal-media, tal-enerġija, tal-infrastruttura, tal-IT, tar-riżorsi naturali u tal-petrokimiku. ESN Group jirrappreżenta wieħed mill-akbar kumpaniji tar-Russja. Fl-2019, Saudi Basic Industries Corporation (SABIC), ir-Russian Direct Investment Fund (RDIF) u l-ESN Group iffirmaw ftehim biex jinvestu fi proġett biex ifasslu, jibnu u joperaw impjant tal-metanol fir-Reġjun ta' Amur, fil-Lvant Imbiegħed tar-Russja. Fl-2021, VEB.RF, VTB, ESN Group, il-Ministeru għall-Iżvilupp tal-Lvant Imbiegħed Russu, Marubeni Corporation u Mitsui O.S.K. iffirmaw memorandum ta' qbil matul il-Forum Ekonomiku tal-Lvant, bil-għan li jiġi żviluppat proġett għall-kostruzzjoni ta' bastimenti li jaħdmu bil-metanol minn kostrutturi Russi tal-vapuri. Il-President Putin attenda għaċ-ċerimonja.	8.4.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Bħala President tal-Bord tad-Diretturi ta' ESN Group, Grigory Berezkin huwa negozjant ewlieni, involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hu qed jappoġġa materjalment u finanzjarjament, u qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Il-kumpanija Rusenergosbyt, li fiha huwa azzjonist, qed tipprovdi l-enerġija lil Russian Railways, li għandha rwol kruċjali fit-trasport ta' truppi u tagħmir militari fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
919.	Serguey Achotovich MNDOIANTS (Сергей Ашотович МНДОЯНЦ)	Data tat-twelid: 21.9.1961 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Negozjant Russu li jservi bħala Viċi President tal-konglomerat AFK Sistema; Fundatur tad-ditta ta' konsulenza VLM Invest. Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Serguey Mndoiants huwa eks Viċi President Eżekuttiv inkarigat mir-relazzjonijiet tal-gvern għall-kumpanija tal-konglomerat Russu AFK Sistema PAO, attiva fis-settur tat-telekomunikazzjoni u tal-IT. Serguey Mndoiants huwa wkoll eks Viċi President ta' kariga għolja u azzjonist ta' VLM Invest, ditta ta' konsulenza li taġixxi bħala intermedjarju bejn kumpaniji privati u korpi tal-gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa għandu wkoll ishma fil-First Independent Rating Agency (Fira) u fir-Regional Public Foundation for the Development of Business Cooperation and Entrepreneurship. Serguey Mndoiants huwa wkoll membru tal-bord tal-Kunsill għall-Politika Estera u ta' Difiża (Council for foreign and defence policy - SVOP), grupp ta' riflessjoni li jagħti pariri lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar it-tmexxija tal-politika barranija u ta' difiża. Huwa għalhekk negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna	8.4.2022

▼M50

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
920.	Boris Romanovich ROTENBERG (Борис Романович РОТЕНБЕРГ)	Data tat-twelid: 3.1.1957 Post tat-twelid: St.Petersburg, Russian Federation Individwi assoċjati: Arkady Rotenberg (ħuh), Igor Rotenberg (neputi) Entitajiet assoċjati: SGM (Stroygazmontazh), SMP Bank, Gazprom Drillings Nazzjonalità: Russu, Finlandiż Sess: raġel	Boris Rotenberg huwa negozjant biljunarju Russu, u ħu Arkady Rotenberg, negozjant biljunarju Russu, azzjonist tal-kumpanija tal-istat Gazprom Drilling u koproprjetarju ta' SGM (Stroygazmontazh) group. Ir-Rotenbergs huma assoċjati mill-qrib mal-President Vladimir Putin. Boris Rotenberg membru tal-Bord tad-Diretturi ta' SMP Bank u wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Gazprom Drillings li rċieva kuntratti statali kbar bis-saħħa tar-rabtiet mill-qrib tiegħu mal-President Putin. Għaldaqstant, Boris Rotenberg qed jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huma t-tnejn responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa persuna fiżika assoċjata ma' Arkady Rotenberg u l-President Putin, it-tnejn li huma elenkati taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼M69

921.	Igor Arkadyevich ROTENBERG (Игорь Аркадьевич РОТЕНБЕРГ)	Data tat-twelid: 9.5.1973 Post tat-twelid: St. Petersburg, Russian Federation Individwi assoċjati: Arkady Rotenberg (missier), Boris Rotenberg (ziju) Entitajiet assoċjati: SGM (Stroygazmontazh) group, Gazprom Drilling, NPV Engineering Group Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Rotenberg huwa negozjant ewlieni Russu, u t-tifel il-kbir u l-eredi ta' Arkady Rotenberg, negozjant prominenti Russu u koproprjetarju ta' SGM (Stroygazmontazh) group. Huwa l-eks sid ta' Gazprom Drilling u azzjonist ta' Platon Electronic Toll Collection system. Ir-Rotenbergs huma assoċjati mill-qrib mal-President Putin. Minħabba l-pożizzjonijiet passati u attwali tiegħu f'intrapriżi Russi ewlenin, li rċevew kuntratti statali kbar, u r-rabtiet mill-qrib tiegħu mal-President Putin, Igor Rotenberg qed jibbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja u mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huma t-tnejn responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa persuna fiżika assoċjata ma' Arkady Rotenberg u l-President Putin, it-tnejn li huma elenkati taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼M50

922.	Ekaterina IGNATOVA (magħrufa wkoll bħala Jekatarina IGNATOVA)	Data tat-twelid: 1968 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Individwi assoċjati: Sergei Chemezow (żewġha) Anastasia Ignatova (bintha) ►C17 Lyudmila Rukavishnikova (ommha) ◄ Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Ekaterina Ignatova hija l-mara ta' Sergei Chemezov, li huwa s-CEO ta' Russian state corporation Rostec (Korporazzjoni tal-Istat għall-Assistenza għall-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Esportazzjoni ta' Prodotti Industrijali ta' Teknoloġija Avvanzata). Bħala l-mara ta' Sergei Chemezov, Ekaterina Ignatova għandha assi kbar assoċjati miegħu. Fl-aħħar dikjarazzjoni tal-assi pubblika ta' Sergei Chemezov fl-2019, ġie inkluż id-dħul annwali ta' $24 miljun ta' Ekaterina Ignatova. Ekaterina Ignatova hija assoċjata ma' persuna fiżika (żewġha) elenkata taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼M50

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
923.	Anastasia Ignatova (Анастасия ИГНАТОВА)	Individwi assoċjati: Sergei Chemezow (ir-raġel tal-omm bi żwieġ ieħor) Ekaterina Ignatova (ommha) ►C17 Lyudmila Rukavishnikova (nannitha) ◄ Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Anatasia Ignatova hija bint il-mara ta' Sergei Chemezov, li huwa s-CEO ta' Russian state corporation Rostec (Korporazzjoni tal-Istat għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp, il-Manifattura u l-Esportazzjoni ta' Prodotti Industrijali Russi b'Teknoloġija Avvanzata - State Corporation for Promoting Development, Manufacturing and Export of Russian Technologies High-Tech Industrial Products). Bħala bint il-mara ta' Sergei Chemezov, hi għandha assi kbar assoċjati miegħu permezz ta' kumpaniji offshore. Anastasia Ignatova tippossjedi formalment il-yacht ta' 85 metru bl-isem "Valerie" b'valur ta' USD 140 miljun (aktar minn 10 biljun rublu) permezz ta' kumpanija tal-Gżejjer Verġni Brittaniċi bl-isem Delima Services Limited. Barra minn hekk, hija l-benefiċjarju ta' kumpaniji offshore b'mijiet ta' miljuni ta' dollari f'assi. Anastasia Ignatova hija assoċjata ma' persuna fiżika (ir-raġel ta' ommha bi żwieġ ieħor) elenkata taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
▼M69 924.	Lyudmila Vasilyevna RUKAVISHNIKOVA (Людмила Васильевна РУКАВИШНИКОВА)	Individwi assoċjati: Sergei Chemezov (iben tar-rispett) Ekaterina Ignatova (bintha) Anastasia Ignatova (bint l-ulied) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Lyudmila Rukavishnikova hija l-omm tar-rispett ta' Sergei Chemezov, li huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Russian state corporation Rostec (Korporazzjoni tal-Istat għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp, il-Manifattura u l-Esportazzjoni ta' Prodotti Industrijali Russi b'Teknoloġija Avvanzata). Bħala omm tar-rispett ta' Sergei Chemezov, hija għandha assi kbar b'rabta miegħu, inkluż ishma ta' kumpaniji li huma sidien ta' proprjetajiet użati minn Rostec. Lyudmila Rukavishnikova hija assoċjata ma' persuna fiżika (binha tar-rispett) elenkata taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
▼M50 925.	Yuri Borisovich SLYUSAR (Юрий Борисович СЛЮСАРЬ)	Data tat-twelid: 20.7.1974 Post tat-twelid: Rostov-on-Don, Russian Federation Funzjoni: President United Aircraft Corporation (UAC); preċedentement Deputy Minister of Industry and Trade of the Russian Federation Individwu assoċjat: Il-President Vladimir Putin Entità assoċjata: United Aircraft Corporation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yuri Slyusar huwa l-President ta' United Aircraft Corporation (UAC) u Eks Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ. UAC hija kumpanija Russa ajruspazjali u ta' kooperazzjoni fid-difiża fi ħdan Rostec, li oriġinarjament twaqqfet mill-President Putin. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala President ta' UAC, Yuri Slyusar huwa wieħed mill-atturi ewlenin fl-industrija Russa u fis-settur tad-difiża b'rabtiet mill-qrib mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Yuri Slyusar huwa negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u li appoġġa u bbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	8.4.2022

▼**M50**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
926.	Said KERIMOV	Data tat-twelid: 6.7.1995 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Eredi ta' Suleiman Kerimoy, Membru tal-Kumitat tal-Istrateġija u Bord ta' Direttur ta' Polyus Individwu assoċjat: Suleiman Kerimow (missier) Entità assoċjata: Polyus Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Said Kerimov huwa bin Suleiman Kerimov. Suleiman Kerimov huwa biljunarju bbażat fir-Russja, fundatur ta' Suleiman Kerimov Foundation u rappreżentant tar-Repubblika tad-Dagestan fil-Kunsill Federali tar-Russja. Suleiman Kerimov ittrasferixxa parti kbira mill-assi tiegħu, inkluż l-ishma tiegħu fl-akbar produttur tad-deheb Russu, Polyus Gold, lil ibnu, Said Kerimov. Said Kerimov huwa assoċjat ma' negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Suleiman Kerimov huwa responsabbli wkoll għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	8.4.2022
1178.	Nabeul AL-ABDULLAH (Nabel AL-ABDULLAH, Nabel AL-ABDALLAH, Nabel ABDALLAH, Nabel ABDULLAH) - نابل عبدالله, نابل العبدالله	Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi tad-Difiża Nazzjonali fil-belt ta' Suqaylabiyah Sess: raġel	Nabeul AL-ABDULLAH huwa l-kmandant tal-Forzi tad-Difiża Nazzjonali fil-belt ta' Suqaylabiyah. Ilu jissorvelja r-reklutaġġ tal-merċenarji Sirjani biex jiġġieldu fl-Ukrajna flimkien mar-Russja sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022
1179.	Simon AL WAKIL (Simon WAKIL, Simon Al WAQIL, Simon WAQIL, Simon AL WAKEEL, Simon WAKEEL) - سيمون الوكيل, سيمون	Pożizzjoni: kmandant tal-Forzi tad-Difiża Nazzjonali fil-belt ta' Maharda Sess: raġel	Simon AL WAKIL huwa l-kmandant tal-Forzi tad-Difiża Nazzjonali fil-belt ta' Maharda (Hama). Huwa jikkollabora direttament mal-kmand tal-forzi Russi fis-Sirja, u huwa rilej attiv tal-operazzjonijiet ta' reġistrazzjoni biex wieħed jiġġieled fl-Ukrajna flimkien mar-Russja. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022
1180.	Fawaz Mikhail GERGES - فواز ميخائيل جرجس	Pożizzjoni: negozjant, CEO ta' Al-Sayyad Company for Guarding and Protection Services Sess: raġel	Fawaz Mikhail Gerges huwa d-direttur ta' Al Sayyad Company for Guarding and Protection Services Ltd, kumpannija tas-sigurtà privata Sirjana stabbilita fl-2017 u ssorveljata mill-Grupp Wagner fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (il-fosfati, il-gass u l-iżgurar ta' siti taż-żejt). Huwa responsabbli għar-reklutaġġ tal-merċenarji għall-benefiċċju tal-forzi Russi fil-Libja u fl-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022

▼M56

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1181.	Yasar Hussein IBRAHIM (Yassar Hussein IBRAHIM, Yassar IBRAHIM) - ياسر حسين ابراهيم	Nazzjonalità: Sirjana Data tat-twelid: 9.4.1983 Post tat-twelid: Damasku Sess: raġel	Yasar Hussein Ibrahim huwa l-koproprjetarju ta' Al-Sayyad Company for Guarding and Protection Services Ltd, kumpannija tas-sigurtà privata Sirjana stabbilita fl-2017 u ssorveljata mill-Grupp Wagner fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (il-fosfati, il-gass u l-iżgurar tas-siti taż-żejt). Il-kumpannija hija attiva fir-reklutaġġ ta' merċenarji Sirjani fil-Libja u fl-Ukrajna. Għalhekk Yasar Hussein Ibrahim huwa responsabbli biex jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022

▼M55

1182.	Adam Sultanovich DELIMKHANOV (Адам Султанович ДЕЛИМХАНОВ)	Data tat-twelid: 25.9.1969 Post tat-twelid: Benoy, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa mid-19 ta' Settembru 2021, l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat għas-Sigurtà u l-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni. Responsabbli għall-istabbiliment tal-forzi Ċeċeni fir-reġjun ta' Donbas minn Marzu 2022 u għat-tmexxija tal-assedju fil-belt ta' Mariupol f'Marzu 2022. Kien involut personalment fit-tħejjija tal-attakki mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina. Għal dawn l-azzjonijiet, fis-26 ta' April 2022, ġie nnominat Eroj tal-Federazzjoni Russa permezz ta' digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1183.	Sharip Sultanovich DELIMKHANOV ((Шарип Султанович ДЕЛИМХАНОВ)	Data tat-twelid: 23.4.1980 Post tat-twelid: Dzhalka, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kmandant tal-fergħa Ċeċena tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Responsabbli għall-kmand tal-forzi Ċeċeni matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, inkluż fir-reġjuni ta' Kyiv u Donbass. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1184.	Alibek Sultanovich DELIMKHANOV (Алибек Султанович ДЕЛИМХАНОВ)	Data tat-twelid: 16.10.1974 Post tat-twelid: Dzhalka, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Kmandant tal-fergħa Ċeċena tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Responsabbli għall-kmand tal-forzi Ċeċeni matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, inkluż fir-reġjuni ta' Kyiv u Donbass. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1185.	Viktor Nikolayevich STRIGUNOV (Виктор Николаевич СТРИГУНОВ)	Data tat-twelid: 27.10.1958 Post tat-twelid: Dubovoye, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-ewwel Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar-Rosgvardia. Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1186.	Oleg Anatolyevich PLOKHOI (Олег Анатольевич ПЛОХОЙ)	Data tat-twelid: 4.12.1968 Post tat-twelid: Kyiv, Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Segretarju tal-Istat, Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar-Rosgvardia. Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1187.	Yuri Viktorovich YASHIN (Юрий Викторович ЯШИН)	Data tat-twelid: 11.3.1967 Post tat-twelid: Mednogorsk, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kap tal-Persunal Ġenerali tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa – Viċi Direttur tas-Servizz Federali tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa – Kap Kmandant tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Unitajiet tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) intbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1188.	Igor Anatolyevich ILYASH (Игорь Анатольевич ИЛЬЯШ)	Data tat-twelid: 5.10.1967 Post tat-twelid: Odessa, Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar- Rosgvardia. Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1189.	Sergei Anatolyevich LEBEDEV (Сергей Анатольевич ЛЕБЕДЕВ)	Data tat-twelid: 10.1.1966 Post tat-twelid: Astrakhan, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tal-Gwardja Nazzjonali tar- Rosgvardia. Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1190.	Alexey Mikhailovich KUZMENKOV (Алексей Михайлович КУЗЬМЕНКОВ)	Data tat-twelid: 10.6.1971 Post tat-twelid: Horlivka, Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar- Rosgvardia. Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼M55

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1191.	Alexey Stepanovich BEZZUBIKOV (Алексей Степанович БЕЗЗУБИКОВ)	Data tat-twelid: 5.7.1965 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar- Rosgvardia. Unitajiet tal-Gwardja Nazzjonali Russa (Rosgvardia) intbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼M69

1192.	Yevgeniy Vitalievich BALYTSKIY (bir-Russu: Евгений Витальевич БАЛИЦКИЙ) (magħruf ukoll bħala Yevhen Vitaliiovych BALYTSKIY) (bl-Ukren: Євген Віталійович БАЛИЦЬКИЙ)	Data tat-twelid: 10.12.1969 Post tat-twelid: Melitopol, Ukraine Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	Yevgeniy Balytskiy kkoopera mal-awtoritajiet Russi fil-belt Ukrena ta' Melitopol. Huwa appoġġa l-ħatra ta' Galina Danilchenko bħala s-sindku ta' Melitopol wara l-ħtif tas-sindku leġittimu. Fid-9 ta' April 2022, l-awtoritajiet Russi nnominaw lil Yevgeniy Balytskiy bħala l-ħekk imsejjaħ Gvernatur tar-reġjun ta' Zaporizhzhia tal-Ukrajna. Huwa tkellem favur li r-reġjun ta' Zaporizhzhia jingħaqad mal-Federazzjoni Russa. Huwa pparteċipa b'mod attiv fit-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjun ta' Zaporizhzhia u fit-30 ta' Settembru 2022, iffirma ftehim dwar id-dħul tar-reġjun fil-Federazzjoni Russa. F'din il-kapaċità, u permezz tal-azzjonijiet tiegħu, huwa għalhekk responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	21.7.2022
1193.	Konstantin Vladimirovich IVASHCHENKO (bir-Russu: Константин Владимирович ИВАЩЕНКО; bl-Ukren: Костянтин Володимирович ІВАЩЕНКО)	Data tat-twelid: 3.10.1963 Post tat-twelid: Mariupol, Ukraine Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	Wara l-qbid tal-belt ta' Mariupol mill-forzi armati Russi, l-ħekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" Denis Pushilin ħatar lil Konstantin Ivashchenko sindku ta' Mariupol fis-6 ta' April 2022. Huwa appoġġa u pparteċipa pubblikament fit-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1194.	Aleksandr Yurievych KOBETS (bir-Russu: Александр Юрьевич КОБЕЦ) Oleksandr Yuriyovych KOBETS (bl-Ukren: Олександр Юрійович КОБЕЦЬ)	Data tat-twelid: 27.9.1959 Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ sindku tal-belt ta' Kherson mis-26 ta' April 2022, kif stabbilit mill-awtoritajiet Russi. Huwa ffaċilita l-ħruġ ta' passaporti Russi fil-belt ta' Kherson. F'din il-kapaċità, huwa għalhekk ta appoġġ u ppromwova politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	21.7.2022
1195.	Vladimir Valeryevich ROGOV (bir-Russu: Владимир Валерьевич РОГОВ) Volodimir Valeryovich ROGOV (bl-Ukren: Володимир Валерійович РОГОВ)	Data tat-twelid: 1.12.1976 Post tat-twelid: Zaporizhzhia, Ukraine Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ rappreżentant tal-kunsill ewlieni tal-amministrazzjoni militari-ċivili tar-reġjun ta' Zaporizhzhia. Huwa għamel promozzjoni kontra l-awtoritajiet Ukreni u favur li r-reġjun ta' Zaporizhzhia jsir parti mill-Federazzjoni Russa. Huwa ffaċilita wkoll il-ħruġ ta' passaporti Russi fil-belt ta' Melitopol u appoġġa b'mod attiv l-annessjoni tar-reġjun ta' Zaporizhzhia mill-Federazzjoni Russa, inkluż permezz tal-infrastruttura tal-enerġija. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022
1196.	Alexander Fedorovich SAULENKO (bir-Russu: Александр Федорович САУЛЕНКО) Oleksandr Fedorovich SAULENKO (bl-Ukren: Олександр Федорович САУЛЕНКО)	Data tat-twelid: 9.5.1962 Post tat-twelid: Novopetrivka, Ukraine Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ kap tal-amministrazzjoni proviżorja ta' Berdyansk u r-reġjun ta' Berdyansk u sindku tal-belt ta' Berdyansk. Huwa ppromwova li l-kontroll u l-amministrazzjoni tar-reġjun ta' Berdyansk jgħaddu mill-Ukrajna għall-Federazzjoni Russa. Huwa ffaċilita l-ħruġ ta' passaporti Russi fil-belt ta' Berdyansk, kif ukoll appoġġa u pparteċipa pubblikament fit-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022

▼M55

1197.	Andrei Vladimirovich SHEVCHIK (Russu: Андрей Владимирович ШЕВЧИК)	Data tat-twelid: 17.6.1973 Post tat-twelid: Zheleznogorsk (previously Krasnoyarsk-26), Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ sindku ta' Enerhodar. Organizza l-ħolqien ta' "kunsill ta' awtorganizzazzjoni tal-belt" ta' Enerhodar fis-27 ta' Marzu 2022, li ma kienx appoġġat mill-awtoritajiet Ukreni. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1198.	Oleg KRYUCHKOV (Олег КРЮЧКОВ)	Sess: raġel	Oleg Kryuchkov huwa l-kelliem għall-awtorità tal-okkupazzjoni Russa fil-Krimea u konsulent għall-Kap tal-Krimea. Fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħu, huwa kkonferma s-serq ta' qamħ mill-istat Ukren u minn bdiewa Ukreni fit-territorji okkupati mir-Russja, ikkonferma r-russifikazzjoni tal-iskejjel Ukreni fit-territorji okkupati, u ddikjara li r-Russja qed tippjana l-annessjoni tat-territorji okkupati fin-Nofsinhar tal-Ukraina. Għalhekk, huwa responsabbli għal u appoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1199.	Sergei Borissovich KOROLEV (Сергей Борисович КОРОЛЕВ)	Data tat-twelid: 9.11.1952 jew 25.7.1952 Sess: raġel	Sergei Borissovich Korolev huwa l-Ewwel Viċi Direttur ta' Russian FSB, minn Frar 2021. Huwa rrappurtat li huwa assoċjat mill-qrib mad-Direttur tal-FSB Alexander Bortnikov, u man-negozjanti Arkadii u Boris Rotenberg. Huwa indikat bħala sostitut potenzjali għal Bortnikov fil-pożizzjoni ta' Kap tal-FSB. Huwa uffiċjal tal-karriera fl-FSB, li ilu jaqdi dmiru hemmhekk mis-snin 2000 u qabel serva bħala d-direttur tas-Servizz tas-Sigurtà Ekonomika tal-FSB. Fl-2021, Vladimir Putin ppremjah bil-grad ta' Ġeneral tal-Armata, li huwa premju distintiv ta' grad għoli. Għalhekk, huwa jappoġġa uji bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina. L-FSB huwa wieħed mis-servizzi ta' intelligence li pprovdew informazzjoni ta' intelligence lil Vladimir Putin qabel il-bidu tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina fl-24 ta' Frar 2022. Sergei Borissovich Korolev huwa għalhekk responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022
1200.	Stanislav Sergeyevich CHEMEZOV (Станислав Сергеевич ЧЕМЕЗОВ)	Data tat-twelid: 1973 Post tat-twelid: Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Stanislav Sergeyevich Chemezov huwa bin Sergei Chemezov, membru tal-Kunsill Suprem tar-"Russja Magħquda" u president tal-konglomerat Rostec, il-korporazzjoni ewlenija Russa tad-difiża u tal-manifattura industrijali li hija kkontrollata mill-istat. Stanislav Chemezov kien il-proprjetarju ta' kumpannija Offshore imsejħa Erlinglow Ltd li kienet qed tibbenefika mill-kostruzzjoni ta' superawtostrada tal-fibra ottika nazzjonali ta' $550 miljun minn Rostec. Barra minn hekk, huwa l-ko-proprjetarju ta' diversi kumpanniji offshore ma' Maya Bolotova, bint Nikolay Tokarev, inkluż Irvin-2, li rċeviet kuntratti b'valur ta' 8 biljun Rubel. Bħala premju għall-iskambju, il-familja Tokarev ppermettiet lill-familja Chemezov tnaqqas il-baġit ta' Transneft. Stanislanv Chemezov huwa wkoll proprjetarju tal-kumpannija Independent Insurance Group, li tamministra kuntratti tal-assigurazzjoni kbar fis-settur tad-difiża inkluż kuntratti għall-konglomerat tad-Difiża Rostec, li fih is-CEO tiegħu huwa missieru, Sergei Chemezov. Għalhekk, Stanislav Chemezov huwa persuna fiżika assoċjata ma' persuna elenkata.	21.7.2022

▼M55

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
1201.	Maya Nikolaevna BOLOTOVA (imwielda TOKAREVA) magħrufa wkoll bħala Maiya/Mayya/Maija/Maja Nikolaevna BOLOTOVA BOLOTOVA (Майя Николаевна БОЛОТОВА (ТОКАРЕВА)	Data tat-twelid: 18.1.1975 Post tat-twelid: Karaganda, Kazakhstan Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Maya Bolotova (imwielda Tokareva) hija bint Nikolay Tokarev, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Transneft, kumpanija Russa ewlenija taż-żejt u l-gass. Maya Bolotova u l-eks raġel tagħha Andrei Bolotov għandhom proprjetà immobbli lussuża f'Moska, il-Latvja u l-Kroazja li tiswa aktar minn USD 50 miljun, li tista' tiġi konnessa ma' Nikolay Tokarev. Hija għandha wkoll konnessjonijiet mal-kumpanija Ronin li timmaniġġja l-fond providenti għal Transneft. Meta applikat għaċ-ċittadinanza Ċiprijotta, hija niżżlet l-indirizz ta' Ronin Europe bħala tagħha stess fl-istqarrija għall-istampa. Barra minn hekk, għandha konnessjonijiet mar-Ronin Trust li timmaniġġja l-fond providenti ta' Transneft, u dan permezz tal-kumpanija immobiljari tagħha Ostozhenka 19 (li qabel kienet imsemmija RPA Esteit). Maya Bolotova rċeviet kuntratti Statali li jiswew RUB 8 biljun permezz tal-kumpanija Irvin-2, li hija kienet sid tagħha flimkien ma' Stanislav Chemezov, iben l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Rostec, Sergei Chemezov. Bħalissa, flimkien ma' Stanislav Sergeevich Chemezov, għandha ishma fil-Gelendzhik Resort Complex – Meridian LLC. Għalhekk, Maya Bolotova hija persuna fiżika assoċjata ma' persuni elenkati, jiġifieri missierha Nikolay Tokarev u Stanislav Chemezov.	21.7.2022
1202.	Pavel EZUBOV (Павел ЭЗОУБОВ)	Data tat-twelid: Awwissu 1975 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Pavel Ezubov huwa l-kuġin ta' Oleg Deripaska, sid il-konglomerat industrijali Russian Machines li jinkludi l-Military Industrial Company, fornitur ewlieni tal-armi u t-tagħmir militari lill-forzi armati Russi. Oleg Deripaska ttrasferixxa assi kbar lil kuġinuh Pavel Ezubov, inkluż diversi proprjetajiet fi Franza permezz ta' kumpanija azzjonarja li tappartjeni għal Ezubov, lukanda f'Lech, l-Awstrija, permezz tal-kumpanija azzjonarja Gost Hotel Management LLC bbażata fir-Russja, li tappartjeni għal Ezubov, kif ukoll kontroll tal-kumpanija Terra Limited. Għaldaqstant, Pavel Ezubov huwa persuna fiżika assoċjata ma' persuna elenkata, responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022
▼M55				
1203.	Alexander Sergeyevich ZALDOSTANOV (Александр Сергеевич ЗАЛДОСТАНОВ) magħruf ukoll bħala "Il-Kirurgu" (Хирург)	Data tat-twelid: 19.1.1963 Post tat-twelid: Kropyvnytskyi, Crimea, Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Zaldostanov huwa l-mexxej u l-fundatur tal-klabb tal-muturi nazzjonalista Night-wolves MC. Minħabba l-pożizzjoni tiegħu bħala mexxej ta' Nightwolves MC, Alexander Zaldostanov, li għandu rabtiet mill-qrib mal-President Russu Vladimir Putin, huwa figura pubblika magħrufa u sostenitur ewlieni tal-gvern Russu, li jappoġġa b'mod attiv il-propaganda tal-istat Russu billi jiċħad pubblikament id-dritt tal-Ukraina għall-istatus ta' stat u jappella għad-"denazifikazzjoni" kif ukoll id-"de-Ukrajnizzazzjoni" tal-pajjiż, filwaqt li jippromwovi l-idea li l-Ukraina għandha tkun parti integrali mir-Russja. Bħala mexxej	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			tan-Nightwolves MC, Zaldostanov huwa responsabbli wkoll għall-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-grupp li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Alexander Zaldostanov huwa l-mexxej ta' Nightwolves MC, li huwa responsabbli li jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Għaldaqstant, huwa persuna fiżika responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina, u appoġġa u implimenta dawn l-azzjonijiet jew politiki.	
1204.	Andrey BOBROVSKIY (Андрей БОБРОВСКИЙ)	Data tat-twelid: 5.1.1982 Post tat-twelid: Minsk, Belarus Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Bobrowskiy huwa membru tal-klabb tal-muturi nazzjonalista Nightwolves MC u mexxej tal-fergħa “Roads for Victory” ta' Nightwolves MC. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mexxej tal-fergħa “Roads for Victory” Bobrowskyi organizza diversi manifestazzjonijiet tan-Nightwolves f'Berlin, il-Polonja u r-Russja. Mindu l-attakk Russu kontra l-Ukraina fi Frar 2022, l-għan tal-manifestazzjonijiet kien li jappoġġaw b'mod attiv il-gwerra Russa kontra l-Ukraina u li jiċħdu pubblikament id-dritt tal-Ukraina għall-istatus ta' stat u jitolbu għad-“denazifikazzjoni” tal-pajjiż u għall-promozzjoni tal-idea li l-Ukraina għandha tkun parti integrali mir-Russja. Bobrowskiy għalhekk appoġġa b'mod attiv u pubbliku l-propaganda tal-istat Russu. Andrey Bobrowskiy huwa membru ta' Nightwolves MC, li huwa responsabbli li jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Għaldaqstant, huwa persuna fiżika responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina, u appoġġa u implimenta dawn l-azzjonijiet jew politiki.	21.7.2022
1205.	Jozef HAMBÁLEK magħruf ukoll bħala Josef HAMBÁLEK (Йозеф ХАМБАЛЕК)	Data tat-twelid: 14.3.1972 Nazzjonalità: Slovakka Sess: raġel	Jozef Hambálek huwa l-President tas-sezzjoni Ewropea tal-klabb tal-muturi nazzjonalista Nightwolves MC ibbażat fis-Slovakkja. Hambálek, li jista' jkun konness mal-President Russu, Vladimir Putin, u rappreżentanti oħra tal-gvern Russu, huwa magħruf pubblikament għall-bini tal-kwartieri ġenerali tas-sezzjoni ewropea tan-Nightwolves MC fuq eks bażi militari fis-Slovakkja li għaliha uża tagħmir militari mormi, inkluż tankijiet. L-attivitajiet kontinwi tiegħu, li allegatament jinkludu t-taħriġ tal-membri ta' Nightwolves għal ġlied attiv fl-Ukraina fuq il-proprjetajiet tiegħu u l-promozzjoni attiva tal-propaganda favur ir-Russa fl-Ewropa, jistgħu jitqiesu bħala theddida għas-sigurtà tal-Ukraina u tal-UE. Għalhekk, Jozef Hambálek huwa persuna fiżika li tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1206.	Alexei WEITZ magħruf ukoll bħala Alexei VAYTS magħruf ukoll bħala Aleksey Yevgenevich VEITZ (Алексей ВАЙЦ)	Data tat-twelid: 7.10.1965 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexei Weitz huwa membru u mexxej spiritwali tal-klabb tal-muturi nazzjonalista, in-Nightwolves MC, b'rabtiet personali mill-qrib mal-mexxej tan-Nightwolves MC Alexander Zaldostanov. Huwa responsabbli għar-rabta tan-Nightwolves MC mal-Knisja Ortodossa Russa u għat-tiswir tal-viżjoni dwar id-dinja tal-mexxejja tiegħu. Preċedentement huwa aġixxa bħala segretarju tal-istampa tan-Nightwolves MC u jwettaq kompiti rappreżentattivi, fost l-oħrajn billi ta taħdidiet lill-istudenti tal-Università u tkellem fil-manifestazzjonijiet tan-Nightwolves. Huwa wkoll espert tal-Kunsill għar-Relazzjonijiet Interetniċi taħt il-President tar-Russja, li appoġġa pubblikament il-gwerra Russa kontra l-Ukraina u l-ksur tad-dritt internazzjonali u huwa responsabbli għall-formulazzjoni ta' kunċett uffiċjali tan-"nazzjon Russu". Minħabba l-attivitajiet tiegħu għan-Nightwolves MC u l-Kunsill għar-Relazzjonijiet Interetniċi taħt il-President tar-Russja, Weitz huwa figura ewlenija tal-propaganda tal-istat Russu. Alexei Weitz huwa membru tan-Nightwolves MC, li huwa responsabbli li jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Għaldaqstant, huwa persuna fiżika responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1207.	Andrey Removich BELOUSOV magħruf ukoll bħala Andrei Removich BELOUSOV (Андрей Рэмович БЕЛОУСОВ)	Data tat-twelid: 17.3.1959 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Removich Belousov huwa l-Ewwel Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa u huwa meqjus li kien membru tal-eqreb ċirku intern ta' Putin għal ħafna snin. Għandu rwol influwenti fil-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Belousov qed jimplimenta l-politika ekonomika tal-Gvern Russu u huwa responsabbli għat-tkabbir ekonomiku tar-Russja u għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq Russi. Fil-25 ta' Frar 2022 attenda l-laqgħa fil-Kremlin u talab lill-oligarki miġburin biex ikomplu jaħdmu ma' banek sanzjonati. F'Marzu 2022, Belousov iddikjara li ser jiġi deċiż li l-kumpanniji barranija li waqqfu l-operazzjonijiet tagħhom u taw is-sensja lill-persunal fil-pajjiż wettqu falliment intenzjonat, att li jinvolvi responsabbiltà amministrattiva, u possibbilment, kriminali skont il-liġijiet Russi dwar l-insolvenza. Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea fl-2014. Għalhekk huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼M55

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1208.	Yury Yakovlevich CHAIKA magħruf ukoll bħala Yury Yakovlevich CHAYKA; Yuri Yakovlevich CHAIKA (Юрий Яковлевич ЧАЙКА)	Data tat-twelid: 21.5.1951 Post tat-twelid: Nikolaevsk-on-Amur, Khabarovsk Krai, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yury Yakovlevich Chaika huwa membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa u tar-Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tat-Tramuntana tal-Kawkasu. Huwa involut direttament fil-gwida u l-implimentazzjoni tal-politika barranija aggressiva tar-Russja. F'April 2022 Yuri Chaika ppreżenta premjijiet statali lil militari li ddistingwew ruħhom matul l-hekk imsejħa "operazzjoni speċjali għat-tneħħija tad-denazifikazzjoni tal-Ukraina". Fil-laqgħa mar-refuġjati mill-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk f'Pyatigorsk fis-17 ta' Marzu 2022, huwa ġġustifika l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukraina u ddikjara li l-awtoritajiet Ukreni wettqu ġenoċidju fl-Ukraina. Għal ħafna snin, Yuri Chaika kien wieħed mill-eqreb assoċjati ta' Vladimir Putin u impjegat obbidjenti tar-reġim fil-gvern. Yuri Chaika u l-familja tiegħu bbenefikaw personalment mill-assoċjazzjoni mill-qrib tagħhom mar-reġim ta' Putin. Għalhekk huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1209.	Alexander Anatolievich MAKSIMTSEV (Александр Анатольевич МАКСИМЦЕВ)	Data tat-twelid: 20.8.1963 ►C15 Post tat-twelid: Tokmak, Kirghiz SSR, former USSR (illum il-Kirgistan) ◄ Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Maksimysev huwa mexxej militari Russu u Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali għall-ħidma militari-politika. Il-Forzi Ajruspazjali Russi wettqu attakki kemm fuq miri militari kif ukoll ċivili fl-Ukraina. Peress li Alexander Maksimtsev huwa Viċi Kap Kmandant, huwa responsabbli għall-azzjonijiet ta' din l-unità. Għal-daqstant, Alexander Maksimysev huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza fl-Ukraina u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼M69

1210.	Maria Alexeyevna LVOVA-BELOVA (Мария Алексеевна ЛЬВОВА-БЕЛОВА)	Data tat-twelid: 25.10.1984 Post tat-twelid: Penza, l-eks USSR, issa Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Maria Alexeyevna Lvova-Belova hija Kummissarju Presidenzjali għad-drittijiet tat-tfal u tat bidu għas-simplifikazzjoni tal-proċedura biex tingħata ċ-ċittadinanza lil tfal li sfaw orfni fl-Ukrajna. Hija waħda mill-aktar persuni involuti fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom mill-familji Russi. L-azzjonijiet ta' Maria Alexeyevna Lvova-Belova jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Hija appoġġat pubblikament l-annessjoni tar-reġjun ta' Donbas mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġa u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022

▼M55

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1211.	Yuri Nikolaevich GREKHOV (Юрий Николаевич ГРЕХОВ)	Data tat-twelid: 15.10.1962 Post tat-twelid: Gorky, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yuri Nikolaevich Grekhov huwa kmandant militari Russu, Kurunell Ġeneral, Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali Russi. Il-Forzi Ajruspazjali Russi wettqu attakki kemm fuq miri militari kif ukoll ċivili fl-Ukraina. Bħala Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali Russi, huwa jikkmanda t-truppi tad-Difiża tal-Ajru u tal-Missili, u għalhekk huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1212.	Zabit Sabirovich KHEIRBEKOV (Забит Сабирович ХЕИРБЕКОВ)	Data tat-twelid: 5.6.1968 Post tat-twelid: Kusar region, Azerbaijan SSR, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Zabit Kheirbekov huwa Logutenent Ġeneral tal-Forzi Ajruspazjali Russi, Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali Russi għal-Loġistika. Il-Forzi Ajruspazjali Russi wettqu attakki kemm fuq miri militari kif ukoll ċivili fl-Ukraina. Għaldaqstant, Zabit Kheirbekov huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼M69

1213.	Andrey Anatolyevich KOZITSYN (Андрей Анатольевич КОЗИЦЫН)	Data tat-twelid: 9.6.1960 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Anatolyevich Kozitsyn huwa negozjant Russu ewlieni. Huwa l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Ural Mining Metallurgical Company (UMMC/UGMK), wieħed mill-produtturi prinċipali Russi ta' komoditajiet ewlenin (inkluż ir-ram, iż-żingu, il-faħam, id-deheb u l-fidda), u għadu negozjant attiv f'bosta setturi kummerċjali differenti. Huwa rikonoxxut għall-kontributi importanti tiegħu għall-ekonomija Russa u l-iżvilupp tar-reġjun ta' Ural. Għaldaqstant, huwa negozjant Russu ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	21.7.2022

▼M55

1214.	Sergey Semyonovich SOBYANIN (Сергей Семёнович СОБЯНИН)	Data tat-twelid: 21.6.1958 Post tat-twelid: Nyaksimvol, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergei Semyonovich Sobyanine huwa s-sindku ta' Moska u għandu rabtiet mill-qrib ma' Vladimir Putin. Huwa kien kap tal-amministrazzjoni presidenzjali mill-2005 sal-2008 u serva bħala Viċi Prim Ministru tar-Russja mill-2008 sal-2010 fit-Tieni Kabinett ta' Vladimir Putin. Huwa membru tal-Kunsill tas-Sigurtà. Fl-1 ta' Marzu 2022, Sobyanine wissa li t-tentattivi u s-sejħiet kollha minn "provokaturi" biex jorganizzaw protesti fit-toroq f'Moska kienu ser jiġu pprevenuti. Fid-dimostrazzjoni politika tat-18 ta' Marzu 2022 "għal dinja mingħajr Naziżmu", huwa esprima b'mod espliċitu l-appoġġ għall-"operazzjoni militari speċjali" fl-Ukraina. Għaldaqstant, huwa qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1215.	Aleksey Vladimirovich DENISENKO (Алексей Владимирович ДЕНИСЕНКО)	Data tat-twelid: 9.6.1978 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksey Vladimirovich Denisenko huwa membru tal-Assemblea Leġiżlattiva reġjonali ta' Chelyabinsk, membru tal-Presidju tal-Kunsill Politiku Reġjonali, President tal-Kumitat tal-Assemblea Leġiżlattiva għall-Politika tal-Kostruzzjoni u d-Djar u s-Servizzi Komunali u Kap tad-Dipartiment għall-Interazzjoni mal-Assoċjazzjonijiet Pubbliċi u l-Ħidma maż-Żgħażagħ tal-Fergħa Reġjonali ta' Chelyabinsk ta' "Russja Magħquda". Barra minn hekk, huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin "Russja Magħquda" u b'mod miftuħ jiġġustifika, jiddefendi u jappoġġa d-deċiżjoni tal-President Putin li jirrikonoxxi r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR)u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk (LPR) bħala stati indipendenti, kif ukoll l-operazzjoni militari speċjali, li fi kliemu hija operazzjoni ta' infurzar tal-paċi. Denisenko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina	21.7.2022
1216.	Alexander Nikolaevich BELSKIY (Александр Николаевич БЕЛЬСКИЙ)	Data tat-twelid: 16.7.1975 Post tat-twelid: Leningrad, former USSR, (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Belskiy huwa l-President tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' San Pietruburgu mid-29 ta' Settembru 2021 bħala membru tal-partit politiku allinjat mal-Kremlin, "Russja Magħquda". L-Assemblea Leġiżlattiva hija l-ogħla u l-uniku korp leġiżlattiv ta' poter statali f'San Pietruburgu. L-Assemblea twaqqfet taħt il-liġi federali u hija rregolata minnha u taħdem mill-qrib mal-gvernatur ta' San Pietruburgu. Bħala President tal-Assemblea Leġiżlattiva, is-Sur Belskiy huwa l-membru bl-ogħla kariga tal-Assemblea. B'riżultat ta' dan, is-Sur Belskiy huwa politiku sinifikanti f'San Pietruburgu u lil hinn. Preċedentement, Belskiy serva bħala viċi gvernatur ta' San Pietruburgu fil-perjodu 2020-2021. F'dik il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-politika taż-żgħażagħ. Is-Sur Belskiy jkompli jaħdem mat-tfal u jfittex li jindottrinizza lit-tfal b'fehmiet favur ir-reġim. Is-Sur Belskiy huwa attiv fl-użu tiegħu ta' għadd ta' kontijiet tal-media soċjali fuq is-servizzi Telegram u VKontakte u jippubblika artikli fil-media tal-partit "Russja Magħquda". Huwa ripetutament uża l-pjattaformi tal-media soċjali tiegħu biex jiġġustifika u jesprimi appoġġ għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukraina u feraħ lill-Krimea u Sevastopol għar-"riunifikazzjoni" tagħhom mar-Russja.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Is-Sur Belskiy huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	
1217.	Alexander Valentinovich ISHCHENKO (Александр Валентинович ИЩЕНКО)	Data tat-twelid: 9.3.1970 Post tat-twelid: Rostov-on-Don, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Ishchenko huwa l-President tal-Assemblea Leġiżlattiva tar-Reġjun ta' Rostov u s-Segretarju tal-Fergħa Reġjonali ta' Rostov tal-partit "Russja Magħquda" allinjat mal-Kremlin (it-tnejn li huma mill-2016). Is-Sur Ishchenko huwa attiv ħafna fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, eż. il-Parlament taż-Żgħażagħ ta' Rostov u l-organizzazzjoni reġjonali politika-militari taż-żgħażagħ "Gwardja taż-Żgħażagħ". Bħala President tal-Assemblea Leġiżlattiva huwa persuna pubblika u ta' spiss jidher fuq it-televiżjoni u l-aħbarijiet lokali u nazzjonali u f'avvenimenti pubbliċi. F'intervisti pubbliċi u f'posts fuq il-media soċjali, is-Sur Ishchenko jappoġġa d-deċiżjoni tal-President Putin li jirrikonoxxi r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk (LPR) u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR) separatisti u jippromwovi l-messaġġi ta' propaganda tar-reġim. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Ishchenko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022
1218.	Mikhail Vladimirovich STRUK (Михаил Владимирович СТРУК)	Data tat-twelid: 26.10.1977 Post tat-twelid: Novy Rogachik, Volgograd Oblast, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Struk huwa membru tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' Volgograd Oblast (reġjun) mill-2017. Is-Sur Struk huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, "Russja Magħquda". Fuq il-kont tiegħu fuq il-pjattaforma tal-media soċjali Vkontakte u fid-dikjarazzjonijiet tiegħu ppubblikati f'gazzetta lokali li s-Sur Struk għandu bħala deputat tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' Volgograd Oblast, huwa ripetutament esprima appoġġ għall-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja u ddenunzja lill-Ukreni bħala Nazisti. Is-Sur Struk jesprimi appoġġ għas-suldati Russi li qed jiġġieldu fl-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Minħabba l-influwenza politika tiegħu u l-influwenza tiegħu bħala Direttur Ġenerali fil-Farm tat-Tjur ZAO Volzhskaya, is-Sur Struk huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	
1219.	Nikolay Nikolaevich ZABOLOTNEV (Николай Николаевич ЗАБОЛОТНЕВ)	Data tat-twelid: 30.1.1992 Post tat-twelid: Chuy Region in northern Kyrgyz Republic Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Zabolotnev huwa l-kap tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali tal-Fergħa Reġjonali ta' Khanty-Mansiysk tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, Russja Magħquda. Huwa wkoll l-eks kap tad-Duma taż-Żgħażagħ (parlament taż-żgħażagħ) f'Yugra, li tikkoopera mad-Dumas taż-Żgħażagħ tal-awtoproklamati Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk (LPR) u Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR). Is-Sur Zabolotnev jattendi regolarment laqgħat, fora u avvenimenti tad-Duma taż-Żgħażagħ ta' Yugra. Huwa kien fuq il-palk għal produzzjoni teatrali qasira meta attenda kunċert ta' karità reġjonali fl-1 ta' April 2022, fejn ġabar flus għall-appoġġ tal-operazzjonijiet umanitarji Russi f'Donbass. Huwa esprima ripetutament l-appoġġ tiegħu għall-"operazzjoni speċjali" fuq stazzjon televiżiv reġjonali. Is-Sur Zabolotnev huwa attiv ħafna fuq il-media soċjali u juża din il-pjattaforma biex jesprimi l-appoġġ tiegħu għal Putin u l-operazzjoni, biex jenfasizza li l-poplu tad-DPR u l-LPR jappoġġaw lir-Russja, biex ixerred rivendikazzjonijiet dwar ġenoċidju fir-reġjun ta' Donbas u biex jiddikjara li jeħtieġ li l-forzi Ukreni jinqerdu kompletament. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Zabolotnev huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1220.	Nikolay Timofeevich VELIKDAN (Николай Тимофеевич ВЕЛИКДАНЬ)	Data tat-twelid: 6.3.1956 Post tat-twelid: Sovetskoye Runo, Ipatovsky District, Stavropol Territory, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Velikdan huwa l-President tad-Duma Reġjonali ta' Stavropol mit-30 ta' Settembru 2021. Huwa membru tad-Duma Reġjonali ta' Stavropol mid-19 ta' Settembru 2021 u l-ewwel Viċi President tal-Gvern tat-Territorju ta' Stavropol. Huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, "Russja Magħquda", u membru tal-Presidju tal-Kunsill Politiku Reġjonali tal-Partit. Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu fis-siti web tal-aħbarijiet reġjonali Russi, Bez Formata u Stapravda, huwa appoġġa pubblikament u ppromwova l-invażjoni tal-Ukraina billi xerred propaganda rigward l-invażjoni Russa u ddissemina stampa distorta tas-sitwazzjoni fl-Ukraina. Huwa jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni fl-"operazzjoni speċjali". Bħala wieħed mill-ogħla uffiċjali u President tad-Duma Reġjonali ta' Stavropol, huwa għandu influwenza konsiderevoli. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Velikdan huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022
1221.	Dmitry Vladimirovich KHOLIN (Дмитрий Владимирович ХОЛИН)	Data tat-twelid: 25.9.1977 Post tat-twelid: Kuybyshev, former USSR, now Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Kholin huwa membru tad-Duma Provinċjali ta' Samara, fejn iservi bħala l-President tal-Kumitat tar-Regolamenti. Mill-2020-2021 huwa kien il-kap tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali tal-Fergħa Reġjonali ta' Samara tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin "Russja Magħquda". Huwa wkoll membru tal-Fergħa Reġjonali ta' Samara tal-organizzazzjoni pubblika Russa kollha "Fratellanza ta' Kumbattiment" (organizzazzjoni għall-veterani). Permezz tal-mezzi tal-media soċjali tiegħu, intervisti pubbliċi u lectures, is-Sur Kholin jiġġustifika, jiddefendi u jappoġġa apertament l-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina. Huwa jikkomunika apertament dwar il-fatt li huwa sostenitur qawwi tal-President Putin, li jwassal għal xejra ta' inċitament pubbliku sistematiku li jappoġġa l-operazzjonijiet militari tar-Russja. B'mod speċifiku, is-Sur Kholin għandu rwol ċentrali fid-disseminazzjoni tan-narrattiva favur ir-Russja fost iż-żgħażagħ u l-kadetti żgħażagħ tal-armata. Dan jagħmlu responsabbli għat-tixrid ta' propaganda favur ir-Russja u diżinformazzjoni rigward il-gwerra kontra l-Ukraina, kif ukoll għall qadi ta' rwol attiv biex jiġbor l-appoġġ domestiku għall-kampanja militari Russa. Is-Sur Kholin huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1222.	Sergey Evgenievich TSIVILEV (Сергей Евгеньевич ЦИВИЛЕВ)	Data tat-twelid: 21.9.1961 Post tat-twelid: Zhdanov (Mariupol), former USSR (now Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Tsivilev huwa l-gvernatur tar-reġjun ta' Kemerovo u figura pubblika magħrufa sew. Permezz tal-interventi pubbliċi tiegħu, is-Sur Tsivilev jiġġustifika, jiddefendi u jappoġġa apertament l-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina. Huwa jikkomunika apertament dwar il-fatt li huwa sostenitur qawwi tal-President Putin, li jwassal għal xejra ta' inċitament pubbliku sistematiku li jappoġġa l-operazzjonijiet militari tar-Russja. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, huwa responsabbli għat-tixrid ta' propaganda favur ir-Russja u diżinformazzjoni rigward il-gwerra kontra l-Ukraina, kif ukoll għall-qadi ta' rwol attiv biex jiġbor l-appoġġ domestiku għall-kampanja militari Russa. Is-Sur Tsivilev esprima apertament l-appoġġ tiegħu għall-President għad-deċiżjoni tar-Russja li tirrikonoxxi l-indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki ta' Luhansk u ta' Donetsk. Abbażi ta' dawn l-azzjonijiet, is-Sur Tsivilev huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022
1223.	Roman Alexandrovich GOVOR (Роман Александрович ГОВОР)	Data tat-twelid: 22.11.1982 Post tat-twelid: Novokuznetsk, Kemerovskaya Oblast, former USSR, now Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Govor huwa membru tal-Assemblea Leġiżlattiva tar-Reġjun ta' Kemerovo – Kuzbass. Huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, “Russja Magħquda”. Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu fuq Rutube u fuq il-kont tiegħu ta' VKontakte, is-Sur Govor jappoġġa pubblikament id-deċiżjoni tal-invażjoni tal-Ukraina. Huwa qed jippromwovi wkoll b'mod attiv il-propaganda tar-reġim. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Govor huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1224.	Roman Sergeevich CHUYKO (Роман Сергеевич ЧУЙКО)	Data tat-twelid: 12.5.1983 Post tat-twelid: Blagoveshchensk, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Chuiko huwa l-kap tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali tal-Front Popolari Pan-Russu u membru tal-Assemblea Leġiżlattiva reġjonali f'Tuymen Oblast. Is-Sur Chuiko huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, “Russja Magħquda”. Bħala Kap tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali fir-reġjun tiegħu, is-Sur Chuyko jesprimi ripetutament l-appoġġ għall-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja, ixerred messaġġi ta' propaganda u jiddenunzja lill-awtoritajiet Ukreni bħala Nazisti fuq pjattaformi tal-media soċjali, fuq stazzjonijiet televiżivi reġjonali u fuq siti web tal-aġenziji tal-aħbarijiet. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Chuiko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022
1225.	Viktor Vladimirovich BABENKO (Виктор Владимирович БАБЕНКО)	Data tat-twelid: 14.10.1968 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Babenko huwa l-President tal-Kunsill Reġjonali ta' Sostenituri ta' Sverdlovsk tal-Partit “Russja Magħquda”. Huwa membru tal-Assemblea Leġiżlattiva tar-Reġjun ta' Sverdlovsk u Viċi Segretarju tal-Fergħa Reġjonali ta' Sverdlovsk ta' “Russja Magħquda”. Is-Sur Babenko huwa politiku reġjonali ewlieni mill-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, Russja Magħquda, fl-oblast ta' Sverdlovsk. Sa mill-bidu tal-invażjoni Russa fi Frar, is-Sur Babenko kien qed esprimi b'mod attiv l-appoġġ tiegħu għall-operazzjoni fil-media soċjali, f'intervisti bil-miktub u f'diskorsi waqt avvenimenti lokali. Huwa jħeġġeġ lill-popolazzjoni ta' Sverdlovsk tappoġġa l-“Operazzjoni Speċjali Russa kontra n-nazzjonaliżmu u l-Faxxiżmu”. Fil-biċċa l-kbira tal-istampi tiegħu jidher liebes t-shirt bil-logo “Z” tal-invażjoni Russa. Barra minn hekk, is-Sur Babenko f'diversi okkażjonijiet xerred propaganda u dikjarazzjonijiet foloz dwar l-avvenimenti tal-operazzjoni militari. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Babenko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1226.	Yury Alexandrovich BURLACHKO (Юрий Александрович БУРЛАЧКО)	Data tat-twelid: 8.6.1961 Post tat-twelid: Omsk, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Burlachko ilu mill-2017 President tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' Krasnodar Krai (reġjun) u huwa l-Membru Parlamentari bl-ogħla kariga fl-Assemblea Leġiżlattiva ta' Krasnodar Krai. Is-Sur Burlachko huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, Russja Magħquda. Is-Sur Burlachko ddissemina propaganda tal-Kremlin kontra l-Ukraina f'għadd ta' intervisti u esprima appoġġ għall-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja. Huwa esprima appoġġ sħiħ lill-President fl-isforz tiegħu li "jnaddaf l-Ukraina moderna min-Naziżmu". Barra minn hekk, is-Sur Burlachko jsostni li kellu rwol attiv fil-proċessi elettorali fil-Krimea fl-2014. Huwa rċieva għadd ta' midalji u premjijiet bħall-Gratitudni tal-President tal-Federazzjoni Russa (2004, 2014, 2017), il-medalja "għar-Ritorn tal-Krimea (2014) u l-Medalja tal-Ordni "Għal Mertu lejn il-Patrija". Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Burlachko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. B'hekk, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Bl-istess mod, huwa qed jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu deċiżjonijiet li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukraina.	21.7.2022
1227.	Yury Zimelevich KAMALTYNOV (Юрий Зимелевич КАМАЛТЫНОВ)	Data tat-twelid: 11.3.1957 Post tat-twelid: Kazan, Republic of Tatarstan, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Kamaltynov huwa l-Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tat-Tatarstan. Preċedentement, huwa serva bħala Viċi Prim Ministru tar-Repubblika tat-Tatarstan u bħala rappreżentant plenipotenzjarju tal-President tar-Repubblika tat-Tatarstan fil-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tat-Tatarstan. Is-Sur Kamaltynov huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, "Russja Magħquda". Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu fuq pjattaformi tal-media lokali u reġjonali, is-Sur Kamaltynov appoġġa u ppromwova pubblikament id-deċiżjoni tal-invażjoni tal-Ukraina. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Kamaltynov huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022

▼**M55**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1228.	Sergey Vitalyevich BEZRUKOV (Сергей Витальевич БЕЗРУКОВ)	Data tat-twelid: 18.10.1973 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Bezrukov huwa attur u politiku Russu. Huwa wieħed mill-uċuħ pubbliċi tal-Partit "Russja Magħquda" u president tal-"Proġett kultura ta' art twelidna ż-żgħira" ta' "Russja Magħquda". Huwa xerred propaganda Russa b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina. Huwa appoġġa l-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja waqt spettakli mogħtija lis-suldati Russi li ħadu sehem fil-gwerra, u lil tfal mill-ħekk imsejħa Repubbliki tal-Poplu separatisti f'Donbas. Barra minn hekk, huwa esprima pubblikament l-appoġġ tiegħu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022
1229.	Vladimir Lvovich MASHKOV (Владимир Львович МАШКОВ)	Data tat-twelid: 27.11.1963 Post tat-twelid: Tula, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Mashkov huwa attur Russu, direttur u xeneġġjatur li appoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina. Huwa appoġġa uffiċjalment l-intenzjoni tal-President Vladimir Putin li jerġa' jiġi elett fl-2018 u ħadem bħala r-rappreżentant tiegħu fl-elezzjonijiet. Ġie nominat għall-pożizzjoni ta' membru tal-Kunsill Presidenzjali għall-Kultura u l-Arti. Huwa appoġġa wkoll l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol u r-rikonoxximent tal-ħekk imsejħa Repubbliki tal-Poplu separatisti f'Donbas mir-Russja. Huwa ta spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukraina, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Barra minn hekk, huwa installa s-simbolu militari "Z", li ġie impjegat mill-propaganda Russa biex jippromwovi l-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja, fuq il-faċċata tat-teatru Oleg Tabakov f'Moska. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼**M58**

1230.	Alla Viktorovna POLYAKOVA (Алла Викторовна ПОЛЯКОВА)	Data tat-twelid: 26.11.1970 Post tat-twelid: Ryazan, il-Federazzjoni Russa Nazzjonalita': Russa Sess: mara	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 'Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u għalhekk appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddes-tabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	1.9.2022

▼M58

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1231.	Anton Olegovich TKACHEV (Антон Олегович ТКАЧЁВ)	Data tat-twelid: 31.3.1994 Post tat-twelid: Voronezh, il-Federazzjoni Russa Nazzjonalita': Russu Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 'Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	1.9.2022
1232.	Valery Andreevich PONOMAREV (Валерий Андреевич ПОНОМАРЕВ)	Data tat-twelid: 17.8.1959 Post tat-twelid: Distrett Kurilsky, Reġjun Sakhalin, il-Federazzjoni Russa Nazzjonalita': Russu Sess: raġel	Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern tat-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'.	1.9.2022

▼M60

1233.	Aleksander Dmitrievich KHARICHEV (Александр Дмитриевич ХАРИЧЕВ)	Data tat-twelid: 8.2.1966 Post tat-twelid: Kostroma, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Kap tad-Diviżjoni tal-Operazzjoni tal-Kunsill tal-Istat fl-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa. Id-Diviżjoni ngħatat il-kompitu tat-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1234.	Boris Yakovlevich RAPOPORT (Борис Яковлевич РАПОПОРТ)	Data tat-twelid: 14.8.1967 Post tat-twelid: Leningrad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa St. Petersburg, il-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Alexander Kharichev Entitajiet assoċjati: Direttorat Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa	Il-Viċi Kap tad-Diviżjoni tal-Operazzjoni tal-Kunsill tal-Istat fl-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa. Id-Diviżjoni ngħatat il-kompitu tat-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1235.	Anton Viktorovich KOLTSOV (Антон Викторович КОЛЬЦОВ)	Data tat-twelid: 24.6.1973 Post tat-twelid: Cherepovets, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Kap tal-Gvern tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia" fit-18 ta' Lulju 2022 u kien involut fit-tħejjijiet għar-referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1236.	Alexey Sergeyevich SELIVANOV (Bir-Russu: Алексей Сергеевич СЕЛИВАНОВ) magħruf ukoll bħala Oleksiy Sergiyovich SELIVANOV (Bl-Ukren: Олексій Сергійович СЕЛІВАНОВ)	Data tat-twelid: 7.12.1980 Post tat-twelid: Kyiv, preċedentement magħrufa bħala Ukrainian SSR (issa l-Ukrajna) Nazzjonalità: Ukrena, Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	L-hekk imsejjaħ "Viċi Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Zaporizhzhia". Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Zaporizhzhia responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1237.	Anton Robertovich TITSKIY (Антон Робертович ТИЦКИЙ)	Data tat-twelid: 12.2.1990 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika taż-Żgħażagħ tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia" mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fit-18 ta' Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia responsabbli mit-tħejjija ta' referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1238.	Sergey Vladimirovich ELISEEV (Сергей Владимирович ЕЛИСЕЕВ)	Data tat-twelid: 5.5.1971 Post tat-twelid: Stavropol, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel Indirizz: Kherson Oblast, Ukraine Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ “Kap tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta’ Kherson” mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fil-5 ta’ Lulju 2022. Għal-hekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta’ Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta’ referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1239.	Mikhail Leonidovich RODIKOV (Михаил Леонидович РОДИКОВ)	Data tat-twelid: 26.1.1958 Post tat-twelid: Ozyory, Moscow region, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Sergey Eliseev Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza” fl-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta’ Kherson mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta’ Lulju 2022 u huwa responsabbli għall-adattament tas-sistema edukattiva ta’ Kherson għall-istandards Russi. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta’ Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta’ referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1240.	Vladimir Alexandrovich BESPALOV (Владимир Александрович БЕСПАЛОВ)	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ “Ministru għall-Politika Domestika” tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta’ Kherson mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta’ Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta’ Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta’ referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1241.	Vitaliy Pavlovich KHOTSENKO (Виталий Павлович ХОЦЕЕНКО)	Data tat-twelid: 18.3.1986 Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Ukrajna) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Donetsk, Ukraine	Inħatar Prim Ministru tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk fit-8 ta' Ġunju 2022 u għal-hekk huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1242.	Vladislav Garievich KUZNETSOV (Владислав Гариевич КУЗНЕЦОВ)	Data tat-twelid: 18.3.1969 Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Inħatar fit-8 ta' Ġunju 2022 l-Ewwel Viċi President tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1243.	Nikolay Ivanovich BULAYEV (Николай Иванович БУЛАЕВ)	Data tat-twelid: 1.9.1949 Post tat-twelid: Kazachya Sloboda, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Il-viċi president tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Russa. F'Settembru 2022, huwa kien responsabbli għas-sorveljanza tal-proċeduri ta' votazzjoni biex jitwettqu r-"referenda" illegali dwar l-annessjoni illegali tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u tar-Reġjuni tal-Ukrajna ta' Zaporozhzhia u Kherson mill-Federazzjoni Russa. Taħt il-gwida tiegħu, infetħu postijiet tal-votazzjoni fil-Federazzjoni Russa sabiex tiġi ffaċilitata din il-votazzjoni. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li ostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1244.	Evgeniy Alexandrovich SOLNTSEV (Евгений Александрович СОЛНЦЕВ)	Data tat-twelid: 1980 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ “Viċi President tal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” mit-8 ta’ Ġunju 2022. Billi assuma u aġixxa f’din il-kapaċità, huwa responsabbli għal li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	6.10.2022
1245.	Alexander Konstantinovich KOSTOMAROV (Александр Константинович КОСТОМАРОВ)	Data tat-twelid: 13.5.1977 Post tat-twelid: Chelyabinsk, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ “l-Ewwel Viċi Kap tal-amministrazzjoni tal-Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” mit-8 ta’ Ġunju 2022. Billi assuma u aġixxa f’din il-kapaċità, huwa responsabbli għal li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	6.10.2022
1246.	Alan Valerievich LUSHNIKOV (Алан Валерьевич ЛУШНИКОВ)	Data tat-twelid: 10.8.1976 Post tat-twelid: Leningrad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa St. Petersburg, il-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: JSC Kalashnikov Concern	L-akbar azzjonist tal-produttur tal-armi JSC Kalashnikov Concern. JSC Kalashnikov Concern huwa żviluppatur u manifattur Russu ta’ tagħmir tal-armata, inkluż azzarini personali, missili u vetturi. Huwa kkontrollat direttament minn Rostec. Missili ggwidati tal-inġenji tal-ajru Vikhr-1 u azzarini tal-assalt AK-12 prodotti minn JSC Kalashnikov Concern intużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022. Huwa għalhekk responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma’ JSC Kalashnikov Concern, li huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Il-korporazzjonijiet tad-difiża tar-Russja u l-individwi affiljati magħhom jibbenefikaw mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li għaddejja bħalissa. JSC Kalashnikov Concern jikkontribwixxi kemm għall-provvista ta’ armi lill-Forzi Armati Russi kif ukoll jibbenefika mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Għalhekk, Alan Lushnikov qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1247.	Yulia Dmitrievna CHICHERINA (Юлия Дмитриевна ЧИЧЕРИНА)	Data tat-twelid: 07.8.1978 Post tat-twelid: Sverdlovsk, Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Hija kantanta prominenti Russa. Hija tuża l-prominenza konsiderevoli tagħha biex pubblikament iddgħajjef jew thedded l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna, pereżempju billi tmaqdar is-simboli tal-istat Ukren u turi pubblikament l-appoġġ tagħha għall-annessjoni Russa tal-Ukrajna fit-territorju Ukren okkupat mir-Russja. Għaldaqstant, qed tappoġġa materjalment azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	6.10.2022
1248.	Dmitry Vitalyevich BULGAKOV (Дмитрий Витальевич БУЛГАКОВ)	Data tat-twelid: 20.10.1954 Post tat-twelid: Verkhneye Gurovo, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa sa Settembru 2022 u Ġeneral fl-Armata Russa. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Barra minn hekk, huwa ġġustifika, iddefenda u appoġġa apertament il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1249.	Yunus-Bek Bamatgireevich EVKUROV (Юнус-Бек Баматгиреевич ЕВКУРОВ)	Data tat-twelid: 30.7.1963 Post tat-twelid: North Ossetian Autonomous SSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russu b'mod ġenerali. Fid-dehriet tiegħu fil-pubbliku, jiġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Permezz tad-dehriet tiegħu fil-pubbliku u tas-sehem tiegħu fiċ-ċerimonji tal-għoti ta' premijiet u medalji, huwa jiġbor l-appoġġ domestiku għall-gwerra. Barra minn hekk, l-azzjonijiet tiegħu juru li huwa jappoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1250.	Ruslan Khadzhismelovich TSALIKOV (Руслан Хаджисмелович ЦАЛИКОВ)	Data tat-twelid: 31.7.1956 Post tat-twelid: Ordzhonikidze, North Ossetian Autonomous SSR (issa Vladikavkaz, the Republic of North Ossetia–Alania, Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa jinsab fir-raba' post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Fid-diversi dehriet pubbliċi tiegħu, bħas-sehem tiegħu fil-konferenza "antifaxxista" organizzata mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, huwa esprima appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. L-azzjonijiet tiegħu juru li huwa jappoġġa, jiġġustifika u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli talli, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politika li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1251.	Nikolay Aleksandrovich PANKOV (Николай Александрович ПАНКОВ)	Data tat-twelid: 2.12.1954 Post tat-twelid: Maryino, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Ministru għad-Difiża, ġeneral tar-riżerva tal-armata Russa u segretarju tal-istat tal-Federazzjoni Russa. Huwa jinsab fil-ħames post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tar-Russja, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Huwa kien involut fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, fid-dehriet pubbliċi tiegħu huwa appoġġa u ġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa ppremja wkoll lill-paraxutisti Russi bi premijiet għas-sehem tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk l-azzjonijiet juru li huwa jappoġġa u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1252.	Yuriy Eduardovich SADOVENKO (Юрий Эдуардович САДОВЕНКО)	Data tat-twelid: 11.9.1969 Post tat-twelid: Zhitomyr, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Ukrajna) Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll kap tal-Uffiċċju tal-Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, u l-Kurunell Ġeneral tal-forzi armati Russi. Huwa jinsab fis-seba' post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tar-Russja, Yuriy Sadovenko huwa responsabbli għall-isforzi tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Huwa kien involut fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, fid-dehriet pubbliċi tiegħu huwa appoġġa u ġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1253.	Timur Vadimovich IVANOV (Тимур Вадимович ИВАНОВ)	Data tat-twelid: 15.8.1975 Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Ministru attwali għad-Difiża. F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-akkwist ta' oġġetti militari u għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet militari. Huwa jinsab fl-għaxar post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tal-Federazzjoni Russa, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa żar għal diversi drabi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" biex jispezzjona l-faċilitajiet li qed jinbnew mill-forzi okkupanti Russi. Barra minn hekk, huwa ta diversi premjijiet statali lill-persunal militari Russu midruba fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk l-azzjonijiet juru li huwa jappoġġa u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra kontra l-Ukrajna. Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1254.	Sergey Borisovich RYZHKOV (Сергей Борисович РЫЖКОВ)	Data tat-twelid: 25.10.1968 Post tat-twelid: Voronezh, Preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maġġur Ġeneral tal-forzi armati Russi u Kmandant tal-41 Armata Interarmi. Għalhekk huwa figura ewlenija fl-ordni tal-battalja tar-Russja u qeda rwol ċentrali fl-invażjoni u l-okkupazzjoni tat-territorju Ukren. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1255.	Aleksander Viktorovich KOCHKIN (Александр Викторович КОЧКИН)	Data tat-twelid: 10.2.1957 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Direttur Eżekuttiv tal-impriża Tecmash. Tecmash hija disinjatur u manifattur ewlieni tal-missili u l-munizzjon użati mill-Forzi Armati Russi. Il-kumpanija subordinata tagħha, NPO Splav, timmanifattura lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Forzi Armati Russi użaw il-lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch f'attakki b'munizzjon dispersiv kontra miri ċivili fl-Ukrajna li kkaġunaw bosta vittmi. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1256.	Vladimir Grigorevich KULISHOV (Владимир Григорьевич КУЛИШОВ)	Data tat-twelid: 20.7.1957 Post tat-twelid: Rostov Oblast, Preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kap tas-Servizz tal-Fruntieri tar-Russja u Viċi Direttur tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) tal-Federazzjoni Russa. Il-funzjonarji tas-Servizz tal-Fruntieri tal-FSB tal-Federazzjoni Russa taħt il-kmand tiegħu ħadu sehem f'operazzjonijiet sistematiċi ta' "filtrazzjoni" u deportazzjonijiet furzati ta' Ukreni mit-territorji okkupati tal-Ukrajna. Il-gwardji tal-fruntiera Russi ssuġġettaw illegalment lil ċittadini Ukreni għal interrogazzjonijiet, tfittxijiet u detenzjonijiet fit-tul. Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet ju politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	6.10.2022
1257.	Nikolay Viacheslavovich RASTORGUEV (Николай Вячеславович РАСТОРГУЕВ)	Data tat-twelid: 21.2.1957 Post tat-twelid: Lytkarino, Moscow Oblast, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kantant Russu u membru tal-Kunsill Pubbliku tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa appoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna permezz tal-ispettakli mużikali u l-attivitajiet pubbliċi tiegħu. Huwa ta spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukrajna, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Barra minn hekk, huwa ta spettakli lil suldati li kienu qed jiġġieldu fil-gwerra kontra l-Ukrajna, u ta fondi lil Donbas okkupat mir-Russja. Għalhekk huwa responsabbli li, b'mod attiv jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	6.10.2022
1258.	Oleg Mikhaylovich GAZMANOV (Олег Михайлович ГАЗМАНОВ)	Data tat-twelid: 22.7.1951 Post tat-twelid: Gusev, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Mużiċist Russu. Huwa membru tal-Kunsill Pubbliku tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, li ġie stabbilit fl-2006 bid-Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa b'għan iddikjarat pubblikament li jiżgura kontroll ċivili fuq il-Ministeru għad-Difiża u l-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Huwa ħa sehem f'avvenimenti pubbliċi organizzati mill-Partit fil-gvern Russja Magħquda. Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dikjarazzjonijiet u l-ispettakli mużikali tiegħu. Huwa ġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna billi xerred allegazzjonijiet foloz dwar it-theddida tan-NATO kontra r-Russja, u l-allegata inevitabbiltà ta' gwerra akbar f'każ li ma tittieħed l-ebda azzjoni min-naħa Russa.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Huwa ta spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukrajna, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Huwa ta spettaklu wkoll fil-kunċert għall-membri tas-servizzi Russi midruba li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa wieħed mill-artisti Russi li appoġġaw pubblikament il-politika tal-President Putin dwar l-Ukrajna u l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol fl-2014. Għalhekk huwa responsabbli li, b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	
1259.	Dmitry Evgenevich SHUGAEV (Дмитрий Евгеньевич ШУГАЕВ)	Data tat-twelid: 11.8.1965 Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Direttur tas-Servizz Federali għall-Kooperazzjoni Militari-Teknika tal-Federazzjoni Russa (FSVTS). L-FSVTS huwa korp eżekuttiv federali responsabbli għall-kontroll u s-sorveljanza fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika bejn il-Federazzjoni Russa u pajjiżi barranin. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-kontroll u s-superviżjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika, kif ukoll għall-iżvilupp tal-politika tal-istat fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika, u b'hekk huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Huwa għalhekk responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
1260.	Gennadiy Valeryevich ZHIDKO (Геннадий Валериевич ЖИДКО)	Data tat-twelid: 12.9.1965 Post tat-twelid: Yangiabad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa Uzbekistan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru ewlieni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. F'Ġunju 2022 ingħata l-kmand operazzjonali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u kien jikkmanda r-Raggruppament tal-Forzi tan-Nofsinhar tar-Russja. Huwa kien involut b'mod attiv fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna u ssorvelja l-implimentazzjoni ta' ordni biex jintbagħtu minorenni Russi fit-teatru tal-gwerra Ukren. B'mod attiv jappoġġa, jiġġustifika u jiddefendi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa għalhekk responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼**M60**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1261.	Aleksandr Gelyevich DUGIN (Александр Гельевич ДУГИН)	Data tat-twelid: 7.1.1962 Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Filosfu politiku Russu, xjentist politiku, analista, strateġista u ideologu stabbilit ta' teoriji ta' Russky mir u tal-Ewrasjaniżmu. Huwa membru tal-hekk imsejjaħ Klabb ta' Izborsk, grupp ta' riflessjoni Konservattiv Russu li jispeċjalizza fl-istudju tal-politika barranija u domestika tar-Russja. Dugin iġġustifika ideoloġikament u teoloġikament l-annessjoni tal-Krimea u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jaraha bħala l-"ħelsien" tal-Ukrajna mill-influwenza tal-Punent. L-idea fil-qalba tal-ideoloġija ta' Dugin hija l-bini ta' imperu totalitarju Ewrasjatiku ddominat mir-Russja, li jinkludi l-Ukrajna, għal raġunijiet storiċi, reliġjużi u ġeografiċi. Is-suppożizzjoni ideoloġika ta' Dugin hija li l-Ukrajna hija stat artifiċjali li qed jhedded is-sigurtà tar-Russja u tal-imperu mistħajjel Ewrasjatiku. Għaldaqstant l-invażjoni militari tal-Ukrajna kienet inevitabbli. Huwa appella lill-President Vladimir Putin biex jinvadi l-ilvant tal-Ukrajna militarment. Dugin ippromwova l-kunċett tad-Dinja Russa marbut man-nazzjonaliżmu espansiv u l-politika ta' ritaljazzjoni tal-era ta' Putin, li jinvolvi l-idea ta' patrija storika li tipproteġi s-suġġetti tad-Dinja Russa. Huwa għen jirxoxta l-kunċett ta' "Novorossiya" jew "Russja Ġdida" — isem storiku, użat fl-era tal-Imperu Russu għal żona amministrattiva li llum tagħmel parti mill-Ukrajna. Dugin appella għad-denażifikazzjoni tal-Ukrajna u sejjaħ lill-gvern tagħha faxxist. Huwa appoġġa b'mod attiv il-moviment separatista pro-Russu fil-Lvant tal-Ukrajna, u strumentalizza t-teorija tiegħu ta' viżjoni dinjija billi stabbilixxa l-Unjoni taż-Żgħażagħ Ewrasjatika, li kienet qed twettaq attivitajiet immirati biex idgħajfu s-sovranità tal-Ukrajna. Għaldaqstant, Aleksander Dugin huwa responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	6.10.2022
1262.	Ella Aleksandrovna PAMFILOVA (Элла Александровна ПАМФИЛОВА)	Data tat-twelid: 12.9.1953 Post tat-twelid: Olmaliq, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l- Uzbekistan) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa. Is-CEC hija responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. F'dan ir-rwol, Ella Aleksandrovna Pamfilova hija responsabbli għal li, tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M61				
1263.	Mohammad Hossein BAGHERI محمد حسین باقری	Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: Raġel Grad: Maġġur Ġeneral Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran	Il-Maġġur Ġeneral Mohammad Hossein Bagheri huwa l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran. Huwa jissorvelja l-programm militari ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAV) u għandu rwol fundamentali fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża tal-Iran mal-Federazzjoni Russa. Huwa involut ukoll fl-espansjoni barra mill-pajjiż ta' UAVs magħmula fl-Iran; f'din il-kapaċità, huwa inawgura linja ta' assemblaġġ fit-Taġikistan destinata għall-esportazzjoni ta' droni Ababil-2. Huwa pparteċipa wkoll fl-iżvilupp tad-droni Mohajer-6 u l-forniment tagħhom lill-Federazzjoni Russa għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Maġġur Ġeneral Mohammad Hossein Bagheri huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	20.10.2022
1264.	Sayed Hojatollah QUREISHI سید حجت الله قریشی magħruf ukoll bħala Sayyed Hojatolah GHOREISHI	Nazzjonalità: Iranjana Sess: Raġel Grad: Ġeneral Pożizzjoni: Kap tad-Diviżjoni tal-Provvista, ir-Riċerka u l-Affarijiet Industrijali fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran	Il-Ġeneral Sayed Hojatollah Qureishi huwa l-Kap tad-Diviżjoni tal-Provvista, ir-Riċerka u l-Affarijiet Industrijali fil-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran u huwa responsabbli għan-negozjar tal-ftehim mal-Federazzjoni Russa fir-rigward tal-forniment ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) magħmula fl-Iran għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Ġeneral Sayed Hojatollah Qureishi huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.10.2022
1265.	Saeed AGHAJANI/ Saeed Ara Jani / Said Ara Jani / Said Agha Jani سعید آقاجانی	Data tat-twelid: 3.4.1969 Sess: Raġel Passaport: Passaport V47528711 (Iran) Nazzjonalita: Iranjana Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kmandant tal-Kmand tal-UAVs tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC ASF)	Il-Brigadier Ġeneral Saeed Aghajani huwa l-Kmandant tal-Kmand tal-UAVs tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC ASF), is-sinsla tal-programm tal-Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) tal-Iran. Il-Brigadier Ġeneral Saeed Aghajani jissorvelja u jidderieġi l-ippjanar, it-tagħmir u t-taħriġ għall-operazzjonijiet tal-UAVs tal-Iran, li jinkludu wkoll il-forniment ta' droni lill-alleati internazzjonali tal-Iran, inkluż il-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, il-Brigadier Ġeneral Saeed Aghajani huwa responsabbli li appoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.10.2022

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M62				
1266.	Hossein SALAMI حسین سلامی	Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Golpayagan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral Pożizzjoni: Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika	Il-Maġġur Ġenerali Hossein Salami huwa l-Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, li jissorvelja l-iżvilupp tal-programm tal-Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAV) tal-Iran kif ukoll it-trasferimenti tal-UAVs barra mill-pajjiż. F'din il-kapaċità, il-Maġġur Ġeneral Hossein Salami huwa responsabbli għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża relatata mal-UAVs, inkluż il-forniment ta' UAVs lill-Federazzjoni Russa għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-Maġġur Ġeneral Hossein Salami huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.11.2022
1267.	Amir Ali HAJI-ZADEH امیرعلی حاجیزاده (magħruf ukoll bħala Amir Ali Haji ZADEH)	Data tat-twelid: 28.2.1962 Post tat-twelid: Tehran, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kmandant tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika	Il-Brigadier Ġeneral Amir Ali Hajizadeh huwa l-Kmandant tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, li jissorvelja l-iżvilupp tal-programm tal-Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAV) tal-Iran kif ukoll it-trasferimenti tal-UAVs barra mill-pajjiż. F'din il-kapaċità, Amir Ali Hajizadeh huwa responsabbli għal kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża relatata mal-UAVs, inkluż il-forniment ta' UAVs lill-Federazzjoni Russa għall-użu tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-Brigadier Ġeneral Amir Ali Hajizadeh huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.11.2022
▼M63				
1268.	Yousef ABOUTALEBI یوسف ابوطالبی	Data tat-twelid: 29.5.1983 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Direttur maniġerjali ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado)	Yousef Aboutalebi huwa d-direttur maniġerjali ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) elenkata mill-UE, kumpanija bbażata fl-Iran speċjalizzata fil-manifattura ta' komponenti ta' vVtturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV) u fl-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti kummerċjali. MADO hija affiljata mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Permezz ta' Mado, Aboutalebi akkwista magni ta' UAVs maħsuba għall-użu militari mill-IRGC u minn entitajiet marbuta mal-IRGC. Magni manifatturati minn Mado nstabu fl-UAVs Iranjani Shahed-136 użati mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Yousef Aboutalebi qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022

▼**M63**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1269.	Ali Reza BALALI علیرضا بلالی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Uffiċjal tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika u konsulent għall-kap tal-Forza Ajruspazjali (IRGC AF), Amir Ali Hajizadeh	Il-Brigadier Ġeneral Ali Reza Balali huwa uffiċjal tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u konsulent għall-kap tal-Forza Ajruspazjali tal-IRGC (IRGC AF), elenkat mill-UE, Amir Ali Hajizadeh. Balali organizza u ppromwova avveniment biex jintwerew Vetturi tal-Ajru militari mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) u jsir taħtriġ b'dawn il-vetturi f'Kashan, l-Iran f'Awwissu 2022, li għalih ġew mistiedna u li fih ipparteċipaw il-forzi Russi. B'dan il-mod, huwa appoġġa lill-forzi Russi fl-użu ta' UAVs Iranjani fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-Brigadier Ġeneral Amir Ali Hajizadeh qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
1270.	Abdollah MEHRABI عبدلله مهرابی	Data tat-twelid: 22.12.1961 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kap tar-Research and Self-Sufficiency Jihad Organization tal-Forza Aerospazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC AF)	Il-Brigadier Ġeneral Abdollah Mehrabi huwa l-kap tar-Research and Self-Sufficiency Jihad Organization tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC AF) u ex-koproprjetarju ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) elenkata mill-UE. Mehrabi akkwista magni ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV) minn Mado għall-użu mill-IRGC AF Research and Self-Sufficiency Jihad Organization. Il-magni manifatturati minn Mado nstabu fl-UAVs Iranjani Shahed-136 użati mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Brigadier Ġeneral Abdollah Mehrabi qed jappoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
1271.	Hamid VAHEDI حمید واحدی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru Iranjana	Il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi huwa l-Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru Iranjana. F'din il-pożizzjoni, huwa involut fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-programm Iranjan ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV), l-esportazzjonijiet ta' UAVs u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża mal-Federazzjoni Russa f'dan il-qasam, li kollha wasslu biex l-UAVs Iranjani jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi qed jappoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M64				
	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1388.	Boris Vyacheslavovich KORCHEVNIKOV (Борис Вячеславович КОРЧЕВНИКОВ)	Data tat-twelid: 20.07.1982 Post tat-twelid: Moscow, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Boris Vyacheslavovich Korchevnikov huwa preżentatur tat-televiżjoni Russu magħruf sew fuq l-istazzjon televiżiv tal-istat "Russia-1", u d-direttur ġenerali tal-istazzjon televiżiv ultrakonservattiv "Spas", li jappartjeni għall-Knisja Ortodossa Russa. Bejn l-2017 u l-2020, kien membru tal-Kamra Pubblika tar-Russja. Fl-elezzjonijiet presidenzjali tal-2018, kien rappreżentant fdat tal-President Vladimir Putin. Huwa jxerred il-propaganda Russa permezz tal-programm tiegħu "The Fate of a Man" fuq l-istazzjon televiżiv tal-istat "Russia-1" u għandu udjenza kbira fuq in-networks soċjali, fejn ixerred propaganda uffiċjali Russa. Fil-posts tiegħu fuq in-networks soċjali, huwa jsejjaħ it-territorji okkupati tal-Ukrajna Russi. Il-kummenti tiegħu jassoċjaw lill-Punent u lill-Ukrajna man-nuqqas ta' alla u max-xitan, f'konformità mal-propaganda uffiċjali Russa li tiddikjara li wieħed mill-għanijiet tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna huwa l-"ġlieda kontra n-nuqqas ta' alla". Barra minn hekk, huwa jxerred il-propaganda permezz tal-programm tiegħu. Boris Korchevnikov jieħu sehem fi ġbir ta' fondi għal ġellieda favur ir-Russja u jħeġġeġ lir-Russi biex jagħmlu donazzjonijiet. Għalhekk, huwa esprima pubblikament l-appoġġ tiegħu għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Dawn l-azzjonijiet saru parti minn kampanja ta' propaganda mill-awtoritajiet Russi bl-għan li jiżdied l-appoġġ għall-aggressjoni militari fost iċ-ċittadini tar-Russja. L-appoġġ taċ-ċittadini għall-gwerra ta' aggressjoni huwa kundizzjoni importanti għat-tkomplija tal-gwerra. Għalhekk, Boris Korchevnikov huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022
1389.	Nikita Sergeyevich MIKHALKOV (Никита Сергеевич МИХАЛКОВ)	Data tat-twelid: 21.10.1945 Post tat-twelid: Moscow, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Nikita Mikhalkov huwa produttur tal-films, attur u personalità pubblika Russu, li appoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħu.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Ilu jesprimi ruħu billi jxerred narrattivi ta' propaganda tal-Kremlin dwar l-Ukrajna mill-2014. Huwa esprima appoġġ għall-annessjoni tal-Krimea u r-rikonoxximent tal-indipendenza tal-ħekk imsejħa Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk u Luhansk. Huwa l-President tal-Fondazzjoni Russa tal-Kultura, organizzazzjoni pubblika li ġiet stabbilita b'Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa fl-2016. Huwa ġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, sabiex tipproteġi d-Donbass minn delitti allegati tal-Ukrajna li seħħew kontra l-popolazzjoni ċivili. Huwa ta t-tort lill-Ukreni għall-ħekk imsejħa Russofobija, u qal li l-"kunflitt" bejn iż-żewġ pajjiżi kien inevitabbli. Huwa sejjaħ lil-lingwa Ukrena "katastrofi" għar-Russja, minħabba li allegatament tifformula mibegħda kontra l-pajjiż u xxerred ir-Russofobija. Mikhalkov appella għall-esklużjoni sħiħa tat-tagħlim bl-Ukren fl-iskejjel f'Donbass. Huwa appoġġa n-narrattiva falza tal-Kremlin dwar armi bijoloġiċi fl-Ukrajna u pinġa lill-priġunieri Russi li qed jiġġieldu fl-Ukrajna bħala eroj. Fl-2022 irċieva t-titlu ta' Eroj tal-Ħaddiema f'ċerimonja fil-Kremlin, u għamel diskors b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Nikita Mikhalkov huwa responsabbli għal, li jappoġġja jew jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
1390.	Sergey Aleksandrovich MIKHEEV (Сергей Александрович МИХЕЕВ)	Data tat-twelid: 28.05.1967 Post tat-twelid: Moscow, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Mikheev huwa espert fix-xjenza politika u politiku. Huwa membru tal-Kunsill Ċentrali tal-partit Russja Ġusta — Patrijotti — Għall-Verità, li appoġġa l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Fl-istqarrijiet pubbliċi tiegħu appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa tkellem favur bidla furzata tar-reġim fl-Ukrajna, annessjoni tat-territorji Ukreni mir-Russja, attakki bil-missili fuq l-infrastruttura ċivili, u l-allegata ħtieġa ta' "denażifikazzjoni" u "demilitarizzazzjoni" tal-Ukrajna. Huwa ppromwova l-ideoloġija ta' Russkiy Mir, li permezz tagħha l-Federazzjoni Russa użurpat id-dritt għal sfera ta' influwenza fl-istati ta' wara l-Unjoni Sovjetika, ċaħad il-leġittimità tal-Ukrajna bħala nazzjon sovran, u rrakkomanda li tingħaqad mar-Russja. Barra minn hekk, huwa ħoloq fondazzjoni li tappoġġa lill-persunal militari Russu li pparteċipa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta b'mod attiv, azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1391.	Alexey Lvovich NIKOLOV (Алексей Львович НИКОЛОВ)	Data tat-twelid: 21.12.1957 Post tat-twelid: Moscow, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport, numru tal-identità nazzjonali, numri oħra tad-dokumenti tal-identità: (1) 530308406 (2) 531246870	Alexey Nikolov huwa Direttur Ġenerali tal-organizzazzjoni tal-media b'rabtiet mal-gvern Russu TV-Novosti, u tas-subordinata tagħha, in-network televiżiva tal-aħbarijiet RT. TV-Novosti u RT huma ffinanzjati mill-baġit federali tal-Federazzjoni Russa. Il-kumpanniji tal-media taħt il-ġestjoni tiegħu, fosthom RT, xerrdu propaganda favur il-Kremlin u dižinformazzjoni, u appoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa ċaħad pubblikament ir-responsabbiltà tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa għad-delitti tal-gwerra mwettqa f'Bucha. Għalhekk, huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta b'mod attiv, azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022
1392.	Viktor Petrovich GOREMIYKIN (Виктор Петрович ГОРЕМЫКИН)	Data tat-twelid: 04.02.1959 Post tat-twelid: Kormovoye village, Serebryano-Prudsky district, Moscow region, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viktor Petrovich Goremykin huwa l-Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa u Kap tad-Direttorat Militari Politiku Ewlieni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, li huwa l-korp ċentrali ta' ġestjoni militari-politika li jwettaq xogħol militari-patrijottiku fil-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Huwa wkoll Membru tal-Kulleġġ tal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja u eks Kap tad-dipartiment tal-persunal ewlieni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Fir-rwol attwali tiegħu, huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-ħidma militari-politika fi ħdan il-Forzi Armati Russi. Għalhekk, huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1393.	Daniil Vyacheslavovich EGOROV (Даниил Вячеславович ЕГОРОВ)	Data tat-twelid: 06.09.1975 Post tat-twelid: Moscow region, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Daniil Vyacheslavovich Egorov huwa Membru tal-'Kunsill ta' Koordinazzjoni taħt il-Gvern tal-Federazzjoni Russa għas-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, u truppi, formazzjonijiet u korpi militari oħrajn', stabbilit fil-21 ta' Ottubru 2022. Il-Kunsill ta' Koordinazzjoni nħoloq sabiex jorganizza interazzjoni bejn il-korpi eżekuttivi federali u l-korpi eżekuttivi tal-entitajiet kostitwenti tar-Russja fir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-iżgurar tal-ħtiġijiet tal-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni, Daniil Egorov għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1394.	Viktor Vasilevich ZOLOTOV (Виктор Васильевич ЗОЛОТОВ)	Data tat-twelid: 27.01.1954 Post tat-twelid: Ryazan Oblast, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viktor Vasilevich Zolotov huwa Membru tal-'Kunsill ta' Koordinazzjoni taħt il-Gvern tal-Federazzjoni Russa għas-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, u truppi, formazzjonijiet u korpi militari oħrajn' stabbilit fil-21 ta' Ottubru 2022. Il-Kunsill ta' Koordinazzjoni nħoloq sabiex jorganizza interazzjoni bejn il-korpi eżekuttivi federali u l-korpi eżekuttivi tal-entitajiet kostitwenti tar-Russja fir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-iżgurar tal-ħtiġijiet tal-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni, Viktor Zolotov għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1395.	Aleksandr Leonidovich LINETS (Александр Леонидович ЛИНЕЦ)	Data tat-twelid: 11.01.1963 Post tat-twelid: Starominskaya, Krasnodar Territory, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksandr Leonidovich Linets huwa Membru tal-'Kunsill ta' Koordinazzjoni taħt il-Gvern tal-Federazzjoni Russa għas-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, u truppi, formazzjonijiet u korpi militari oħrajn' stabbilit fil-21 ta' Ottubru 2022. Il-Kunsill ta' Koordinazzjoni nħoloq sabiex jorganizza interazzjoni bejn il-korpi eżekuttivi federali u l-korpi eżekuttivi tal-entitajiet kostitwenti tar-Russja fir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-iżgurar tal-ħtiġijiet tal-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni, Alkesandr Linets għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1396.	Maksim Stanislavovich ORESHKIN (Максим Станиславович ОРЕШКИН)	Data tat-twelid: 21.07.1982 Post tat-twelid: Moscow, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maksim Stanislavovich Oreshkin huwa Membru tal-'Kunsill ta' Koordinazzjoni taħt il-Gvern tal-Federazzjoni Russa għas-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, u truppi, formazzjonijiet u korpi militari oħrajn' stabbilit fil-21 ta' Ottubru 2022. Il-Kunsill ta' Koordinazzjoni nħoloq sabiex jorganizza interazzjoni bejn il-korpi eżekuttivi federali u l-korpi eżekuttivi tal-entitajiet kostitwenti tar-Russja fir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-iżgurar tal-ħtiġijiet tal-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni, Maksim Oreshkin għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1397.	Igor Yuryevich BABUSHKIN (Игорь Юрьевич БАБУШКИН)	Data tat-twelid: 05.04.1970 Post tat-twelid: Rybinsk, Yaroslavl region, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Babushkin huwa l-gvernatur tal-Oblast ta' Astrakhan, maħtur mill-President Vladimir Putin. Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur, Igor Babushkin jamministra korp statali reġjonali tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat fil-livell reġjonali. Huwa esprima appoġġ għar-rikonoxximent illegali tal-hekk imsejħa indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u Luhansk u l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala gvernatur, Igor Babushkin ibbenefika mill-emendi tal-President Vladimir Putin għal-liġi amministrattiva Russa, li jagħtuh l-għażla li jibqa' fil-poter għal snin addizzjonali. Igor Babushkin huwa involut ukoll fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Igor Babushkin jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Igor Babushkin huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022
1398.	Andrey Vladimirovich CHIBIS Andrei Vladimirovich CHIBIS (Андрей Владимирович ЧИБИС)	Data tat-twelid: 19.03.1979 Post tat-twelid: Cheboksary, the Chuvash Republic, former USSR(now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Chibis huwa l-gvernatur tal-Oblast ta' Murmansk, maħtur mill-President Vladimir Putin. Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur, Andrey Chibis jamministra korp statali reġjonali tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat fil-livell reġjonali. Huwa esprima appoġġ għar-rikonoxximent illegali tal-hekk imsejħa indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u Luhansk u l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala gvernatur, Andrey Chibis ibbenefika mill-emendi tal-President Putin għal-liġi amministrattiva Russa, li jagħtuh l-għażla li jibqa' fil-poter għal snin addizzjonali. Andrey Chibis huwa involut ukoll fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Andrey Chibis jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk , Andrey Chibis huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1399.	Gleb Sergeevich NIKITIN Gleb Sergeyevich NIKITIN (Глеб Сергеевич НИКИТИН)	Data tat-twelid: 24.08.1977 Post tat-twelid: Leningrad, former USSR (now St. Petersburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Gleb Nikitin huwa l-gvernatur tal-Oblast ta' Nizhny, maħtur mill-President Vladimir Putin. Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur, Gleb Nikitin jamministra korp statali reġjonali tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat fil-livell reġjonali. Huwa esprima appoġġ għar-rikonoxximent illegali tal-hekk imsejħa indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u Luhansk u l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala gvernatur, Gleb Nikitin ibbenefika mill-emendi tal-President Putin għal-liġi amministrattiva Russa, li tagħtih l-għażla li jibqa' fil-poter għal snin addizzjonali. Gleb Nikitin huwa involut ukoll fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Gleb Nikitin jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Gleb Nikitin huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022
1400.	Igor Mikhaylovich RUDENYA (Игорь Михайлович РУДЕНЯ)	Data tat-twelid: 15.02.1968 Post tat-twelid: Moscow, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Rudenya huwa l-gvernatur tal-Oblast ta' Tver, maħtur mill-President Vladimir Putin. Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur, Igor Rudenya jamministra korp statali reġjonali tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat fil-livell reġjonali. Huwa esprima appoġġ għar-rikonoxximent illegali tal-hekk imsejħa indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u Luhansk u l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala gvernatur, Igor Rudenya bbenefika mill-emendi tal-President Putin għal-liġi amministrattiva Russa, li jagħtuh l-għażla li jibqa' fil-poter għal snin addizzjonali. Igor Rudenya huwa involut ukoll fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Igor Rudenya jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Igor Rudenya huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1401.	Vladislav Valerievich SHAPSHA (Владислав Валерьевич ШАПШИА)	Data tat-twelid: 20.09.1972 Post tat-twelid: Obnisk, Kaluga Region, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladislav Shapsha huwa l-gvernatur tal-Oblast ta' Kaluga, maħtur mill-President Vladimir Putin. Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur, Vladislav Shapsha jamministra korp statali reġjonali tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat fil-livell reġjonali. Huwa esprima appoġġ għar-rikonoxximent illegali tal-hekk imsejħa indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u Luhansk u l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala gvernatur, Vladislav Shapsha bbenefika mill-emendi tal- President Putin għal-liġi amministrattiva Russa, li tagħtih l-għażla li jibqa' fil-poter għal snin addizzjonali. Vladislav Shapsha huwa involut ukoll fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Vladislav Shapsha jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għaldaqstant, Vladislav Shapsha huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022
1402.	Andrey Alexandrovich TRAVNIKOV Andrei Alexandrovich TRAVNIKOV (Андрей Александрович ТРАВНИКОВ)	Data tat-twelid: 01.02.1971 Post tat-twelid: Cherepovets, Vologda region, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Travnikov huwa l-gvernatur tal-Oblast ta' Novosibirsk, maħtur mill-President Vladimir Putin. Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur, Andrey Travnikov jamministra korp statali reġjonali tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat fil-livell reġjonali. Huwa esprima appoġġ għar-rikonoxximent illegali tal-hekk imsejħa indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u Luhansk u l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala gvernatur, Andrey Travnikov ibbenefika mill-emendi tal- President Putin għal-liġi amministrattiva Russa, li jagħtuh l-għażla li jibqa' fil-poter għal snin addizzjonali. Andrey Travnikov huwa involut ukoll fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Andrey Travnikov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Andrey Travnikov huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1403.	Andrey Yuryevich VOROBYOV Andrei Yuryevich VOROBYOV (Андрей Юрьевич ВОРОБЬЁВ)	Data tat-twelid: 14.04.1970 Post tat-twelid: Krasnoyarsk, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Vorobyov huwa l-gvernatur tal-Oblast ta' Moska, maħtur mill-President Vladimir Putin. Fir-rwol tiegħu bħala gvernatur, Andrey Vorobyov jamministra korp statali reġjonali tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-istat fil-livell reġjonali. Huwa esprima appoġġ għar-rikonoxximent illegali tal-hekk imsejħa indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u Luhansk u l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala gvernatur, Andrey Vorobyov ibbenefika mill-emendi tal- President Putin għal-liġi amministrattiva Russa, li jagħtuh l-għażla li jibqa' fil-poter għal snin addizzjonali. Andrey Vorobyov huwa involut ukoll fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Andrey Vorobyov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-liġi u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għaldaqstant, Andrey Vorobyov huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022
1404.	Igor Yurievich CHURBANOV (Игорь Юрьевич ЧУРБАНОВ)	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel ID TAL-VAT: 182806009863	Igor Yurievich Churbanov huwa d-Direttur Ġenerali tal-Impjant ta' Votkinsk, li jimmanifattura missile u munizzjoni g]all-kumplessi ta' Iskander u Tochka-U li r-Russja wżat fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Churbanov appoġġa pubblikament ukoll il-gwerra ta' aggressjoni Russa u huwa responsabbli għat-tixrid tal-propaganda b'appoġġ għall-gwerra permezz tal-pubblikazzjoni tar-rivista Votkinsk Plant. Għalhekk, Igor Churbanov huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1405.	Aleksey Aleksandrovich PETROV (Алексей Александрович ПЕТРОВ)	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksey Petrov huwa l-Konsulent għall-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, huwa involut fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Aleksey Aleksandrovich Petrov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-ordni amministrattiv u legali Ukren, għalhekk huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1406.	Anton Vladimirovich SOLOVYOV (Антон Владимирович СОЛОВЬЕВ)	Data tat-twelid: 28.06.1983 Post tat-twelid: Leningrad, former USSR, now St. Petersburg, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Anton Solovyov huwa membru tal-assemblea leġiżlattiva f'San Pietruburgu u membru tal-partit "Russja Magħquda". F'dan ir-rwol, huwa involut fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. Barra minn hekk, bħala membru tal-partit "Russja Magħquda", huwa ħa impenn li jiffaċilita u jħaffef il-proċess amministrattiv li jikkonċerna dawk l-adozzjonijiet illegali fil-familji Russi. L-azzjonijiet ta' Anton Solovyov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-ordni amministrattiv u legali Ukren, huwa għalhekk responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022
1407.	Eleonora Mikhailovna FEDORENKO (Элеонора Михайловна ФЕДОРЕНКО)	Data tat-twelid: 28.10.1972 Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Eleonora Fedorenko hija l-Konsulent dwar id-Drittijiet tat-Tfal għall-kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". F'dan ir-rwol, hija involuta fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. L-azzjonijiet ta' Eleonora Fedorenko jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-ordni amministrattiv u legali Ukren, hija għalhekk responsabbli li appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022
1408.	Larisa Pavlovna FALKOVSKAYA (Лариса Павловна ФАЛЬКОВСКАЯ)	Data tat-twelid: 06.04.1970 Post tat-twelid: Pirovskoye, Krasnoyarsk Territory, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Larisa Falkovskaya hija d-direttriċi tad-Dipartiment tal-Politika tal-Istat għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tal-Ministeru għall-Edukazzjoni tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol, hija involuta fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom minn familji Russi. Bħala direttriċi tad-Dipartiment tal-Politika tal-Istat għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tal-Ministeru għall-Edukazzjoni tal-Federazzjoni Russa, Larisa Falkovskaya ffaċilitat it-trasport illegali u l-adozzjoni illegali ta' aktar minn 2,000 orfnu Ukreni. F'diversi apparenzi pubbliċi uffiċjali, Larisa Falkovskaya aġixxiet bħala l-kelliem ewlieni u l-koordinatriċi għall-iskema ta' deportazzjoni illegali tar-Russja. L-azzjonijiet ta' Larisa Falkovskaya jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-ordni amministrattiv u legali Ukren, hija għalhekk responsabbli li appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1409.	Denis Valiullovich GARIYEV (Alias Denis GARIJEV) (Денис Валиуллович ГАРИЕВ)	Data tat-twelid: Marzu 1978 Post tat-twelid: Khabarovsk Region, former USSR, now Russian Federation 654034325 (ir-Russja); Passport alternattiv XXIIAH534753 Sess: raġel	Denis Gariyev huwa l-kap tal- "Leġjun Imperjali Russu", fergħa paramilitari tal-Moviment Imperjali Russu (RIM), grupp suprematist tar-razza bajda mwaqqaf minn Stanislav Vorobyov fl-2002. Dan il-grupp paramilitari qed jiġġieled b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna f'isem il-Federazzjoni Russa. Fuq il-media soċjali, il-"Leġjun Imperjali Russu" jiddeskrivi l-involviment tiegħu fil-gwerra Russa kontra l-Ukrajna bħala wieħed li jikkontribwixxi għal missjonijiet ta' tkixxif u attakki. Denis Gariyev ipparteċipa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u ndarab fil-bidu tal-2022. Denis Gariyev irrekluta b'mod attiv ġellieda volontiera biex jingħaqdu mal-organizzazzjoni paramilitari tiegħu fil-ġlieda kontra l-Ukrajna fuq il-kanal Telegram tiegħu. Minbarra l-ġlied tiegħu fl-Ukrajna, il-Leġjun Imperjali Russu pprovda taħriġ fuq stil paramilitari lis-suprematisti tar-razza bajda fl-Unjoni Ewropea, b'ħidma attiva biex dawn it-tipi ta' gruppi jinġabru fi front komuni kontra dawk li jqisu bħala l-għedewwa tagħhom. Fil-kapaċità tiegħu ta' mexxej u kmandant tal-Leġjun Imperjali Russu, Denis Gariyev huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1410.	Stanislav Anatolyevich VOROBYOV Psewdonimu: Stanislav VOROBYEV Stanislav VOROBOV; Stanislav VOROBYOV; Stanislav VOROBEV (Станислав Анатольевич ВОРОБЬЕВ)	Data tat-twelid: 02.06.1960 Post tat-twelid: former USSR (now Russian Federation) Numru tal-Passaport jew tal-Karta tal-Identità: IVG678677 (ir-Russja)	Stanislav Vorobyov huwa l-kap tal-Moviment Imperjali Russu, organizzazzjoni paramilitari tas-suprematisti tar-razza bajda li qed tiġġieled b'mod attiv fl-Ukrajna f'isem il-gvern Russu. Il-Moviment Imperjali Russu (RIM) twaqqaf minn Stanislav Vorobyov fl-2002. Taħt it-tmexxija ta' Stanislav Vorobyov, il-Moviment Imperjali Russu qed jippromwovi n-nazzjonaliżmu etniku Russu filwaqt li jfittex li jixpruna l-estremiżmu tas-supremazija tar-razza bajda fil-Punent. Huwa jipprovdi taħriġ paramilitari lil ċittadini Russi u lil membri ta' organizzazzjonijiet tal-istess fehma minn pajjiżi oħra. Il-fergħa armata tiegħu, il-Leġjun Imperjali, qed tiġġieled b'mod attiv f'isem il-forzi armati Russi fil-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-paġna web uffiċjali tiegħu, il-Moviment jidentifika l-ġlieda fl-Ukrajna kontra l-Unjati u l-Pagani, li huma s-sinsla tal-forzi armati Ukreni bħala wieħed mill-isforzi ewlenin tiegħu. Stanislav Vorobyov irrekluta personalment voluntiera biex jiġġieldu flimkien mal-forzi armati Russi fil-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Fil-kapaċità tiegħu bħala mexxej tal-Moviment Imperjali Russu, Stanislav Vorobyov huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	
1411.	Viktor Yuryevich ANOSOV Psewdonimu: Viktor Yuriiovych ANOSOV; "l-Imnieħer" (Bir-Russu: "Нос") (Виктор Юрьевич АНОСОВ)	Data tat-twelid: 31.10.1965 Post tat-twelid: Simferopol, former USSR (now Ukraine) Nazzjonalitajiet: Ukrena, Russa Sess: raġel Numru tal-Passaport jew tal-Karta tal-Identità: ES662458 (l-Ukrajna); ES301083 (l-Ukrajna); 68 13 814996 (il-Federazzjoni Russa)	Viktor Anosov huwa membru tal-bord tal-"Unjoni ta' Voluntiera ta' Donbas", organizzazzjoni paramilitari li tiġġieled b'mod attiv flimkien mal-forzi armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-bord tal-Unjoni ta' Voluntiera ta' Donbas, Viktor Anosov intbagħat Slovyansk, ir-reġjun ta' Donetsk, u qed jiġġieled f'isem il-forzi armati Russi. Barra minn hekk, Viktor Anosov serva bħala president tat- "tribunal" militari tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", f'din il-kapaċità kien responsabbli għat-tortura u l-qtil ta' priġunieri Ukreni. L-unitajiet tal-ġlied tal-Unjoni ta' Voluntiera ta' Donbas ikkuntrattat mal-Ministeru għad-Difiża Russu u l-membri tagħha ngħataw il-kompitu li jipprovdu appoġġ dirett għall-azzjonijiet militari Russi. Barra minn hekk, l-Unjoni ta' Voluntiera ta' Donbas wettqet operazzjonijiet ta' tkixxif bħal ġbir ta' intelligence u tiftix għall-forzi Russi, inkluż l-identifikazzjoni ta' postijiet għal attakki militari Russi kontra miri fl-Ukrajna. Fil-kapaċità tiegħu ta' membru tal-bord tal-"Unjoni ta' Voluntiera ta' Donbas", Viktor Anosov huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1412.	Yan Igoroevich PETROVSKIY Psewdonimu: Jan PETROVSKY Yan PETROVSKY "Veliki Slavian" "Velikiy Slavyan" (Ян Игоревич ПЕТРОВСКИЙ)	Data tat-twelid: 02.01.1987 Post tat-twelid: Irkutsk, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yan Petrovskiy huwa l-mexxej u l-kmandant tal-grupp paramilitari Russu "Task Force Rusich", li jżomm rabtiet mal-kumpannija militari privata Russa Grupp Wagner u possibbilment jopera bħala subunità ta' Wagner. It-Task Force 'Rusich' qed tipparteċipa fil-ġlieda flimkien mal-forzi militari tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. 'Rusich' għandha storja twila ta' ġlied flimkien ma' forzi proxy appoġġati mir-Russja fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna. Fl-2015, il-merċenarji ta' 'Rusich' ġew akkużati li wettqu atroċitajiet kontra suldati Ukreni mejta u maqbuda, u ġew iffilmjati jagħmlu dan.	16.12.2022

▼M64

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Fil-kapaċità tiegħu bħala mexxej u kmandant tat-Task Force “Rusich” Yan Petrovskiy huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	

▼M68

1413.	Olga Yevgenyevna BAS (Ольга Евгеньевна БАС)	Data tat-twelid: 27.2.1964 Post tat-twelid: Noginsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-20 ta’ Diċembru 2022, bħala r-rappreżentant tal-ħekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” annessa illegalment. Billi assumiet u aġixxiet f’din il-kapaċità, b’hekk hija qed tappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1414.	Konstantin Vladimirovich BASYUK (Константин Владимирович БАСЮК)	Data tat-twelid: 29.5.1966 Post tat-twelid: Taldy-Kurgan, l-eks USSR (illum Taldykorgan, Kazakhstan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-20 ta’ Diċembru 2022, bħala r-rappreżentant tar-reġjun anness illegalment ta’ Kherson. Billi assuma u aġixxa f’din il-kapaċità, b’hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1415.	Dmitry Nikolayevich VORONA magħruf ukoll bħala Dmytro Mykolayovich Vorona (bir-Russu: Дмитрий Николаевич ВОРОНА) (bl-Ukren: Дмитро Миколайович ВОРОНА)	Data tat-twelid: 24.7.1980 Post tat-twelid: Donetsk, l-eks USSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta’ Crimea Development Corporation. Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-20 ta’ Diċembru 2022, bħala r-rappreżentant tar-reġjun anness illegalment ta’ Zaporizhzhia. Billi assuma u aġixxa f’din il-kapaċità, b’hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1416.	Dariya Sergeevna LANTRATOVA (Дарья Сергеевна ЛАНТРАТОВА)	Data tat-twelid: 20.5.1984 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Viċi Segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit “United Russia” (Russja Magħquda). Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-20 ta’ Diċembru 2022, bħala r-rappreżentant tal-ħekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” annessa illegalment. Billi assumiet u aġixxiet f’din il-kapaċità, b’hekk hija qed tappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1417.	Gleb Leonidovich MIKHAILOV (Глеб Леонидович МИХАЙЛОВ)	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maħtur fid-29 ta' Diċembru 2022 bid-digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin bħala l-Prosekutur tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Federazzjoni Russa. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1418.	Kirill Nikolaevich OSIPCHUK (Кирилл Николаевич ОСИПЧУК)	Data tat-twelid: 1974 Post tat-twelid: Khabarovsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maħtur fid-29 ta' Diċembru 2022 bid-digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin bħala l-Prosekutur tar-reġjun anness illegalment ta' Zaporizhzhia, taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Federazzjoni Russa. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1419.	Andrey Yuryevich PETROV (Андрей Юрьевич ПЕТРОВ)	Data tat-twelid: 16.3.1974 Post tat-twelid: Shakhty, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maħtur fid-29 ta' Diċembru 2022 bid-digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin bħala l-Prosekutur tar-reġjun ta' Kherson, taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Federazzjoni Russa. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1420.	Andrey Alexandrovich SPIVAK (Андрей Александрович СПИВАК)	Data tat-twelid: 14.12.1977 Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, l-eks USSR (illum Dnipro, Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Maħtur fid-29 ta' Diċembru 2022 bid-digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin bħala l-Prosekutur tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" annessa illegalment, taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Federazzjoni Russa. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, b'hekk huwa qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1421.	Tatiana Petrovna LARIONOVA (Татьяна Петровна ЛАРИОНОВА)	Data tat-twelid: 02.7.1955 Post tat-twelid: Kazan, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Membru tad-Duma tal-Istat li, fil-21 ta' Diċembru 2022, ivvotat favur l-abbozz ta' liġi Nru 242406-8 "Dwar is-sistema tal-kuntratti", li skontha d-dritt tar-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-erba' territorji u reġjuni Ukreni annessi illegalment inġħata lill-gvern Russu . B'hekk, hija appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1422.	Oleg Alexeyevich MIKHAILOV (Олег Алексеевич МИХАЙЛОВ)	Data tat-twelid: 06.1.1987 Post tat-twelid: Pechora, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li, fil-21 ta' Diċembru 2022. ivvota favur l-abbozz ta' liġi Nru 242406-8 "Dwar is-sistema tal-kuntratti", li skontha d-dritt tar-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-erba' territorji u reġjuni Ukreni annessi illegalment inġħata lill-gvern Russu. B'hekk, huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1423.	Zelimkhan Alikoevich MUTSOEV (Зелимхан Аликоевич МУЦОЕВ)	Data tat-twelid: 13.10.1959 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li, fil-21 ta' Diċembru 2022, ivvota favur l-abbozz ta' liġi Nru 242406-8 "Dwar is-sistema tal-kuntratti", li skontha d-dritt tar-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-erba' territorji u reġjuni Ukreni annessi illegalment inġħata lill-gvern Russu. B'hekk, huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1424.	Vladimir Viktorovich PAVLOV (Владимир Викторович ПАВЛОВ)	Data tat-twelid: 1.6.1976 Post tat-twelid: Chelyabinsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li, fil-21 ta' Diċembru 2022, ivvota favur l-abbozz ta' liġi Nru 242406-8 "Dwar is-sistema tal-kuntratti", li skontha d-dritt tar-regolazzjoni tal-akkwist pubbliku fl-erba' territorji u reġjuni Ukreni annessi illegalment inġħata lill-gvern Russu. B'hekk, huwa appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1425.	Vladimir Ivanovich BULAVIN (Владимир Иванович БУЛАВИН)	Data tat-twelid: 11.2.1953 Post tat-twelid: Ploskim, l-eks USSR (illum Stanovoye, Russia) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Bulavin huwa l-Kap tas-Servizz Doganali Federali tal-Federazzjoni Russa u Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Fir-rwol tiegħu bħala l-Kap tas-Servizz Doganali Federali, huwa jissorvelja l-isforzi biex tinkiseb importazzjoni parallela lejn ir-Russja sabiex jiddgħajfu r-restrizzjonijiet kummerċjali u doganali. Huwa awtorizza wkoll il-ftuħ ta' uffiċċji u l-eżerċizzju ta' awtorità diretta fuq il-proċessi doganali fit-territorji annessi illegalment ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia, u l-impożizzjoni tal-kodiċi doganali tar-Russja fuq dawn it-territorji. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1426.	Yevgeny Alexandrovich PRIMAKOV magħruf ukoll bħala Yevgeny Primakov Jr magħruf ukoll bħala Yevgeny Sandro (Евгений Александрович ПРИМАКОВ magħruf ukoll bħala Евгений Примаков-младший magħruf ukoll bħala Евгений Сандро)	Data tat-twelid: 29.4.1976 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yevgeny Primakov huwa l-Kap tal-Aġenzija Federali għall-Komunità ta' Stati Indipendenti, Kompatrijotti li Jgħixu Barra u l-Kooperazzjoni Umanitarja Internazzjonali (Rossotrudnichestvo), korp eżekuttiv federali responsabbli għall-għoti ta' servizzi statali u l-ġestjoni tal-proprjetà tal-istat biex jappoġġa u jiżviluppa relazzjonijiet internazzjonali bejn il-Federazzjoni Russa u l-istati membri tal-Komunità ta' Stati Indipendenti u pajjiżi barranin oħra, kif ukoll fl-isfera tal-kooperazzjoni umanitarja internazzjonali. Rossotrudnichestvo torganizza b'mod attiv avvenimenti internazzjonali mmirati lejn il-konsolidazzjoni ta' perċezzjoni pubblika usa' tat-territorji Ukreni okkupati bħala Russi. Bħala l-Kap tal-organizzazzjoni, Yevgeny Primakov wera biċ-ċar appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1427.	Vladimir Viktorovich SELIN (Владимир Викторович СЕЛИН)	Data tat-twelid: 1.1.1955 Post tat-twelid: Voronezh Oblast, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Selin huwa d-Direttur tas-Servizz Federali għall-Kontroll Tekniku u tal-Esportazzjoni (FSTEK), li huwa subordinat għall-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. L-FSTEK huwa korp eżekuttiv federali responsabbli għall-kontroll u s-sorveljanza fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, inkluż fl-isfera militari, u għall-implimentazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-kontroll, is-superviżjoni u l-iżvilupp tal-politika tal-istat fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni u l-kooperazzjoni militari-teknika, u b'hekk huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1428.	Alexey Gennadyevich KOMISSAROV (Алексей Геннадиевич КОМИССАРОВ)	Data tat-twelid: 20.10.1969 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexey Komissarov huwa l-Kopresident tal-Kwartieri Ġenerali Ċentrali tal-All-Russia People's Front. Taħt il-kontroll u t-tmexxija tiegħu, il-People's Front jipprovdi appoġġ għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż permezz tal-kampanja soċjali "All for Victory!" (Kollox għar-Rebħa!), inkluż billi jinġabru donazzjonijiet fiżiċi u finanzjarji biex jiġu appoġġati l-unitajiet militari tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1429.	Leonid Mikhailovich ROSHAL (Леонид Михайлович РОШАЛЬ)	Data tat-twelid: 27.4.1933 Post tat-twelid: Livny, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Leonid Roshal huwa l-Kopresident tal-Kwartieri Ġenerali Ċentrali tal-All-Russia People's Front. Taħt il-kontroll u t-tmexxija tiegħu, il-Front Popolari jipprovdi appoġġ għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż permezz tal-kampanja soċjali "All for Victory!" (Kollox għar-Rebħa!), inkluż billi jinġabru donazzjonijiet fiżiċi u finanzjarji biex jiġu appoġġati l-unitajiet militari tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Huwa għamel ukoll dikjarazzjonijiet personali b'appoġġ għall-azzjoni militari kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1430.	Elena Vladimirovna SHMELEVA (Елена Владимировна ШМЕЛЕВА)	Data tat-twelid: 3.10.1971 Post tat-twelid: Leningrad, l-eks USSR (illum St. Petersburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Elena Shmeleva hija l-Kopresident tal-Kwartieri Ġenerali Ċentrali tal-All-Russia People's Front. Taħt it-tmexxija tagħha, il-People's Front jipprovdi appoġġ għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż permezz tal-kampanja soċjali "All for Victory!" ("Kollox għar-Rebħa!"), inkluż billi jinġabru donazzjonijiet fiżiċi u finanzjarji biex jiġu appoġġati l-unitajiet militari tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Hija wkoll il-Kap tal-fond edukattiv "Talent and Success" (Talent u Suċċess) u President tal-Kunsill Territorjali Federali ta' Sirius. F'dan ir-rwol imsemmi l-aħħar, hija responsabbli għad-diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" fir-rigward tal-ftuħ ta'ċentri edukattivi Russi fir-reġjun ta' Donetsk. Għalhekk hija responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1431.	Mikhail Mikhailovich KUZNETSOV (Михаил Михайлович КУЗНЕЦОВ)	Data tat-twelid: 18.8.1979 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Front Popolari Pan-Russu	Mikhail Kuznetsov huwa l-Kap tal-Kumitat Eżekuttiv tal-All-Russia People's Front. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-kampanja "All for Victory!" ("Kollox għar-Rebħa") li għandha l-għan li tappoġġa unitajiet militari fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" b'oġġetti meħtieġa għal operazzjonijiet militari. Huwa direttament responsabbli biex jipprovdi mezzi lill-ġellieda f'dawk ir-reġjuni. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1432.	Sergei Olegovich GORBUNOV (Сергей Олегович ГОРБУНОВ)	Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Front Popolari Pan-Russu	Sergei Gorbunov huwa l-Viċi Kap tal-Kumitat Eżekuttiv tal-All-Russia People's Front. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-kampanja "All for Victory!" ("Kollox għar-Rebħa!") li għandha l-għan li tappoġġa unitajiet militari fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" b'oġġetti meħtieġa għal	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			operazzjonijiet militari. Huwa direttament responsabbli biex jipprovdi mezzi lill-ġellieda f'dawk ir-reġjuni. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
1433.	Oleg Aleksandrovich TERLIAKOV (Олег Александрович ТЕРЛЯКОВ)	Funzjoni: Viċi kap tar-Russian Federal Service for Supervision of Communications Information Technology and Mass Media (Roskomnadzor)) Data tat-twelid: 5.3.1979 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Andrei Yurievich Lipov Entitajiet assoċjati: Roskomnadzor Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Grad militari: maġġur	Oleg Terliakov huwa l-viċi kap tas-Servizz Federali Russu għas-Superviżjoni tal-Komunikazzjoni, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Media tal-Massa (Roskomnadzor). Roskomnadzor hija aġenzija tal-istat Russa responsabbli għall-komunikazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-media tal-massa. Hija implimentat il-politika tal-istat ta' ċensura ta' entitajiet tal-media indipendenti. Bħala l-viċi kap ta' Roskomnadzor, Oleg Terliakov jissorvelja d-dipartimenti tal-Ħruġ tal-Permessi għat-Telekomunikazzjoni u l-Kontroll u s-Superviżjoni tat-Telekomunikazzjoni u huwa responsabbli għal deċiżjonijiet li wasslu għal-limitazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni għas-soċjetà Russa u l-għeluq ta' mezzi tal-media Russi indipendenti. Dawk l-azzjonijiet ċensura li tippromwovi, tgħin u tiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Oleg Terliakov huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta', azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1476.	Hayk Arsenovich GASPARYAN magħruf ukoll bħala Ayk Arsenovich GASPARYAN magħruf ukoll bħala “Abrek” Айк Арсенович ГАСПАРЯН	Data tat-twelid: 20.7.1991 Nazzjonalità: Armena Sess: raġel Kariga: Kmandant tal-forzi tal-attakk tal- Wagner Group matul il-battalja ta’ Soledar fl-Ukrajna	Hayk Gasparyan, magħruf bħala “Abrek”, huwa l-kmandant tal-forzi tal-attakk tal-Wagner Group fl-Ukrajna. Huwa serva bħala kmandant tal-forzi matul il-battalja ta’ Soledar, fir-reġjun ta’ Donetsk tal-Ukrajna, f’Jannar 2023 u ngħata Ordni tal-Kuraġġ għall-qlubija fil-kamp tal-battalja għall-parteċipazzjoni tiegħu fl-isforz tal-gwerra fl-Ukrajna mill-President tal-Federazzjoni Russa fil-31 ta’ Diċembru 2022. F’din il-pożizzjoni, huwa direttament responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-operazzjonijiet bħala parti mill-gwerra ta’ aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta’, azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1477.	Anton Olegovich ELIZAROV magħruf ukoll bħala YELIZAROV Антон Олегович ЕЛИЗАРОВ	Data tat-twelid: 1981 Post tat-twelid: Rostov Oblast, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Kariga: Kmandant militari tal-Wagner Grupp	Anton Elizarov, isem sigriet “Lotus”, huwa l-kmandant militari tal-unità ta’ Wagner responsabbli għall-qbid tal-belt Ukrena ta’ Soledar f’Jannar 2023. F’din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-operazzjonijiet u għall-iskjerament tal-merċenarji. Huwa jipparteċipa b’mod attiv fil-gwerra ta’ aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ għal, u l-implimentazzjoni ta’, azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.’;	25.2.2023
1478.	Alexandr Semenovich BROD (Александр Семёнович БРОД)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights President tal-kunsill ta’ koordinazzjoni tal-organizzazzjoni pubblika pan-Russa “Lawyers for the rights and worthy life of a person” Data tat-twelid: 19.8.1969 Post tat-twelid: Kuibyshev, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexandr Brod huwa avukat Russu u difensur tad-drittijiet tal-bniedem leali lejn il-Kremlin. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Mill-bidu tal-gwerra ta’ aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni mir-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Huwa ċaħad ir-responsabbiltà tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa għal delitti tal-gwerra mwettqa f’Bucha, u akkuża b’mod falz lill-forzi Ukreni bil-massakru. Huwa xerred ukoll misinformazzjoni dwar delitti Nażisti allegati mwettqa mill-Gvern tal-Ukrajna kontra l-poplu tiegħu stess. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Individwi assoċjati: il-President Vladimir Putin. Entitajiet assoċjati: Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights L-organizzazzjoni pubblika pan-Russa “Lawyers for the rights and worthy life of a person”		
1479.	Valery Aleksandrovich FADEYEV (Валерий Александрович ФАДЕЕВ)	Funzjoni: Ġurnalist, eks-segretarju tas-Civic Chamber of the Russian Federation, President attwali tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights Data tat-twelid: 10.10.1960 Post tat-twelid: Tashkent, l-eks Uzbek SSR (illum Uzbekistan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: il-President Vladimir Putin Entitajiet assoċjati: Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights	Valery Fadeyev huwa l-president tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa għen biex dak il-korp jiġi subordinat għal-linja politika tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa konsulent ta’ Vladimir Putin. Mill-bidu tal-gwerra ta’ aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni mir-Russja, u xerred diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra u propaganda dwar il-gwerra. Huwa appoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa fl-2014, u r-referenda illegali fit-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna fl-2022. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1480.	Igor Stanislavovich ASHMANOV (Игорь Станисла́вович АШМА́НОВ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, espert tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Ashmanov &Partners, President ta' Kribrum Data tat-twelid: 9.1.1962 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights Ashmanov & Partners, Kribrum	Igor Ashmanov huwa imprenditur Russu espert fl-IT. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa kien persuna ta' fiduċja tal-kandidat fil-kariga Vladimir Putin matul il-kampanja presidenzjali tiegħu fl-2018. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ġġustifika l-invażjoni mir-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Huwa kien favur li tissaħħaħ iċ-ċensura tal-gwerra fil-Federazzjoni Russa. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1481.	Kirill Valeryevich VYSHINSKY (bir-Russu: Кирилл Валериевич ВЫШИНСКИЙ; bl-Ukren: Кирило Валерійович ВИШИНСЬКИЙ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, Direttur Eżekuttiv tar-Rossiya Segodnya Media Group Data tat-twelid: 19.2.1967 Post tat-twelid: Dnipro, l-eks Ukrainian SSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa, Ukrena Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev	Kirill Vyshinsky huwa propagandista Russu. Huwa direttur eżekuttiv ta' Rossiya Segodnya, grupp tal-media b'rabta mal-gvern Russu li huwa ffinanzjat mill-baġit federali tal-Federazzjoni Russa. Permezz tal-mezz tal-media subordinat tagħha, Sputnik, Rossiya Segodnya xerrdet propaganda favur il-Kremlin u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Kirill Vyshinsky huwa wkoll membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1482.	Alexandr Igorevich KOTS (Алексáндр Игоревич КОЦ)	Funzjoni: Membru tal-Kunsill Presidenzjali għas-Soċjetà Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem, Membru tal-grupp ta' ħidma dwar l-"operazzjoni militari speċjali" (gwerra) fl-Ukrajna, Korrispondent speċjali ta' Komsomolskaya Pravda Data tat-twelid: 3.11.1978 Post tat-twelid: Sakhalinsk Oblast, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights Komsomolskaya Pravda	Alexandr Kots huwa korrispondent speċjali tat-tabloid favur il-Kremlin, Komsomolskaya Pravda. Huwa membru tal-Presidential Council for the Development of Civil Society and Human Rights, fejn huwa parti mill-grupp ta' ħidma dwar l-"operazzjoni militari speċjali" (gwerra) fl-Ukrajna. Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa xerred diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra u propaganda dwar il-gwerra u r-referenda illegali fit-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna. Huwa appella għal attakki Russi fuq l-infrastruttura ċivili tal-Ukrajna mingħajr ebda ħsieb dwar kif dan jaffettwa l-popolazzjoni ċivili tal-pajjiż. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1483.	Marina Magomednebiyevna AKHMEDOVA (Марина Магомеднебиевна АХМЕДОВА)	Funzjoni: Kittieba u ġurnalista, Editriċi tal-edizzjoni online ta' Regnum, Viċi-Kap Editriċi tar-rivista Russkiy Reporter, Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights	Marina Akhmedova hija kittieba Russa. Hija membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, fejn hija parti mill-grupp ta' ħidma dwar l-"operazzjoni militari speċjali" (gwerra) fl-Ukrajna. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, hija appoġġat l-invażjoni mir-Russja, u xerrdet propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Data tat-twelid: 11.2.1977 Post tat-twelid: Tomsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights Regnum		
1484.	Maxim Adolfovich ZAMSHEV (Максим Адольфович ЗАМШЕВ)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights Kap editur ta' Literaturnaya Gazeta, Viċi President tal-bord tal-fergħa ta' Moska tal-Unjoni tal-Union of Writers of Russia, Membru tal-Union of Journalists of Russia Data tat-twelid: 27.4.1972 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights, l-organizzazzjoni pubblika pan-Russa tal-Union of Writers of Russia, Literaturnaya Gazeta	Maxim Zamshev huwa kittieb Russu. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa wkoll il-kap editur ta' Literaturnaya Gazeta. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa appoġġa l-invażjoni mir-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1485.	Nikolai Fyodorovich IVANOV (Никола́й Фёдорович ИВАНО́В)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, President tal-Bord tal-organizzazzjoni pubblika pan-Russa “Union of Writers of Russia” Data tat-twelid: 8.6.1956 Post tat-twelid: Strachovo, Briansk Oblast, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Valery Fadeyev Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights, l-organizzazzjoni pubblika pan-Russa “Union of Writers of Russia”	Nikolai Ivanov huwa kittieb u propagandist Russu. Huwa membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights. Huwa wkoll president tal-bord tal-Union of Writers of Russia. Mill-bidu tal-gwerra ta’ aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, huwa appoġġa l-azzjonijiet tar-Russja, u xerred propaganda u diżinformazzjoni Russa dwar il-gwerra. Huwa uża pubblikament is-simbolu militari “Z”, li ntuża mill-propaganda Russa biex tippromwovi l-gwerra ta’ aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1486.	Yulia Alexandrovna BELEKHOVA (Юлия Александровна БЕЛЕХОВА)	Funzjoni: Membru tal-Presidential Council for Civil Society and Human Rights, Kap tal-grupp ta’ ħidma dwar l-“operazzjoni militari speċjali” (gwerra) fl-Ukrajna, Kap tal-fergħa reġjonali ta’ Moska tal-koalizzjoni politika favur Putin, l-All-Russia People’s Front.	Yulia Belekhova hija membru tal-Kunsill Presidenzjali għas-Soċjetà Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem, u president tal-grupp ta’ ħidma tal-Kunsill dwar l-“operazzjoni militari speċjali” (gwerra) fl-Ukrajna. Hija wkoll kap tal-fergħa reġjonali ta’ Moska tal-All-Russia People’s Front li huwa favur Putin. Hija appoġġat il-gwerra ta’ aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna u pparteċipat f’avvenimenti ta’ propaganda b’appoġġ għall-gwerra. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Data tat-twelid: 10.11.1982 Post tat-twelid: Noginsk, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara Entitajiet assoċjati: Presidential Council for Civil Society and Human Rights		
1487.	Vyacheslav Oleksandrovych BOGUSLAYEV (Вячесла́в Алекса́ндрович БОГУСЛА́ЕВ)	Funzjoni: Direttur ġenerali ta' JSC MOTOR SICH, Eks membru tal-parlament Ukren Data tat-twelid: 28.10.1938 Post tat-twelid: Oral/ Uralsk, l-eks USSR (illum Kazachstan) Nazzjonalità: Ukrena, Russa Sess: raġel.	Vyacheslav BOGUSLAYEV huwa eks deputat Ukren tal-partit pro-Russu tar-reġjuni u azzjonist ewlieni tal-kumpanija JSC MOTOR SICH, manifattur Ukren tal-magni tal-inġenji tal-ajru. Huwa responsabbli għall-forniment ta' magni lill-armata Russa għall-produzzjoni u t-tiswija ta' ħelikopters tal-ġlied (Mi-8, Mi24, Mi28 u Ka-52), li ntużaw b'mod estensiv matul il-kunflitt fl-Ukrajna, speċjalment fil-bidu tal-gwerra. Huwa kompla jipprovdi tagħmir militari lit-truppi Russi minkejja l-kunflitt. Għaldaqstant huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1488.	Abualfazl NAZERI (ابو الفضل نظری)	Funzjoni: Viċi Kap tal-Bord ta' Paravar Pars Company Data tat-twelid: 14.9.1969 Post tat-twelid: Shahryar, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: 4910857826 (Iran) Entitajiet assoċjati: Paravar Pars Company	Abualfazl Nazeri huwa l-Viċi Kap tal-Bord ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Inġenji tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u ttestjat UAVs għall-Forza Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAV Shahed-171 Iranjan żviluppat mill-IRGC AF. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1489.	Abulghasem VALAGOHAR (Abolghasem VALAGOHAR, Abualqassem VALAGOHAR)	Funzjoni: Membru tal-Bord tal-Paravar Pars Company Data tat-twelid: 5.8.1969 Post tat-twelid: Behbahan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: 1860747957 (l-Iran) Entitajiet assoċjati: Paravar Pars Company	Abulghasem VALAGOHAR huwa membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Inġenji tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal- Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u ttestjat UAVs għall-Forza Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjan żviluppati mill-IRGC AF. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1490.	Hossein SHAMSABADI	Funzjoni: Direttur Maniġerjali u CEO ta' Paravar Pars Company Data tat-twelid: 4.6.1974 Post tat-twelid: Tehran, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: 2181176574 (l-Iran) Entitajiet assoċjati: Paravar Pars Company	Hossein Shamsabadi huwa d-Direttur Maniġerjali u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Inġenji tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal-IRGC u ttestjat UAVs għall-Forza Navali tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC). B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjan żviluppati mill-IRGC AF. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1491.	Ghassem DAMAVANDIAN (قاسم دماوندیان)	Funzjoni: Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Qods Aviation Industries Data tat-twelid: 2.5.1968 Post tat-twelid: Tehran, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tad-dokument tal-identità: 0052944492 (l-Iran) Entitajiet assoċjati: Qods Aviation Industries	Ghassem Damavandian huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u d-direttur maniġerjali ta' Qods Aviation Industry (QAI), entità li qed tbiegħ drones Mohajer-6 lir-Russja sabiex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1492.	Kirill Alekseevich KLEIMENOV (Кирилл Алексеевич КЛЕЙМЕНОВ)	Funzjoni: Viċi Direttur Ġenerali, Direttur tal-Information Programmes Directorate, Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Channel One (Pervyi Kanal) Data tat-twelid: 20.9.1972 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Konstantin Ernst - Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Channel One, Russia	Kirill Kleimenov huwa Viċi Direttur Ġenerali, Direttur tad-Information Programmes Directorate u Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Pervyi Kanal (Channel One), stazzjon televiżiv Russu ewlieni li huwa taħt il-kontroll dirett permanenti tal-Federazzjoni Russa. Pervyi Kanal jamplifika u jappoġġa l-politiki tal-awtoritajiet Russi permezz tal-attivitajiet ta' propaganda tiegħu. Matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Pervyi Kanal kien fost l-aktar strumenti attivi u prominenti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, tappoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea, u l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna.	25.2.2023
		Entitajiet assoċjati: Channel One (Pervyi Kanal) 19 Akademika Korolyova Street Moscow 127427 Russian Federation Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Eks preżentatur televiżiv ta' xandira tal-aħbarijiet "Новости" fuq Channel One (Pervyi Kanal); Membru tal-Kunsill għall-għoti ta' premjijiet tal-Gvern tar-Russian Federation fil-qasam tal-media tal-massa	Bħala Viċi Direttur Ġenerali u Direttur tad-Information Programmes Directorate Kirill Kleimenov għandu influwenza diretta fuq il-kontenut fuq Pervyi Kanal u l-mod kif jirrapporta dwar il-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-azzjonijiet meħuda mill-gvern Russu. Huwa għalhekk jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
1493.	Alexander Zavenovich AKOPOV (Александр Завенович АКОПОВ)	Funzjoni: Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv tan-"National Media Group" Data tat-twelid: 22.11.1957	Alexander Akopov huwa l-Viċi Uffiċjal Eżekuttiv ta' National Media Group (NMG), kumpanija kbira tal-media li tikkontrolla strumenti tal-media li qed ixerrdu b'mod attiv propaganda u diżinformazzjoni relatati mal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa l-Viċi ta' Svetlana Balanova, il-kap tan-NMG.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: BALANOVA Svetlana Evgenievna БАЛАНОВА Светлана Евгеньевна Uffiċjal Kap Eżekuttiv tan-"NATIONAL MEDIA GROUP"	In-NMG huwa l-fundatur ta' 28 impriża tal-media fir-Russja, inkluż Channel One, Channel 5, REN TV u STS, 78.ru u oħrajn, il-gazzetta nazzjonali Izvestia, u Delovoy Peterburg. Minbarra li huwa l-Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv tan-NMG, Alexander Akopov huwa wkoll Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' STS, wieħed mill-istazzjonijiet televiżivi ewlenin tal-kumpanija NMG.	
		Elenkata fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fis-16.12.2022 KABAYEVA Alina Maratovna КАБАЕВА Алина Маратовна President tal-Bord tad-Diretturi ta' CJSC National Media Group Elenkata fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fit-03.06.2022 Entitajiet assoċjati: National Media Group, Numru tar-reġistrazzjoni: 1087746152207 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7704676655 Indirizz: 119034, Moscow, Prechistenskaya embankment, 13, building 1, Russia Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fis-16.12.2022	Peress li huwa wieħed mill-eżekuttivi ewlenin tan-NMG, Alexander Akopov huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki, li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Svetlana Balanova	

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Gas Industry Insurance Company SOGAZ - sid minoritarju ta' REN TV Numru tar-reġistrazzjoni - 1027739820921 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa - 7736035485 Indirizz: 107078, Moscow, Academician Sakharova Ave., 10, Russia Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fit-28.02.2022		
1494.	Evgeniy Vladimirovich BEKASOV (Евгений Владимирович БЕКАСОВ)	Funzjoni: Kap editur tal-istazzjon televiżiv Rossiya 24 Data tat-twelid: 14.10.1980 Post tat-twelid: Kaliningrad, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Oleg Borisovich DOBRODEEV/ Олег Борисович ДОБРОДЕЕВ, Direttur Ġenerali ta' VGTRK. Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fit-8 ta' April 2022. Andrey Olegovich KONDRASHOV/ Андрей Олегович КОНДРАШОВ, l-Ewwel Viċi Direttur Ġenerali ta' VGTRK.	Evgenyi Bekasov huwa l-Kap Editur ta' Rossiya 24, stazzjon televiżiv Russu ewlieni li huwa parti minn VGTRK (Kumpanija tax-Xandir bit-Televiżjoni u r-Radju kompletament tal-Istat Russu), kumpanija tal-media proprjetà tal-Federazzjoni Russa u kkontrollata minnha. Rossiya 24 jamplifika u jappoġġa l-politiki tal-awtoritajiet Russi permezz tal-attivitajiet ta' propaganda tiegħu. Matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Rossiya 24 kien fost l-aktar strumenti attivi u prominenti fit-tixrid tan-narrattiva tal-Kremlin li tappoġġa l-gwerra b'kummentarji aggressivi u li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, tappoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea, u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala kap editur ta' Rossiya 24, huwa għandu influwenza diretta fuq il-mod kif l-istrument tal-media jirrapporta dwar il-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u dwar l-azzjonijiet meħuda mill-gvern Russu. Huwa għalhekk jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet assoċjati: Всероссийская госуда́рственная телевизио́нная и радиовеща́тельная компа́ния (ВГТРК) All-Russia State-Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK) Numru tar-reġistrazzjoni - 1027700310076 Indirizz: 125373, Moscow, Pokhodnyy Proyezd 3-2, Russia 125373, Москва город, Походный проезд, домовладение 3, стр.2, Россия Elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK fis-16.12.2022		
1495.	Milosh Eduardovich WAGNER (Милош Эдуардович ВАГНЕР)	Funzjoni: Viċi kap tas-Servizz Federali Russu għas-Superviżjoni tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tal-Komunikazzjoni u l-Media tal-Massa (Roskomnadzor) Data tat-twelid: 14.10.1979 Post tat-twelid: Ukhta, Komi Republic, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Andrey Yurievich Lipov Entitajiet assoċjati: Roskomnadzor	Milosh Wagner, huwa l-viċi kap tar-Russian Federal Service for Supervision of Communications Information Technology and Mass Media (Roskomnadzor). Roskomnadzor hija aġenzija tal-istat Russa responsabbli għall-komunikazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-media tal-massa. Hija implimentat il-politika tal-istat ta' ċensura lejn entitajiet tal-media indipendenti. Bħala d-deputat kap ta' Roskomnadzor, Milosh Wagner jissorvelja d-dipartiment tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tas-Suġġetti tad-Data Personali u l-Uffiċċju għall-Appoġġ Legali. Huwa responsabbli għal deċiżjonijiet li wasslu għal limitazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni għas-soċjetà Russa, is-sorveljanza tal-utenti Russi tal-internet u l-għeluq ta' strumenti tal-media Russi indipendenti. Dawk l-azzjonijiet joħolqu spazju ta' informazzjoni ċċensurat li jippromwovi, jgħin u japprova l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Milosh Wagner huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼**M68**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1496.	Vladimir Viktorovich LOGUNOV (Владимир Викторович ЛОГУНОВ)	Funzjoni: Viċi kap tas-Servizz Federali Russu għas-Superviżjoni tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tal-Komunikazzjoni u l-Media tal-Massa (Roskomnadzor) Data tat-twelid: 1.11.1982 Nazzjonalità Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Andrey Yurievich Lipov Entitajiet assoċjati: Roskomnadzor Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Aġent Kunsillier tal-Istat tar-Russian Federation, it-tieni klassi	Vladimir LOGUNOV huwa l-viċi kap tar-Russian Federal Service for Supervision of Communications Information Technology and Mass Media (Roskomnadzor). Roskomnadzor hija aġenzija tal-istat Russa responsabbli għall-komunikazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-media tal-massa. Hija implimentat il-politika tal-istat ta' ċensura lejn entitajiet tal-media indipendenti. Bħala d-deputat kap ta' Roskomnadzor, Vladimir Logunov jissorvelja d-dipartimenti tal-finanzi, l-amministrazzjoni u l-loġistika u huwa strumentali fil-funzjonament ta' Roskomnadzor. Huwa appoġġa l-liġi "On the activities of foreign entities on the 'Internet' telecommunications network in the territory of the Russian Federation" li żiedet il-firxa taċ-ċensuri tal-istat fuq il-kumpaniji tal-internet. Huwa responsabbli għal deċiżjonijiet li llimitaw l-aċċess tas-soċjetà Russa għall-informazzjoni. Dawk l-azzjonijiet ħolqu spazju ta' informazzjoni ċċensurat li jippromwovi, jgħin u jiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Vadim Logunov huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1497.	Yakov Iosifovich KAZAKOV magħruf ukoll bħala Yaakov KEDMI Yasha KAZAKOV (Яков Иосифович КАЗАКОВ)	Funzjoni: eks politiku, diplomatiku, kummentatur politiku, parteċipant regolari fuq it-televiżjoni tal-Istat u fuq programmi ta' taħdit favur il-Kremlin Data tat-twelid: 05.03.1947 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel	Yakov Kedmi (Kazakov) huwa kummentatur politiku u parteċipant regolari fuq it-televiżjoni tal-Istat u fuq programmi ta' taħdit favur il-Kremlin. L-istqarrijiet tiegħu dwar l-Ukrajna jaqblu mal-aktar qlajjiet kontroversjali tal-uffiċjali u propagandisti Russi. Yaakov Kedmi (Kazakov) ikkritika lill-Ukrajna, akkuża t-tmexxija Ukrena b'Nażiżmu, u li hija ta' theddida militari għallhekk imsejħa Repubbliki tal-Popli ta' Donetsk u ta' Luhansk u għar-Russja. Huwa ġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, billi qal li kienet inevitabbli. Yakov Kedmi (Kazakov) stqarr li jeħtieġ li r-Russja tikkontrolla t-territorji Ukreni u qajjem dubji dwar il-punt li l-Ukrajna hija stat. Huwa sostna li kull territorju tal-Ukrajna li jibqa' taħt il-kontroll tal-Ukrajna ser ikun ta' theddida għar-Russja, billi jsir bażi militari biex jintuża kontra r-Russja. Huwa ma eskludiex l-għażla li l-armata Russa tokkupa l-Ukrajna kollha, u b'hekk teqred kompletament l-armata Ukrena u twaqqa' t-tmexxija Ukrena attwali.	25.2.2023

▼M68

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għaldaqstant Yakov Kedmi (Kazakov) huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
1498.	Sergey Yervandovich KURGINYAN (Сергей Ервандович КУРГИНЯН)	Funzjoni: Politiku Russu, xjentist politiku, fundatur u mexxej ta' moviment Russu Essence of Time. Data tat-twelid: 14.11.1949 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Kurginyan huwa politiku Russu, xjentist politiku, fundatur u mexxej ta' moviment Russu msejjaħ "Essence of Time". Sergey Kurginyan jipparteċipa regolarment fi programmi ta' propaganda favur il-Kremlin, inkluż "Evening with Vladimir Solovyov" fuq l-istazzjon televiżiv tal-istat "Russia-1". L-istqarrijiet pubbliċi tiegħu dwar l-Ukrajna jikkorrispondu mar-retorika tal-uffiċjali u l-propagandisti Russi. Sergey Kurginyan sistematikament jiddubita l-integrità territorjali tal-Ukrajna, appella għall-okkupazzjoni u d-denażifikazzjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa esprima pubblikament appoġġ għar-referenda fittizji tar-Russja għall-inklużjoni tat-territorji sovrani Ukreni fir-Russja. Għalhekk Sergey Kurginyan huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023
1499.	Vitaliy Tovievich TRETYAKOV (Виталий Товиевич ТРЕТЬЯКОВ)	Funzjoni: Ġurnalist u xjentist politiku Russu, Dekan tal-Higher School of Television fl-M. V. Lomonosov Moscow State University. Data tat-twelid: 2.1.1953 Post tat-twelid: Moscow, l-eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vitaliy Tretyakov huwa ġurnalist u xjentist politiku Russu, Dekan tal-Higher School of Television fl-M. V. Lomonosov Moscow State University. Vitaliy Tretyakov jipparteċipa b'mod sistematiku fi programmi ta' propaganda favur il-Kremlin, inkluż "Evening with Vladimir Solovyov" fuq l-istazzjon televiżiv tal-istat "Russia-1". Id-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħu dwar l-Ukrajna jikkorrispondu mar-retorika tal-uffiċjali u l-propagandisti Russi. Vitaliy Tretyakov jiġġustifika kontinwament il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u jappella għall-qerda tal-gvern tal-Ukrajna, iqajjem dubji dwar l-istat tal-Ukrajna, jinsisti fuq ir-rebħa finali Russa mingħajr ebda kompromess u jiddikjara l-opinjoni tiegħu li t-territorju kollu tal-Ukrajna jrid jiġi okkupat. Huwa esprima akkużi li l-Ukrajna qed tipprovoka lir-Russja biex tuża l-armi nukleari. Għalhekk, Vitaliy Tretyakov responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.2.2023

▼B

(*) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 ma għandux japplika għal din il-persuna.
(*) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 ma għandux japplika għal din il-persuna.

▼M3

▼C1

Entitajiet

▼B

		Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M48	1.	Intrapriża Unitarja Statali tar-“Repubblika tal-Krimea” “Chernomorneftegaz” (qabel kienet magħrufa bħala PJSC “Chernomorneftegaz”)	Prospekt Kirov 52, Simferopol, Crimea, Ukraine 295000 пр. Кирова 52, г. Симферополь, Крым, Украина 295000 Nru tat-telefon: + 7 (3652) 66-70-00 + 7 (3652) 66-78-00 http://gas.crimea.ru/ office@chernomorneftegaz.ru Numru ta’ reġistrazzjoni: 1149102099717	Fis-17 ta’ Marzu 2014 il-“Parlament tal-Krimea” adotta riżoluzzjoni li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu għall-intrapriża Chernomorneftegaz f’isem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b’hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Reġistrata mill-ġdid fid-29 ta’ Novembru 2014 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-“Repubblika tal-Krimea” “Chernomorneftegaz” (Государственное унитарное предприятие Республики Крым “Черноморнефтегаз”). Fundatur: Il-Ministeru għall-Fjuwil u l-Enerġija tar-“Repubblika tal-Krimea” (Министерство топлива и энергетики “Республики Крым”).	12.5.2014
▼M21	———				
▼M69	3.	L-hekk imsejħa “Luhansk People’s Republic” “Луганская народная республика” (ЛНР) “Luganskaya narodnaya respublika” (LNR)	Informazzjoni uffiċjali: https://glava-lnr.info/ https://sovminlnr.ru/ https://nslnr.su/	L-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” ġiet stabbilita fis-27 ta’ April 2014. Responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referendum illegali fil-11 ta’ Mejju 2014. Dikjarazzjoni tal-indipendenza fit-12 ta’ Mejju 2014. Fit-22 ta’ Mejju 2014, l-hekk imsejħa “Repubbliki tal-Poplu” ta’ Donetsk u Luhansk ħolqu l-hekk imsejjaħ “Stat Federali ta’ Novorossiya”. Dan huwa bi ksur tad-dritt kostituzzjonali Ukren u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u b’hekk idgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. F’Ottubru 2022, l-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” ġiet annessa mill-Federazzjoni Russa, li jikkostitwixxi ksur ulterjuri tal-integrità territorjali tal-Ukrajna u għalhekk tad-dritt internazzjonali. Hija involuta wkoll fir-reklutaġġ għall-“Army of Southeast” separatista u għal gruppi separatisti illegali armati oħra, u b’hekk iddgħajjef l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.	25.7.2014

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
4.	L-hekk imsejħa “Donetsk People’s Republic” “Донецкая народная республика” (ДНР) “Donetskaya narodnaya respublika” (DNR)	Informazzjoni uffiċjali: https://dnronline.su/ https://pravdnr.ru/ https://dnrsovet.su/ https://denis-pushilin.ru/	L-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” ġiet iddikjarata fis-7 ta’ April 2014. Responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referendum illegali fil-11 ta’ Mejju 2014. Dikjarazzjoni tal-indipendenza fit-12 ta’ Mejju 2014. Fl-24 ta’ Mejju 2014, l-hekk imsejħa “Repubbliki tal-Poplu” ta’ Donetsk u Luhansk iffirmaw ftehim dwar il-ħolqien tal-hekk imsejjaħ “Stat Federali ta’ Novorossiya”. Dan huwa bi ksur tad-dritt kostituzzjonali Ukren u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u b’hekk idgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. F’Ottubru 2022, l-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” ġiet annessa mill-Federazzjoni Russa, li jikkostitwixxi ksur ulterjuri tal-integrità territorjali tal-Ukrajna u għalhekk tad-dritt internazzjonali. Hija involuta wkoll fir-reklutaġġ għal gruppi separatisti illegali armati, u b’hekk iddgħajjef l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.	25.7.2014
5.	L-hekk imsejjaħ “Federal State of Novorossiya” “Федеративное государство Новороссия” “Federativnoye Gosudarstvo Novorossiya”	Riżorsi tal-media: http://novopressa.ru/ http://novorossia-tv.ru/ http://novorossiia.ru/ https://vk.com/novorossiatv	Fl-24 ta’ Mejju 2014, l-hekk imsejħa “Repubbliki tal-Poplu” ta’ Donetsk u Luhansk iffirmaw ftehim dwar il-ħolqien tal-hekk imsejjaħ “Stat Federali ta’ Novorossiya” mhux rikonoxxut. Dan huwa bi ksur tad-dritt kostituzzjonali Ukren u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u b’hekk idgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. F’Ottubru 2022, l-hekk imsejħa “Repubbliki tal-Poplu” ta’ Donetsk u Luhansk ġew annessi mill-Federazzjoni Russa, li jikkostitwixxi ksur ulterjuri tal-integrità territorjali tal-Ukrajna u għalhekk tad-dritt internazzjonali.	25.7.2014

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M33				
6.	Unjoni Internazzjonali ta' Assoċjazzjonijiet Pubbliċi "Great Don Army" Международный Союз Общественных Объединений "Всевеликое Войско Донское"	Informazzjoni uffiċjali: http://xn80aaaajfjsz-d7a3b0e.xnp1ai/ http://казакнацгвард.рф/ Tel. +7 89081786557 Media soċjali: Gwardja Nazzjonali Kosakka http://vk.com/kazak_nac_guard Indirizz: 346465 il-Federazzjoni Russa, ir-Reġjun ta' Rostov, id-Distrett ta' October, St Zaplavskaya, Str Shosseynaya 1 It-tieni indirizz: Voroshilkovskiy Prospekt 12/85–87/13, Rostov-on-Don, il-Federazzjoni Russa Dereġistrat fl-2017.	Il-"Great Don Army" stabbilixxiet il-"Gwardja Nazzjonali Kosakka", responsabbli għall-ġlied kontra l-forzi tal-Gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant ipperikolat l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna kif ukoll heddet l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna. Assoċjata mas-Sur Nikolay Kozitsyn, li huwa Kmandant tal-forzi Kosakki u responsabbli għat-tmexxija tas-separatisti fl-Ukrajna tal-Lvant li qed jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren.	25.7.2014
▼M37				
7.	Russian community "Sobol" (Komunità Russa "Sobol") Русская община "Соболь"	Media soċjali: http://vk.com/sobolipress http://www.русскоедвижение.рф/ Nru tat-telefon: (0652) 60-23-93 Indirizz elettroniku: SoboliPress@gmail.com Indirizz: Ukraine, Crimea, Simferopol, str. Kiev, 4 (area bus station "Central").	Organizzazzjoni paramilitari radikali, responsabbli għall-appoġġ bla ħabi tal-użu tal-forza biex jintemm il-kontroll tal-Ukrajna fuq il-Krimea, u għaldaqstant tipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren fil-Lvant tal-Ukrajna, u għaldaqstant thedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.	25.7.2014
▼M33				
8.	L-hekk imsejħa "Gwardja ta' Luhansk" "Луганская гвардия"	Media soċjali u informazzjoni oħra: https://vk.com/luguard http://vk.com/club68692201 https://vk.com/luguardnews	Milizzja għall-awtodifiża ta' Luhansk, responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna. Assoċjata mas-Sur German PROKOPIV, mexxej attiv li huwa responsabbli li ħa parti fit-teħid tal-bini tal-uffiċċju reġjonali ta' Luhansk tas-Servizz tas-Sigurtà Ukren u rreġistra filmat b'dikjarazzjoni lill-President Putin u r-Russja mill-bini okkupat.	25.7.2014

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M31				
9.	L-hekk imsejħa “Armata tax-Xlokk” “Армии Юго-Востока”	Media soċjali: https://vk.com/sigma_orel)	Grupp separatista illegali armat li huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-aktar importanti fl-Ukrajna tal-Lvant. Responsabbli għall-okkupazzjoni tal-bini tas-Servizz tas-Sigurtà fir-reġjun ta' Lugansk. Assoċjat mas-Sur Valeriy BOLOTOV, li kien elenkat bħala wieħed mill-mexxejja tal-grupp. Assoċjat mas-Sur Vasyl NIKITIN, responsabbli għall-attivitajiet “governamentali” separatisti tal-hekk imsejjaħ “gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”.	25.7.2014
10.	L-hekk imsejħa “Milizzja Popolari ta' Donbass” “Народное ополче́ние Донба́сса”	Media soċjali: http://vk.com/polkdonbassa + 38-099-445-63-78; + 38-063-688-60-01; + 38-067-145-14-99; + 38-094-912-96-60; + 38-062-213-26-60 Posta elettronika: voenkom.dnr@mail.ru vknovoros@yandex.ru mobilisation@novorossia.co polkdonbassa@mail.ru Volontarji fuq it-telefon fir-Russja: + 7 499 709-89-06 jew posta elettronika novoross24@mail.ru Indirizz: Donetsk. Prospect Zasyadko.13	Grupp separatista armat illegali responsabbli għall-ġlied kontra l-forzi tal-gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u b'hekk ġew mhedda l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna. Fost l-oħrajn, il-grupp militanti ħa l-kontroll ta' diversi binjiet tal-gvern fl-Ukrajna tal-Lvant kmieni f'April 2014, u għaldaqstant ipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat mas-Sur Pavel Gubarev, li huwa responsabbli għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b'forzi favur ir-Russi u li pproklama lilu nnifsu l-“gvernatur tal-poplu”.	25.7.2014
▼M37				
11.	“Vostok Brigade” (“Brigata Vostok”) “Бригада Восток” (magħrufa wkoll bħala Vostok Battalion (Battaljun Vostok); “Батальон Восток”)	Media soċjali: http://vk.com/patriotic_forces_of_donbas http://patriot-donetsk.ru/ info.patriot.donbassa@gmail.com	Grupp separatista illegali armat li huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-aktar importanti fl-Ukrajna tal-Lvant. Responsabbli għall-ġlied kontra l-forzi tal-Gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant jhedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna. Ipparteċipa b’mod attiv f’operazzjonijiet militari li wasslu għall-ħtif tal-Ajruport ta’ Donetsk. Parti mill-hekk imsejjaħ “L-ewwel Korp tal-Armata” tal-forzi armati tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”.	25.7.2014

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M21 ———				
▼M34 13.	Intrapriża Unitarja Statali tal-Belt ta' Sevastopol, “Port tal-baħar ta' Sevastopol” ГУП ГС “Севастопольский морской порт” (qabel magħrufa bħala l-Intrapriża statali “Port tal-baħar kummerċjali ta' Sevastopol” Государственное предприятие “Севастопольский морской торговьй порт” Gosudarstvenoye predpriyatiye Sevastopolski morskoy torgovy port')	Nakhimov Square 5, 299011 Sevastopol (пл. Нахимова, 5, г. Севастополь, 299011) Numru ta' reġistrazzjoni: 1149204004707 https://www.sevmp.ru/ gupsmp@mail.ru	Is-sjieda tal-entità ġiet ittrasferita kontra l-liġi Ukrena. Fis-17 ta' Marzu 2014 il-“Parlament tal-Krimea” adotta r-Riżoluzzjoni Nru 1757-6/14 “Dwar in-nazzjonalizzazzjoni ta' xi kumpanniji li jappartjenu lill-ministeri Ukreni għall-infrastruttura jew l-agrikoltura” li tiddikjara l-approprjazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-intrapriża statali “Port tal-baħar kummerċjali ta' Sevastopol” f'isem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. F'termini ta' volum ta' kummerċ, huwa l-akbar port tal-baħar kummerċjali fil-Krimea. Reġistrata mill-ġdid fis-6 ta' Ġunju 2014 bħala l-Impriża Unitarja Statali tal-Belt ta' Sevastopol “Port tal-baħar ta' Sevastopol” (Государственное унитарное предприятие города Севастополя “Севастопольский морской порт”). Fundatur: Il-Gvern ta' Sevastopol (Правительство Севастополя).	25.7.2014
▼M21 ———				
▼M36 15.	Intrapriża Unitarja Statali tar-“Repubblika tal-Krimea” “Universal-Avia” Государственное унитарное предприятие Республики Крым “Универсал-Авиа” (qabel kienet magħrufa bħala l-intrapriża tal-Istat “Universal -Avia” Государственное предприятие “Универсал-Авиа” Gosudarstvenoye predpriyatiye “Universal-Avia”)	Aeroflotskaya Street 5, 295021, Simferopol ул. Аэрофлотская, дом 5, 295021, г. Симферополь Tel. +7 (3652) 502-300; +7 (918) 699-1020 unavia_2014@mail.ru https://universal-avia.ru/ Numru tar-reġistrazzjoni: 1159102026742	Is-sjieda tal-entità ġiet ittrasferita bi ksur tal-liġi Ukrena. Fl-24 ta' Marzu 2014 il-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni “Dwar l-Intrapriża ta' Sjieda tal-Istat “Gosudarstvenoye predpriyatiye ‘Universal-Avia’” (“О Государственном предприятии ‘Универсал-Авиа’”)" Nru 1794-6/14 li tiddikjara l-approprjazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-intrapriża statali “Universal-Avia” f'isem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Reġistrata mill-ġdid fil-15 ta' Jannar 2015 bħala l-Intrapriża Unitarja Statali tar-“Repubblika tal-Krimea” “Universal-Avia” (Государственное унитарное предприятие Республики Крым “Универсал-Авиа”). Fundatur: Il-Ministeru għat-Trasport tar-“Repubblika tal-Krimea” (Министерство транспорта Республики Крым).	25.7.2014

▼M36

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
16.	Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Sanatorium “Nizhnyaya Oreanda”" tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (qabel magħrufa bħala ċ-Ċentru “Nizhnyaya Oreanda” Санаторий “Нижняя Ореанда”)	Resort “Nizhnyaya Oreanda”, 298658, Yalta, Oreanda, House 12, Ukraine Санаторий “Нижняя Ореанда”, 298658, г. Ялта, пгт. Ореанда, дом 12, Украина www.oreanda-resort.ru marketing@oreanda-resort.ru + 7 (978) 944 83 00, + 7 (978) 944 83 30 Numru tar-reġistrazzjoni: 1149102054221	Is-sjieda tal-entità ġiet ittrasferita kontra l-liġi Ukrena. Fil-21 ta’ Marzu 2014 il-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni “Dwar il-kwistjonijiet tal-ħolqien ta’ Assoċjazzjoni ta’ sanatorji u ċentri” Nru 1767-6/14 li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu liċ-ċentru “Nizhnyaya Oreanda” f’isem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b’hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Reġistrata mill-ġdid fid-9 ta’ Ottubru 2014 bħala Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Sanatorium Nizhnyaya Oreanda” tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (федеральное государственное бюджетное учреждение “санаторий ‘нижняя ореанда’ управления делами президента российской федерации”). Fundatur: L-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (Управление делами Президента Российской Федерации).	25.7.2014

▼M34

17.	Intrapriża tar-Repubblika tal-Krimea “Azov distillery plant” Крымское республиканское предприятие “Азовский ликёро-водочнний завод” 'Azovsky likerovo-dochny zavod'	40 Zheleznodorozhnaya str., 296178 Azovskoye, Jankoysky district, Ukraine ул. Железнодорожная, 40, 296178 пгт. Азовское, Джанкойский район, Украина kodiċi: 01271681 Proċeduri ta' falliment konklużi.	Is-sjieda tal-entità ġiet ittrasferita bi ksur tal-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014 il-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 “Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea” tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14 “Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea” li tiddikjara l-approprjazzjoni ta' assi li jappartjenu lill-entità statali “Assoċjazzjoni Nazzjonali ta' produtturi 'Massandra'” f'isem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea.	25.7.2014

▼M34

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M37				
18.	Joint-stock company “Production-Agrarian Union ‘Massandra’” (Kumpannija b’ishma konġunti “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni ‘Massandra’”) Акционерное общество “Производственно-аграрное объединение ‘Массандра’” (qabel kienet magħrufa bħala State Unitary Enterprise of the “Republic of Crimea” “Production-Agrarian Union ‘Massandra’” (Intrapriża Unitarja Statali tar-“Repubblika tal-Krimea” “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni ‘Massandra’”) Государственное унитарное предприятие Республики Крым “Производственно-аграрное объединение ‘Массандра’” Federal State Budgetary Enterprise “Production Agrarian Union ‘Massandra’” of the Administration of the President of the Russian Federation (Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni ‘Massandra’” tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa) Федеральное государственное унитарное предприятие “Производственно-аграрное объединение ‘Массандра’ Управления делами Президента Российской Федерации” State concern “National Association of producers ‘Massandra’” (Entità statali “Assoċjazzjoni Nazzjonali ta’ produtturi “Massandra”)	298650, Crimea, Yalta, Massandra, str. Vinodela Egorova 9. 298650, Крым, г. Ялта, пгт. Массандра, ул. Винодела Егорова, д. 9 Sit web: http://massandra.su + 7 978 936 75 04 + 7 3654 23 31 96 + 7 3654 26 16 83 Numru tar-reġistrazzjoni: 1209100012648	Is-sjieda tal-entità ġiet ittrasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta’ April 2014 il-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 “Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea” tas-26 ta’ Marzu 2014 Nru 1836-6/14 “Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-“Repubblika tal-Krimea” li tiddikjara l-approprjazzjoni ta’ assi li jappartjenu lill-entità statali “Assoċjazzjoni Nazzjonali ta’ produtturi ‘Massandra’” f’isem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b’hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Reġistrata mill-ġdid fl-1 ta’ Awwissu 2014 bħala l-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Proizvodstvenno agrarnoye obyedinenye ‘Massandra’” tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (Федеральное государственное унитарное предприятие “Производственно-аграрное объединение ‘Массандра’ Управления делами Президента Российской Федерации”). Fundatur: L-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (Управление делами Президента Российской Федерации). Reġistrata mill-ġdid fl-1 ta’ April 2019 bħala Intrapriża Unitarja Statali tar-“Repubblika tal-Krimea” “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni ‘Massandra’”. Reġistrata mill-ġdid fl-1 ta’ Ottubru 2020 bħala kumpannija b’ishma konġunti “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni ‘Massandra’”.	25.7.2014

▼M34

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
69.	JSC Kalashnikov Concern (AO Концерн “Калашников”)	Indirizz: Deryabina avenue, 3B, Izhevsk 394018, Russian Federation Tel. +7 341 250 47 47 Sit web: https://kalashnikovgroup.ru/ Posta elettronika: personal@kalashnikovconcern.ru Kumpanija omm: Rostec Numru tat-taxxa: 1832090230 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1111832003018	Kalashnikov Concern huwa żviluppatur u manifattur Russu ta’ tagħmir tal-armata, inkluż azzarini personali, missili u vetturi. Huwa kkontrollat direttament minn Rostec. Missili ggwidati tal-inġenji tal-ajru Vikhr-1 u azzarini tal-assalt AK-12 prodotti minn Kalashnikov Concern intużaw mill-Forzi Armati Russi matul l-aggressjoni militari mhux provokata mir-Russja kontra l-Ukrajna mir-Russja fl-2022. Għaldaqstant, JSC Kalashnikov Concern huwa responsabbli talli appoġġa, b’mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
70.	JSC UEC Klimov (АО “ОДК-Климов”)	Indirizz: 11, Kantemirovskaya st., St. Petersburg 194100, Russian Federation Tel. +7 (812) 454 71 00 Fax: +7 (812) 647 00 29 Sit web: https://www.klimov.ru/en Posta elettronika: klimov@klimov.ru Kumpanija omm: Rostec	JSC UEC Klimov huwa disinjatur u produttur Russu ewlieni ta’ magni b’turbini tal-gass għal inġenji tal-ajru militari u ċivili. Huwa parti minn United Engine Corporation. Huwa jimmanifattura magni mmuntati fil-ħelikopters Ka-52 li ntużaw mir-Russja matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna fl-2022, inkluż matul il-battalja ta’ Hostomel. Għaldaqstant, JSC UEC Klimov huwa responsabbli talli appoġġa, b’mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
71.	LLC Military Industrial Company (ООО Военно-промышленная компания)	Indirizz: Rochdelskaya st., 15/8, 3 floor, r. 10-14, Moscow, 123376, Russian Federation Tel. + +7 (495) 662-10-57 Sit web: https://milindcom.ru Posta elettronika: secrvpk@milindcom.ru Numru tat-taxxa: 7703602065 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1067746915191	Military Industrial Company hija fornitriċi ewlenija ta’ armi u tagħmir militari lill-forzi armati Russi. Hija parti minn Russian Machines li hija proprjetà ta’ Oleg Deripaska. Arzamas Machine-Building Plant, li jifforma parti minn Military Industrial Company, jimmanifattura t-trasportaturi anfibji armati tal-persunal BTR-80, li ntużaw mir-Russja matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna fl-2022. Għaldaqstant, Military Industrial Company hija responsabbli talli appoġġat, b’mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
72.	PO More Shipyard (Акционерное Общество Судостроительный Завод “Море”)	Indirizz: Desantnikov 1, Primorskiy, Fedosia, Crimea, 298176 Tel. + +7 (36562) 29-3-22 Sit web: https://moreship.ru/main/ Posta elettronika: office@moreship.ru Numru tat-taxxa: 9108124167 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1199112021140	More Shipyard hija l-fornitur tal-bastimenti tal-gwerra militari lill-Forza Navali Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa, din ġiet nazzjonalizzata mill-Federazzjoni Russa, u ngħatat liċenzja tal-istat Russa għall-iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-assemblaġġ, il-manutenzjoni teknika, it-tiswija, ir-rimi u l-bejgħ ta’ armi u tagħmir militari. Hija bniet 22800 korvetta għall-Forza Navali Russa, li kkontribwew għall-militarizzazzjoni tal-Krimea annessa illegalment. Barra minn hekk, il-logo tal-kumpanija jagħmel użu mis-simbolu militari “Z” li ntuża mill-propaganda Russa biex tippromwovi l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna mir-Russja.	8.4.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, is-sjieda tagħha ġiet ittrasferita bi ksur tal-liġi Ukrena.	
73.	JSC Omsk Transport Machine Factory Omsktransmash (АО Омский завод транспортного машиностроения "ОМСКТР-АНСМАШ")	Indirizz: Krasnyy Pereulok 2, 644020 Omsk, Russian Federation Tel. +7 (3812) 44 61 03 Sit web: http://transmash-omsk.ru Posta elettronika: info@transmash-omsk.ru Numru tat-taxxa: 5505204171 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1085543060734	Omsktransmash hija kumpanija tal-inġinerija tal-Istat ibbażata f'Omsk (ir-Russja). Hija timmanifattura l-lanċaturi ta' rokits multipli TOS-1A li jisparaw rokits termobariċi. Omsktransmash ikkonsenjat it-TOS-1A lill-Forzi Armati Russi. Fl-2022, ir-Russja użat it-TOS-1A matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
74.	JSC Russian Machines (ООО "Русские машины") magħruf ukoll bħala JSC Nizhegorodskie Avtomobili (ОАО Нижегородские автомобили)	Indirizz: 352330, Krasnodar region, Ust-Labinsk, Ust-Labinsky district, st. Mira, 116 K.D, kv.2, Russian Federation Tel. +7 (495) 653 82 07 Sit web: rm.ru Posta elettronika: info@rm.ru Numru tat-taxxa: 2373000582 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1112373000596	JSC Russian Machines (magħruf ukoll bħala JSC Nizhegorodskie Avtomobili) huwa konglomerat industrijali proprjetà ta' Oleg Deripaska. Huwa jinkludi Military Industrial Company u Arzamas Machine-Building Plant, li jimmanifattura t-trasportaturi anfibji armati tal-persunal BTR-80, li ntużaw mir-Russja matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna fl-2022. Għaldaqstant, JSC Russian Machines huwa responsabbli talli appoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
75.	JSC Sozvezdie Concern (АО Концерн “Созвездие”)	Indirizz: Plekhanovskaya Str., 14, Voronezh 394018, Russian Federation Tel. +7 473 252 52 52 Sit web: https://www.sozvezdie.su Posta elettronika: office@sozvezdie.su Numru tal-karta tal-identità tat-taxxa: 366127502 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1053600445337	JSC Sozvezdie Concern huwa żviluppatur u manifattur ta’ sistemi u tagħmir tal-gwerra elettronika, komunikazzjonijiet bir-radju u ta’ kontromiżuri elettroniċi. L-unitajiet multifunzjonali tas-sistema tal-armi tal-gwerra elettronika Borisoglebsk-2 żviluppati u manifatturati minn JSC Sozvezdie Concern intużaw mill-forzi armati Russi matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna mir-Russja fl-2022. Qabel dan, is-sistema Borisoglebsk-2 intużat fit-territorju tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” separatista fil-Lvant tal-Ukrajna. Għaldaqstant, JSC Sozvezdie Concern huwa responsabbli talli appoġġa, b’mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
76.	JSC Research and Industrial Concern “Machine Engineering Technologies” - JSC RIC TECMASH (Холдинговая компания АО “Научно-производственный концерн “Технологии машиностроения”“)	Indirizz: Bolshaya Tatarskaya Str. 35/5, Moscow 115184, Russian Federation Tel. + 7 495 459 98 81 Sit web: http://tecmash.ru Posta elettronika: info@tecmash.ru Numru tal-karta tal-identità tat-taxxa: 7743813961 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1117746260477	Tecmash Concern huwa disinjatur u manifattur ewlieni tal-missili u l-munizzjon użati mill-Forzi Armati Russi. Hija sussidjarja ta’ Rostec. Il-kumpanija subordinata tiegħu, NPO Splav, timmanifattura lanċaturi ta’ rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch li ntużaw mir-Russja matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna fl-2022. Il-Forzi Armati Russi użaw il-lanċaturi ta’ rokits multipli BM-27 Grad u BM-30 Smerch f’attakki b’munizzjonijiet dispersivi kontra miri ċivili fl-Ukrajna li kkaġunaw bosta vittmi. Għaldaqstant, Tecmash huwa responsabbli talli appoġġa, b’mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
77.	PJSC United Engine Corporation (AO “Объединенная двигателестроительная корпорация”)	Indirizz: 16, Budyonny Avenue, Moscow, 105118, Russian Federation Tel. +7(495) 232-55-02, +7(499) 558-18-94 Sit web: https://www.uecrus.com Posta elettronika: info@uecrus.com Numru tal-karta tal-identità tat-taxxa: 7731644035 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1107746081717	United Engine Corporation hija sussidjarja ta’ Rostec li tiddisinja, timmanifattura u tmantni avjazzjoni militari, magni tar-rokits u magni tal-baħar bit-turbini tal-gass. JSC UEC Klimov, waħda mill-kumpaniji li jiffurmaw parti minn Official United Engine Corporation, jimmanifattura magni mmuntati fil-ħelikopters Ka-52 li ntużaw mir-Russja matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna fl-2022, inkluż matul il-battalja ta’ Hostomel. Għaldaqstant, United Engine Corporation hija responsabbli talli appoġġat, b’mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
78.	Yantar Shipyard (Прибалтийский судостроительный завод “Янтарь”)	Indirizz: 1 Guskova square, 236005, Kaliningrad, Russian Federation Tel. +7 (4012) 61 30 83 Sit web: https://shipyard-yantar.ru/en Posta elettronika: office@shipyard-yantar.ru Numru tal-karta tal-identità tat-taxxa: 3900000111 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1023901861213	Yantar Shipyard hija parti mill-United Shipbuilding Corporation, konglomerat tal-istat Russu ta’ bini tal-bastimenti, li huwa l-fornitur ewlieni tal-bastimenti tal-gwerra militari lill-Forza Navali Russa. Din bniet il-proġett 11711 “Pyotr Morgunov” bastiment kbir tal-ħatt l-art, li ntuża mir-Russja matul l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna fl-2022. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat, b’mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M50				
79.	Otkritie FC Bank (magħruf preċedentement bħala NOMOS Bank)	Tip ta' kumpannija: Kumpannija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Indirizz: D. 2, str. 4, ul. Letnikovskaya, 115114, Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 15.12.1999 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739019208 Numru tal-karta tal-identità tat-taxxa: 7706092528 SWIFT/BIC: JSNMRUMM Individwu assoċjat: Igor Finogenov, Kofundatur (issa Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Eurasian Development Bank) Assoċjati: Central Bank of Russia; il-Gvern tal-Federazzjoni Russa	Otkritie FC Bank, magħruf qabel bħala NOMOS Bank huwa wieħed mill-akbar 10 banek tar-Russja u istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-Bank Ċentrali tar-Russja huwa l-investitur ewlieni tal-Otkritie Bank, li għandu 99-100 % tal-ishma. Bħala waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin tar-Russja, Otkritie Bank jiġġenera dħul għoli għall-Bank Ċentrali Russu u għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Otkritie Bank huwa għalhekk entità jew korp li jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew li jibbenefika minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna kif ukoll persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022
▼M69				
80.	Novikombank Новикомбанк	Tip ta' kumpanija: Joint Stock Commercial Bank Indirizz: Bld.1, Polyanka Bolshaya str. 50/1, Moscow, 119180, Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739075891 Individwi assoċjati: Georgieva Elena ALEKSANDROVNA (President tal-Bord ta' Tmexxija) Andrey Valeryevich KONDRATYEV (President tal-Bord tad-Diretturi) Entità assoċjata: Rostec (Russian Technologies State Corporation)	Novikombank huwa sussidjarju ta' Rostec (Russian Technologies State Corporation), konglomerat tad-difiża ewlieni tal-istat Russu. Novikombank għandu rwol sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' programmi tal-gvern Russu li huma mmirati lejn l-iżvilupp ta' industriji ta' teknoloġija għolja fir-Russja billi jipprovdi finanzjament għal proġetti militari u ċivili ewlenin. Novikombank iwettaq negozju f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari s-settur tad-difiża. Novikombank huwa għalhekk entità jew korp li jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew jibbenefika minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna kif ukoll persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			F'Ġunju 2022, id-Direttur tal-Bank iddikjara li l-bank kien lest biex jibda l-attivitajiet tiegħu fil-Krimea. Barra minn hekk, Novikombank jiffinanzja b'mod attiv kumpaniji li jaħdmu biex jissostitwixxu prodotti pprojbiti mill-esportazzjoni lejn ir-Russja, b'mod partikolari fl-ajrunawtika u l-armamenti. F'Awwissu 2022, Novikombank ħa sehem fil-forum ARMY 2022 (li jlaqqa' flimkien kumpaniji mill-kumpless militari-industrijali) u ffirma ftehimiet ta' finanzjament għal RUB 190 biljun (madwar EUR 3 biljun).	
81.	Sovcombank (magħruf preċedentement bħala Buycombank)	Isem sħiħ tal-kumpanija: Public Joint Stock Company "Sovcombank" Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Indirizz: Prospekt Tekstilshchikov, 46, Kostroma, Kostroma Oblast, 156000, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 1.9.2014 Numru tar-reġistrazzjoni: 1144400000425 Numru tal-karta tal-identità tat-taxxa: 4401116480 Entità assoċjata: il-Gvern tal-Federazzjoni Russa	Sovcombank, li qabel kien magħruf bħala Buycombank, huwa wieħed mill-akbar banek tar-Russja u huwa rikonoxxut bħala istituzzjoni finanzjarja/ta' kreditu Russa sistemikament importanti mill-Gvern u l-Bank Ċentrali tar-Russja. Sovcombank huwa involut u jikkoopera ma' kumpaniji marbuta mas-settur tal-armi bħal Kamaz li l-bank ħareġ bonds għaliha f'Lulju 2022. Huwa ħareġ ukoll bonds għall-VEB u DOM.RF. Sovcombank huwa għalhekk persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022
82.	VTB Bank ВТБ/Внешторгбанк	Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Indirizz: Vorontsovskaya Str., 43, Moscow, 109044, Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Degtyarnyy Pereulok, 11a, St. Petersburg, 191144, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 17.10.1990 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739609391 Individwi assoċjati: Andrei Leonidovich KOSTIN (President u President tal-Bord ta' Tmexxija); Anton SILUANOV (President tal-Kunsill Superviżorju)	Il-VTB Bank huwa istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti għall-Gvern Russu, li min-naħa tiegħu huwa azzjonist ewlieni ta' VTB Bank. Il-bank innifsu għandu rabtiet mill-qrib mal-intelligence Russa, u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tiegħu nħatar mill-President Vladimir Putin u ddefenda l-azzjonijiet tiegħu inkluż l-annessjoni tal-peniżola tal-Krimea. Bħala waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin tar-Russja, li fil-biċċa l-kbira hija proprjetà tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, VTB jiġġenera wkoll dħul għoli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'Ġunju 2022, VTB esprima l-intenzjoni tiegħu li jirkupra l-eks sussidjarja tiegħu, RNCB Bank (bank ewlieni fil-Krimea b'70 % tal-klijenti fil-peniżola), li ġie nazzjonalizzat wara s-sanzjonijiet tal-2014. F'Ottubru 2022, il-President Putin iffirma liġi li tawtorizza lill-gvern biex jittrasferixxi 100 % tal-ishma	8.4.2022

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entità assoċjata: L-Aġenzija Federali għall-Ġestjoni tal-Proprjetà tal-Istat (is-subdiviżjoni tal-Ministeru Russu għall-Iżvilupp Ekonomiku hija azzjonista ewlenija)	tal-RNCB lill-VTB. F'Novembru 2022, id-Direttur Ġenerali tal-VTB ħabbar it-tlestija tat-trasferiment tal-RNBC lill-VTB fl-ewwel tliet xhur tal-2023. B'hekk il-VTB isir il-bank ewlieni fil-Krimea. VTB Bank huwa għalhekk entità jew korp li jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew jibbenefika minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna kif ukoll persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
83.	JSC GTLK State Transport Leasing Company	Indirizz: 31a Leningradsky Avenue, bldg. #1, Moscow 125284, Russian Federation Indirizz legali: 73 Respublika St., Suite 100, Salekhard, Yamalo-Nenets Autonomous Area, 62900B, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija tat-trasport Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 2001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet assoċjati: GTLK Europe, GTLK Asia, GTLK Middle East Tel. (495) 221-00-12 8-800-200-12-99 Posta elettronika: gtlk@gtlk.ru	GTLK topera fit-trasport bl-ajru, bil-baħar u bil-ferrovija, trasport tal-passiġġieri, vetturi u tagħmir speċjali għal kumpaniji domestiċi fl-industrija tat-trasport, u twettaq attivitajiet ta' investiment biex tiżviluppa l-infrastruttura tat-trasport tar-Russja. L-uniku azzjonist tal-kumpanija huwa l-Federazzjoni Russa rrappreżentata mill-Ministeru għat-Trasport tal-Federazzjoni Russa. Fl-2020, il-portafoll ta' kera ta' GTLK ġie vvalutat għal RUB 1.3 biljun, u għandha kumpaniji sussidjarji fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fl-Ewropa. Il-GTLK stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li toħloq flotta ta' droni (importati miċ-Ċina) biex twettaq missjonijiet ta' sorveljanza mill-ajru. GTLK hija entità legali, li tappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u tibbenefika minnu, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022

▼B

▼M53

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
84.	JSC GARNIZON (Bir-Russu: АО Гарнизон)	Indirizz: Kosmodamianskaya Naberezhnaya 24, Moscow, Russia 115035; building 1. Indirizz postali: Sadovnicheskaya 53, Moscow, Russia 115035 Telefon: + 7 (499) 790-92-12 Sit web: http://ao-garnizon.ru Indirizz elettroniku: info@ao-garnizon.ru	JSC Garnizon hija kumpannija azzjonarja taħt il-kontroll tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. L-istruttura tagħha tinkludi aktar minn 60 entità. Hija twettaq il-kompiti stabbiliti mill-Ministeru għad-Difiża u tħares l-interessi tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Hija taġixxi bħala awtorità kontraenti f'offerti pubbliċi fl-interessi tal-Ministeru għad-Difiża. Għalhekk, hija persuna ġuridika li tappoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022
85.	JSC OBORONENERGO (Bir-Russu: АО Оборонэнерго)	Indirizz: 107140, Moscow, 1st Krasnoselsky lane, 11, Russia Telefon: + 7 (495) 532-13-06 Sit web: https://oboronenergo.su Indirizz elettroniku: info@oen.su	JSC Oboronenergo hija fornitur militari tal-enerġija li taħt kuntratti tal-gvern tipprovdi servizzi ta' provvista tal-elettriku lil unitajiet militari Russi u lil entitajiet oħra taħt il-kontroll tal-Ministeru għad-Difiża. Hija ħadet sehem fil-modernizzazzjoni tal-bażi tal-ajru militari f'Korenovsk, li ntużat mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa biex tniedi attakki fuq objettivi li kienu jinsabu fl-Ukrajna matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk hija appoġġat materjalment u bbenefikat mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija appoġġat ukoll materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022

▼M53

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
86.	OJSC Ulyanovsk Automobile Plant (UAZ) (bir-Russu: ООО “Ульяновский автомобильный завод” (УАЗ))	Indirizz: Moskovskoye Shosse, 92, Ulyanovsk, Ulyanovsk Oblast, 432008 Tel. + +7 (8422) 40-91-09 Sit web: https://uaz.global/ Posta elettronika: mm.medvedev@dnd.team	UAZ hija manifattur tal-karozzi Russu. Hija tipprovdi lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa b’vetturi UAZ Patriot li ntużaw mill-armata Russa matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna. Il-fabbrika tal-UAZ qed tiġi mmodernizzata bis-saħħa ta’ ordnijiet mill-Ministeru għad-Difiża. F’Settembru 2022, wara awditu, il-kumpanija ġiet ukoll inkluża fir-reġistru militari li jarmonizza l-proċeduri għall-aċċess għall-akkwist pubbliku fis-settur tad-difiża. Għalhekk hija tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
▼M53				
87.	JSC VOENTELECOM (VOYENTELEKOM) (Bir-Russu: АО “Воентелеком”)	Indirizz: 107014, Russia, Moscow, st. Bolshaya Olenya, 15A, building 1 Telefon: +7 (495) 609-50-05, +7 (985) 900-50-05 Sit web: https://voentelecom.ru Indirizz elettroniku: info@voentelecom.ru	Voentelecom hija l-fornitur ewlieni ta’ servizzi ta’ telekomunikazzjoni għall-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Il-gvern Russu rrikonoxxa lil Voentelecom bħala kumpannija ta’ importanza federali. Hija twettaq manutenzjoni u tiswijiet fuq l-infrastruttura tal-IT, tagħmir ta’ telekomunikazzjonijiet militari, linji ta’ komunikazzjoni u tagħmir għall-gwerra elettronika tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, inkluż fit-territorju tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment. Hija żviluppat sistema ta’ komunikazzjoni diġitali, awtomatizzata u unifikata għall-armata Russa. Hija pprovdiet lill-Forza Navali Russa b’komunikazzjoni broadband bir-radju, inkluż fit-territorju tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment. Voentelecom ikkooperat ma’ Rostec fl-iżvilupp tal-istandard LTE fit-territorju tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment.	3.6.2022

▼**M53**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk hija appoġġat materjalment u bbenefikat mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija appoġġat ukoll materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
88.	JSC VOENTORG (Bir-Russu: АО “Военторг”)	Indirizz: Russia, Moscow, 115035, Sadovnicheskaya st., 55/26, building 3 Telefon: +7 (495) 609-5200 Sit web: http://www.oaovoentorg.ru Indirizz elettroniku: info@oaovoentorg.ru Entitajiet assoċjati: kumpanniji subordinati: JSC “Voentorg-West”; JSC “Voentorg-South”; JSC “Voentorg-Center”; JSC “Voentorg-Vostok”; JSC “Voentorg-Moscow”; Voentorg-Retail LLC	Voentorg hija kuntrattur tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Hija tipprovdi servizzi ta’ catering u ta’ ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, il-kumpannija sussidjarja ta’ Voentorg, Voentorg Retail, biegħet T-shirts bis-simbolu militari “Z”, li ntuża mill-propagandisti Russi biex tippromwovi l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk hija qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija tappoġġa wkoll, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
89.	VOENTEKSTIL-PROM LLC (Bir-Russu: ООО ВоенТекстильПром)	Indirizz: 115446, Moscow, Kolomensky proezd, 13a, Russia Telefon: 8-499-444-32-84; Fax: 8-499-611-90-46 Sit web: https://voentekstilprom.ru/ Indirizz elettroniku: office@vtpmsk.ru	Voentekstilprom timmanifattura ħwejjeġ għall-ħtiġijiet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Hija tat provvisti ta’ ħwejjeġ lill-forza militari Russa bħala parti minn ordni ta’ difiża tal-istat. Hija timmanifattura uniformijiet ta’ fuq il-post tal-ġlied għall-Gwardja Nazzjonali tar-Russja u qomos għas-suldati tal-Forza Navali Russa u tal-Gwardja Nazzjonali tar-Russja. Għalhekk hija persuna ġuridika li tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, jew li tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

▼M53

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
90.	INDEPENDENT INSURANCE GROUP (bir-Russu: СК НЕЗАВИСИМАЯ СТРАХОВАЯ ГРУППА)	Indirizz: Vspolniy Pereulok 18, bldg. 2, Moscow, 123001 Tel. +7 (495) 926-72-70; 788-81-19 Fax: + +7 (495) 788-81-16 Sit web: www.nsg-ins.ru Posta elettronika: info@nsg-ins.ru	Independent Insurance Group Ltd hija impriża tal-assigurazzjoni ta' kumpaniji tal-industrija tad-difiża Russa. Hija inkuża fuq il-lista ta' impriżi tal-assigurazzjoni li jagħtu servizzi tal-assigurazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' merkanzija militari. Hija tikkoopera ma' kumpaniji tal-Istat Russu u tagħtihom assigurazzjoni, speċjalment dawk fis-settur militari u tad-difiża. Independent Insurance Group Ltd hija l-impriża ta' assigurazzjoni kontra r-riskju ewlenija ta' Rostec, il-konglomerat tad-difiża tal-Istat Russu. Il-kumpanija hija waħda mill-isponsors u l-parteċipanti tal-Forum Militari-Tekniku Internazzjonali "Army2022", organizzat mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Hija tikkonferma l-konnessjonijiet mill-qrib tagħha mas-settur tad-difiża fuq is-sit web tagħha. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija tappoġġa wkoll, materjalment jew finanzjarjament, jew tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022
91.	PJSC KAMAZ psewdonimu KAMAZ PTC (bir-Russu: ПАО "КАМАЗ")	Indirizz: Avtozavodskiy Prospekt, 2, Naberezhnye Chelny, Respublika Tatarstan, 423827 Tel. +7 (800) 555-00-99 Sit web: https://kamaz.ru/en Posta elettronika: callcentre@kamaz.ru	KAMAZ hija żviluppatur u manifattur Russu ta' vetturi u tagħmir militari. Hija pproduċiet il-vetturi KAMAZ-5350, KAMAZ-6350, KAMAZ 6560 li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'Novembru, KAMAZ irreferiet għall-fatt li l-fabbrika tagħha qed topera fil-limiti tal-kapaċità tagħha li tissodisfa l-ordnijiet tal-armi. F'April 2022 ippubblikat ukoll filmat li fih intuża s-simbolu "Z", li jesprimi appoġġ għall-operazzjoni fl-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
92.	JSC KRONSHTADT TEKHNOLOGII Group of Companies (bir-Russu: Кронштадт-технологии группа компаний АО)	Indirizz: 115432, Moscow, Andropov Ave., 18, bldg. 9, Descartes Business Center, Russia / 199178, St. Petersburg, Maly prospekt Vasilievsky island, 54/4 Tel. +7 (495) 748-35-77, +7 (495) 230-00-36 (Moscow); +7 (812) 449-90-90 (St. Petersburg) Sit web: https://kronshtadt.ru Posta elettronika: uav@kronshtadt.ru; office@kronshtadt.ru	JSC Kronshtadt Tekhnologii hija kuntrattur militari Russu li jiżviluppa u jimmanifattura tagħmir, software u soluzzjonijiet integrati għal vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord Orion, manifatturati minn Kronshtadt Tekhnologii matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija tkompli tipproduċi u tiżviluppa d-droni Orion, li qed jintużaw dejjem aktar fil-gwerra. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
93.	Tatshina LLC (ООО ТАТШИНАУК) L-eks Management Company Tatneft-Neftekhim LLC (bir-Russu: ООО УК Татнефть-Нефтехим)	Indirizz: 423580, Republic of Tatarstan, Nizhnekamsk-10, PO Box 1, AIK-24, Russia Tel. +7(8555) 49-73-42; +7(8555) 49-75-86 Fax: + 7(8555) 49-75-86 Sit web: www.neftehim.tatneft.ru Posta elettronika: nhk@tnnh.tatneft.ru Entitajiet assoċjati: JSC Tatneftekhiminvest-holding; JSC Nizhnekamskshina;	Wara d-dežinjazzjoni ta' Management Company Tatneft-Neftekhim LLC, Tatneft Group biegħ il-parteċipazzjoni tiegħu fil-kumpanija maniġerjali "Tatneft-Neftekhim" lil JSC Tatneftekhiminvest-Holding, li biddlet isimha għal Tatshina LLC. Tatshina LLC (li qabel kienet imsejħa Management Company Tatneft-Neftekhim) timmaniġġa u tikkoordina l-kumpaniji tat-tajers subordinati ta' PJSC Nizhnekamskneftekhim, li jinkludu TD KAMA, Nizhnekamskshina u Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant. Hija tgħaqqad flimkien l-intrapriżi kollha relatati man-negozju tat-tajers JSC Tatneftekhiminvest-Holding, u timmaniġġa l-produzzjoni, il-proċessi tal-ippjanar, l-operazzjonijiet kummerċjali, ir-riżorsi umani u r-relazzjonijiet pubbliċi tagħhom.	3.6.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		LLC Nizhnekamsk Truck Tyre Factory; Nizhnekamsk SSC Tyre Factory; JSC Nizhnekamsktekhuglerod; JSC Nizhnekamsk Mechanical Plant); TD “Kama” Trading House; LLC “Kama” Scientific & Technical Center; LLC TATNEFT-Neftekhimsnab; JSC Yarpolimermash-Tatneft; LLC Energoshinservis	TD KAMA, id-distributur ġenerali tal-prodotti kummerċjali tat-tajers ta’ JSC Tatneftekhiminvest-Holding, tforni tajers lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa u lill-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Nizhnekamskshina timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-prodotti ta’ Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant jinkludu t-tajers KAMA NU402 li jiġu mmuntati fuq il-vetturi ta’ mobbiltà tal-infanterija Tigr li jġorru missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi armati K4386 Typhoon-VDV, vetturi ta’ mobbiltà tal-infanterija Tigr u missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Tatshina LLC u TD KAMA jipprovdu wkoll appoġġ materjali lill-impjegati mobilizzati fil-gwerra fl-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
94.	Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant, LLC (bir-Russu: ООО Нижнекамский завод грузовых шин)	Indirizz: 423580, Nizhnekamsk, industrial zone no. 96, office 1, Republic of Tatarstan, Russia Tel. + +7 (8555) 49-73-40 Sit web: https://cmk.tatneft.ru/?lang=ru Posta elettronika: nkastp@tatneft.ru	Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant tipproduċi tajers magħmulin għal-kollox mill-azzar. Kienet kumpanija subordinata ta’ Tatneft. Il-prodotti tagħha jiġu fornuti lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta’ Ġunju 2022, Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant inbiegħet lil JSC Tatneftekhiminvest-holding. Il-bejgħ kien jinkludi wkoll MC Tatneft-Neftekhim, Trade House Kama, Nizhnekamskshina, fost oħrajn.	3.6.2022

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Post tar-reġistrazzjoni: 423580, Nizhnekamsk, industrial zone, Republic of Tatarstan, Russia Data tar-reġistrazzjoni: 15.1.2007 Numru tar-reġistrazzjoni: SRN/OGRN 1071651000035 KPP 165101001 TIN/INN 1651049488 Entitajiet assoċjati: Trading House KAMA Management Company Tatneft-Neftekhim Nizhnekamskshina	Hija timmanifattura t-tajers KAMA NU402, li jiġu mmuntati fuq il-vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr li jġorru missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr u missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. KAMA Tyres, il-grupp ta' kumpaniji li tappartjeni għalih Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant, qed jipprovdi appoġġ finanzjarju u materjali, inkluż tagħmir tattiku, lis-suldati Russi mobilizzati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
95.	PJSC Nizhnekamskshina (bir-Russu: ПАО "Нижнекамскшина"	Indirizz: 423570, Republic of Tatarstan, Nizhnekamsk district, Industrial Zone, building 116, building 1, office 1, Russia Tel. +8 555 49-79-30 Fax: + 8 555 24-15-70 Sit web: https://shinakama.tatneft.ru Posta elettronika: nksh@tatneft.ru Data tar-reġistrazzjoni: 20.9.2001 Numru tar-reġistrazzjoni: SRN/OGRN 1021602498114 TIN/INN 1651000027 Entitajiet assoċjati: Trading House KAMA Management Company Tatneft-Neftekhim Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant	Nizhnekamskshina hija l-manifattur tat-tajers ewlieni tar-Russja. Kienet kumpanija subordinata ta' Tatneft. Fl-1 ta' Ġunju 2022, Nizhnekamskshina nbiegħet lil JSC Tatneftekhiminvest-Holding. Hija tipproduċi tajers taħt id-ditti KAMA u Viatti. Il-prodotti tagħha jinkludu tajers b'użu doppju u militari fornuti lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Hija timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi K4386 Typhoon-VDV matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Nizhnekamskshina tipprovdi wkoll appoġġ materjali u finanzjarju lill-impjegati mobilizzati fil-gwerra fl-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
96.	LLC TD KAMA (bir-Russu: ООО ТД “КАМА”)	Indirizz: 423570, Russia, Republic of Tatarstan, Nizhnekamsk, Territoriya Promzona, AIK-24, room 402 Tel. +7 (8555) 24-10-00, 24-10-10 Data tar-reġistrazzjoni: 18.12.2022 Numru tar-reġistrazzjoni: SRN/OGRN 1021602510533 TIN/INN 1651024807 Sit web: https://www.td-kama.com Posta elettronika: info@td-kama.com Entitajiet assoċjati: Tatneft-Neftekhim; Nizhnekamskshina; Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant	TD KAMA hija distributur ġenerali tal-prodotti ta’ KAMA TIRES, li jiġu mmanifatturi minn Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant u Nizhnekamskshina. Hija tforni tajers lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa u lill-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Il-prodotti ta’ Nizhnekamskshina, li TD KAMA tiddistribwixxi, jinkludu tajers b’użu doppju u militari fornuti lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Nizhnekamskshina timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-prodotti ta’ Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant, li TD KAMA tiddistribwixxi, jinkludu t-tajers KAMA NU402 li jiġu mmuntati fuq il-vetturi ta’ mobbiltà tal-infanterija Tigr li jġorru missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi armati K4386 Typhoon-VDV, vetturi ta’ mobbiltà tal-infanterija Tigr u missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, TD KAMA tipprovdi appoġġ materjali u finanzjarju lill-impjegati mobilizzati fil-gwerra fl-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022
97.	OJSC Balashikha Casting and Mechanical Plant (bir-Russu: ОАО Балашихинский литейно-механический завод) magħrufa wkoll bħala OJSC BLMZ (bir-Russu: ОАО БЛМЗ)	Indirizz: Entuziastov sh., 4, Balashikha, Moskovskaya Oblast, 143900, Russian Federation Tel. + +7 (495) 639-94-94 Sit web: https://www.blmz.ru Posta elettronika: info@blmz.ru	BLMZ hija impjant Russu tal-ikkastjar u mekkaniku. Hija tforni materjali li jintużaw għall-produzzjoni tal-armi lill-fornituri Russi ta’ tagħmir militari li ġew issanzjonati mill-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li ddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.	3.6.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Hija fornitur ikkuntrattat tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Hija tipprovdi tagħmir u materjali għal-produzzjoni ta' diversi inġenji tal-ajru u ħelikopters, inkluż Ka-52 li l-Forzi Armati Russi jkomplu jużaw b'mod estensiv matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tagħhom kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
98.	JSC REMDIZEL (bir-Russu: АО "Ремдизель")	Indirizz: 423800, Republic of Tatarstan, Naberezhnye Chelny, Menzelinsky tract, 40, Russia Tel. +7 (8552) 55-15-88 / 7 (8552) 30-80-00 Sit web: http://www.remdizel.com Posta elettronika: remdizel@kamaz.ru Entitajiet assoċjati: KAMAZ	Remdizel tipproduċi u ssewwi vetturi bir-roti u biċ-ċineg. Hija timmanifattura l-vetturi K-63968 reżistenti għall-mini u li jipproteġu kontra ambuskati, li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Remdizel tipproduċi wkoll vetturi armati ġodda bħall-K-4386 Typhoon VDV u Akhmat biex tappoġġa l-aggressjoni Russa fl-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
99.	JSC SUKHOI Company (bir-Russu: ПАО Компания "Сухой")	Indirizz: 125284, Russia, Moscow, st. Polikarpova, 23B, PO box 604 Tel. + +7 (499) 550-01-06 Sit web: https://www.sukhoi.org Posta elettronika: info@sukhoi.org Entitajiet assoċjati: United Aircraft Corporation (kumpanija omm)	Sukhoi hija manifattur Russu tal-inġenji tal-ajru. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa operaw inġenji tal-ajru tal-ġlied manifatturati minn Sukhoi matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija tiżviluppa wkoll mudelli ġodda ta' inġenji tal-ajru tal-ġlied użati ħafna fil-gwerra, bħas-Su-30, is-Su-35 u s-Su-57. Fil-21 ta' Novembru 2022, l-azzjonist maġġoritarju tiegħu, OAK, ħabbar il-konsenja ta' SU30SM2s ġodda lill-Ministeru għad-Difiża. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
100.	JSC “121 AIRCRAFT REPAIR PLANT” (bir-Russu: Акционерное общество “121 авиационный ремонтный завод”)	Indirizz: Russia, 143079, Moscow region, Odintsovo, Stary Gorodok, st. Postal, 10 Tel. + 7(498) 677-95-11 Sit web: https://121arz.ru Posta elettronika: info@121arz.ru	121 Aircraft Repair Plant issewwi l-inġenji tal-ajru Su-25, Su-27 u MiG-29. Hija l-unika intrapriża fir-Russja li simultanjament issewwi u taġġorna l-inġenji tal-ajru Su-25 għall-verżjoni Su-25 SM. L-inġenji tal-ajru Su-25 SM intużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. F’dan is-sit intbagħat ukoll persunal Belarussu biex jgħin fit-tiswija tal-inġenji tal-ajru tal-ġlied sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw fl-aggressjoni Russja fl-Ukrajna. Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija tappoġġa wkoll, materjalment jew finanzjarjament, jew tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

▼**M53**

101.	National Settlement Depository (NSD) (Bir-Russu: Национальный расчетный депозитарий)	Indirizz: Spartakovskaya street 12, 105066, Moska, il-Federazzjoni Russa Tip ta’ entità: kumpanija b’ishma konġunti li hija istituzzjoni ta’ kreditu mhux bankarja Data tar-reġistrazzjoni: 27.6.1996 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 3294 Reġistrazzjoni Primarja tal-Istat Nru. 1027739132563 Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru 7702165310 / 770101001 Post prinċipali tan-negozju: Il-Federazzjoni Russa	NSD hija istituzzjoni finanzjarja mhux bankarja Russa u depożitorju ċentrali ta’ titoli tar-Russja. Hija l-akbar depożitorju ta’ titoli fir-Russja skont il-valur tas-suq tat-titoli ta’ ekwità u ta’ dejn miżmuma f’kustodja u l-unika waħda li għandha aċċess għas-sistema finanzjarja internazzjonali. Hija rikonoxxuta bħala istituzzjoni finanzjarja Russa sistemikament importanti mill-Gvern u l-Bank Ċentrali tar-Russja. Hija għandha rwol essenzjali fil-funzjonament tas-sistema finanzjarja tar-Russja u l-konnessjoni tagħha mas-sistema finanzjarja internazzjonali, u b’hekk tiffaċilita direttament u indirettament lill-Gvern Russu fl-attivitajiet, il-politiki u r-riżorsi tiegħu.	3.6.2022

▼M53

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet assoċjati: azzjonist maġġoritarju/ kumpanija omm b'99.997 % (mhux elenkati individwalment): Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti "Moscow Exchange MICEX-RTS" (Borża ta' Moska jew MOEX) Indirizz reġistrat: 13, Bolshoy Kislovsky per, 125009 Moska, il-Federazzjoni Russa Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru 7702077840 Reġistrazzjoni Primarja tal-Istat Nru 1027739387411	Hija kważi kompletament proprjetà tal-Borża ta' Moska, li l-missjoni tagħha hija li tipprovdi aċċess eżawrjenti għas-swieq finanzjarji Russi. Min-naħa l-oħra, Moscow Exchange, permezz tar-rwol u l-azzjonisti tagħha, hija taħt livell għoli ta' kontroll mill-Gvern Russu. Għalhekk NSD hija entità jew korp li jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

▼M55

102.	AVLITA Stevedoring Company	Indirizz: Prymorska Street 2h, Sevastopol, Crimea, Ukraine	AVLITA Stevedoring Company tipprovdi servizzi relatati mat-tagħbija ta' qamħ fuq bastimenti fil-port ta' Sevastopol fil-Krimea, li kien anness illegalment mir-Russja. Huwa ddokumentat f'bosta rapporti li kien involut fit-tagħbija fuq bastimenti ta' qamħ misruq mill-bdiewa u l-istat Ukren fit-territorji Ukreni taħt okkupazzjoni Russa, jew mixtri taħt pressjoni minn bdiewa Ukreni. Avlita hija għalhekk responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	21.7.2022

▼M69

103.	Nightwolves MC (Мотopклуб, Ночные Волки)	Indirizz: Nizhniye Mnevniki, 110, Bike Centre, Moscow, Russian Federation Tip ta' entità: Grupp tal-Muturi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 1989	Nightwolves MC huwa klabb tal-muturi nazzjonalista mwaqqaf f'Moska fl-1989 b'madwar 45 kapitolu madwar id-dinja, inkluż kapitoli f'ħafna Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Nightwolves MC kien involut b'mod attiv fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi appoġġa pubblikament l-annessjoni tal-Krimea fl-2014 u l-gwerra kontra l-Ukrajna fl-2022, billi xerred b'mod attiv il-propaganda anti-Ukrena u favur ir-Russja u billi ġġieled flimkien ma' gruppi favur ir-Russja fl-Ukrajna jew appoġġahom wara l-annessjoni tal-Krimea u l-gwerra Russa kontra l-Ukrajna fl-2022. Il-grupp huwa sostenitur ewlieni tal-gvern Russu, billi appoġġa b'mod attiv il-propganda tal-istat Russa fir-Russja, kif ukoll fl-Ewropa u l-Balkani tal-Punent, billi jiċħad id-dritt tal-Ukrajna għas-sovranità u	21.7.2022

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			billi jappella għad-"denażifikazzjoni", kif ukoll għal "de-Ukrenizzazzjoni" tal-pajjiż, filwaqt li jippromwovi l-idea li l-Ukrajna għandha tkun parti integrali mir-Russja. Il-grupp għandu wkoll rabtiet mill-qrib mal-President Russu Vladimir Putin u l-gvern Russu u rċieva finanzjament tal-istat mill-Kremlin bejn l-2013 u l-2015. Il-grupp wera ripetutament l-appoġġ tiegħu għall-operazzjoni militari, b'mod partikolari billi bagħat uħud mill-membri tiegħu bħala voluntiera fl-armata. Għalhekk in-Nightwolves huma entità jew korp li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija entità responsabbli li tappoġġa jew timplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	

▼M55

104.	The Alexander Gorchakov Public Diplomacy Fund (Фонд общественной дипломатии Александра Горчакова)	Indirizz: 10/1 Yakovoa-postolsky pereulok, Moscow 105064, Russian Federation Tip ta' entità: Organizzazzjoni mhux Governattiva Post tar-reġistrazzjoni: Moscow Data tar-reġistrazzjoni: Frar, 2010 Numru tar-reġistrazzjoni: 1107799026752	L-Alexander Gorchakov Public Diplomacy Fund ġie stabbilit fl-2010 mill-President Russu Dmitry Medvedev. Il-fundatur tal-Fond kien il-Ministeru Russu għall-Affarijiet Barranin u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin huwa l-kap tal-bord tat-trustees. Il-Ministeru jiffinanzja l-ħidma tal-Fond Gorchakov, li min-naħa tiegħu jagħti finanzjament lil gruppi ta' riflessjoni u lil GONGOs. Il-Fond Gorchakov huwa mfassal biex jappoġġa lill-kompatrijotti Russi fl-ispazju post-Sovjetiku f'konformità mal-objettivi ideoloġiċi tal-Kremlin. Il-proġetti organizzati mill-Fond Gorchakov kienu elementi importanti tad-diskors dwar il-politika barranija tar-Russja. Fl-2015, il-Gvern tal-Ukraina għalaq l-Uffiċċju tal-Gorchakov Public Diplomacy Fund fi Kiev minħabba l-propaganda kontra l-istat. Għaldaqstant, il-Gorchakov Public Diplomacy Fund huwa responsabbli għall-appoġġ b'mod attiv tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u għall-benefiċċju minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukraina.	21.7.2022

▼M55

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
105.	The Federal Agency for the Commonwealth of Independent States Affairs, Compatriots Living Abroad, and International Humanitarian Cooperation (Rossotrudnichestvo) (Федеральное агентство по делам Содружества Независимых Государств, соотечественников, проживающих за рубежом, и по международному гуманитарному сотрудничеству (Россотрудничество)	Indirizz tal-Kwartieri Ġenerali: Russian Federation, 119019, Moscow, Vozdvizhenka Str. 18/9 Tel. + +7 (495) 690-12-45 Posta elettronika: rossotr@rs.gov.ru Sit web: https://rs.gov.ru Tip ta' entità: Aġenzija tal-Gvern Federali Russu Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 119019, Moscow, Vozdvizhenka Str. 18/9 Data tar-reġistrazzjoni: 6.9.2008	Il-Federal Agency for the Commonwealth of Independent States Affairs, Compatriots Living Abroad, and International Humanitarian Cooperation (Rossotrudnichestvo) hija korp eżekuttiv federali responsabbli għall-għoti ta' servizzi statali u l-ġestjoni tal-proprjetà tal-istat biex tappoġġa u tiżviluppa relazzjonijiet internazzjonali bejn il-Federazzjoni Russa u l-Istati Membri tal-Commonwealth ta' Stati Indipendenti u pajjiżi barranin oħra. Hija l-aġenzija ewlenija tal-istat li tipproġetta s-setgħa ta' persważjoni u l-influwenza ibrida tal-Kremlin, inkluż il-promozzjoni tal-hekk imsejjaħ kunċett "Russkiy Mir". Ilha għal ħafna snin taġixxi bħala organizzazzjoni ċentrali għal network ta' kompatrijotti Russi u aġenti ta' influwenza, u tiffinanzja diversi proġetti ta' diplomazija pubblika u ta' propaganda, filwaqt li tikkonsolida l-attivitajiet tal-atturi favur ir-Russja u tiddissemina n-narrattivi tal-Kremlin, inkluż ir-reviżjoniżmu storiku. Rossotrudnichestvo torganizza b'mod attiv avvenimenti internazzjonali mmirati lejn il-konsolidazzjoni ta' perċezzjoni pubblika usa' tat-territorji Ukreni okkupati bħala Russi. Il-Kap u l-Viċi Kap ta' Rossotrudnichestvo wrew b'mod ċar l-appoġġ tagħhom għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Rossotrudnichestvoa amplifikat il-propaganda tar-Russja billi ttrasformat id-"djar Russi" tagħha fl-Ewropa f'punti ta' sħana fejn l-Ewropej, teoretikament imċaħħda mit-tisħin minħabba nuqqas ta' gass, setgħu jiġu u jisħnu. Għaldaqstant, Rossotrudnichestvo hija responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, jew appoġġat jew implimentat dawn l-azzjonijiet jew politiki. Barra minn hekk, hija responsabbli talli appoġġat, materjalment u finanzjarjament, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u talli tibbenefika minnu.	21.7.2022

▼**M69**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
106.	Russkiy Mir Foundation (Фонд “Русский мир”)	Indirizz: 119285 Mosfilmovskaya Str. 40A, Moscow, Russian Federation Tel. +7 (495) 981-5680 Posta elettronika: info@russkiymir.ru Sit web: https://russkiymir.ru Tip ta’ entità: Aġenzija tal-Gvern Federali Russu Data tar-reġistrazzjoni: 31.8.2007	Il-Fondazzjoni “Russkiy Mir” inħolqot, u ġiet iffinanzjata mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Intużat mill-Federazzjoni Russa biex tavvanza l-interessi tagħha fil-pajjiżi post-Sovjetiċi. Il-mandat uffiċjali tagħha huwa li tippromwovi l-lingwa u l-kultura Russa madwar id-dinja iżda l-Fondazzjoni ntużat bħala għodda importanti ta’ influwenza mill-Kremlin li qed tippromwovi bil-qawwa aġenda ffokata fuq ir-Russja fl-istati eks Sovjetiċi, filwaqt li tirrifjuta l-leġittimità tal-Ukrajna bħala nazzjon sovran, u tippromwovi l-unifikazzjoni tagħha mar-Russja. Il-Fondazzjoni Russkiy Mir iddisseminat propaganda favur il-Kremlin u kontra l-Ukrajna, u ġġustifikat l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fl-istqarrijiet uffiċjali tagħha, hija appoġġat l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol u r-rikonoxximent tal-hekk imsejħa “Repubbliki tal-Poplu” separatisti fir-reġjun ta’ Donbas mill-Federazzjoni Russa. Sa minn Lulju 2022, il-fondazzjoni ppubblikat bosta artikli b’appoġġ għall-annessjoni tat-territorji Ukreni fuq is-sit web uffiċjali tagħha. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija bbenefikat ukoll mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	21.7.2022
107.	JSC Research and Production Association “Kvant” (Акционерное общество Научно-производственное объединение “Квант”)	Indirizz: Bolshaya Sankt-Peterburgskaya Str. 73, 173000 Veliky Novgorod, Russian Federation Tel. (8162) 681303 Posta elettronika: ok@kvant-vn.ru	“Kvant” JSC hija kumpanija Russa li topera fis-settur militari li tipproduċi sistemi elettroniċi tal-gwerra għall-Forzi Armati Russi. Hija kkoddisinjat u kkoproduċiet is-sistema elettronika tal-gwerra Krasukha-4 u mmanifatturat it-tagħmir għas-sistema elettronika tal-gwerra Rtut-BM. Is-sistemi elettroniċi tal-gwerra Krasukha-4 u Rtut-BM intużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. KVANT hija involuta wkoll fl-iżvilupp u l-irfinar tas-sistema Russa ta’ navigazzjoni Glonass użata mill-armata Russa.	21.7.2022

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija appoġġat ukoll materjalment u bbenefikat mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

▼M55

108.	Sberbank (Сбербанк)	Indirizz: 19 Vavilova St., 117997 Moscow, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: 19 Vavilova St., 117997 Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 22.3.1991 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700132195	Sberbank huwa istituzzjoni finanzjarja ewlenija fir-Russja. Il-Bank Ċentrali Russu huwa l-azzjonist maġġoritarju ta' Sberbank. Is-CEO tal-bank kien il-Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ tar-Russja taħt il-President Putin mis-sena 2000 sal-2007 u l-President tal-Bord Superviżorju tal-bank huwa l-Ministru għall-Finanzi Russu. Bħala l-akbar bank fir-Russja (li jammonta għal madwar kwart tal-assi bankarji Russi aggregati u terz tal-kapital bankarju), fil-biċċa l-kbira proprjetà tal-gvern Russu, Sberbank jiġġenera wkoll dħul kbir għall-gvern Russu. Sberbank huwa għalhekk entità jew korp li jappoġġja finanzjarjament u li jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukraina kif ukoll persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukraina.	21.7.2022

▼M69

109.	FORSS Group of Companies (Группа компаний ФОРСС)	Indirizz: Magnitogorskaya street 51, lit. E, 195027, St. Petersburg, Russian Federation Tel. (+7812) 605-00-78 Sit web: http://www.forss.ru/eng Posta elettronika: info@forss-marine.ru	FORSS hija kumpanija Russa li tipprovdi servizzi ta' inġinerija lill-industrija tal-bini tal-bastimenti. Hija tissodisfa l-ordnijiet magħmula mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Hija ħadet sehem fl-iżvilupp tal-proġett tal-Flotta Navali tal-Baħar l-Iswed "Vasily Bykov". Dan il-"proġett 22 160" jinvolvi l-bini ta' bastimenti tal-għassa mit-Tarzna ta' Zelenodolsk li kienu wżati mill-Flotta Navali Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. It-tarzna ta' Zelenodolsk tkompli tipproduċi vapuri għall-forzi armati Russi li jintużaw fil-gwerra kontra l-Ukrajna, bħall-corvette Grad Buyan Class M (il-proġett 21631) jew il-corvette Rzhev (il-proġett 22800).	21.7.2022

▼M69

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija appoġġat ukoll materjalment u bbenefikat mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	

▼M55

110.	All-Russia “Young Army” Military Patriotic Social Movement (Всероссийское военно-патриотическое общественное движение “Юнармия”) magħrufa wkoll bħala Yunarmiya (Юнармия)	Indirizz: 1st Krasnokursantskiy passage, 1/4, Building 1, Moscow, Russian Federation, 111033 Telefon: +7 (495) 106-75-75 Sit web: https://yunarmy.ru/ Indirizz elettroniku: info@yunarmy.ru	L-All-Russia “Young Army” Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) hija organizzazzjoni paramilitari Russa. Il-Yunarmiya u l-membri tagħha appoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukraina u xerrdu l-propaganda Russa dwar il-gwerra. Yunarmiya użaw is-simbolu militari “Z” li ntuża mill-propaganda Russa biex tippromwovi l-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja. Bl-appoġġ tal-Ministeri għad-Difiża u l-Edukazzjoni tal-Federazzjoni Russa, il-Yunarmiya organizzat kampanja li matulha t-tfal tal-iskola ntalbu jiktbu ittri lis-suldati Russi li ħadu sehem fl-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja. Barra minn hekk, hija ġabret rigali għat-truppi li ġġieldu fil-gwerra. Hija organizzat ukoll kampijiet tas-sajf għat-tfal fit-territorju tal-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Għaldaqstant, hija responsabbli li appoġġat jew implimentat azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	21.7.2022

▼M56

111.	Al-Sayyad Company for Guarding and Protection Services Ltd (aka “ISIS Hunters”) - شركة الصياد لخدمات الحراسة والحماية	Data tal-ħolqien: 2017 Kwartieri Ġenerali: AL Suqaylabiya (reġjun ta’ Hama)	Al-Sayyad Company for Guarding and Protection Services Ltd hija kumpannija tas-sigurtà privata Sirjana stabbilita fl-2017 u ssorveljata mill-Grupp Wagner fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (il-fosfati, il-gass u l-iżgurar tas-siti taż-żejt). Il-kumpannija, li topera bl-isem “ISIS Hunters”, hija attiva fir-reklutaġġ ta’ merċinarji Sirjani għal-Libja u l-Ukrajna. Għalhekk, il-kumpannija hija responsabbli biex tappoġġa jew timplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	21.7.2022

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M60				
112.	JSC Goznak (Russu: АО «Гознак»)	Indirizz: 17 Mytnaya Street, Moscow, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Il-Federazzjoni Russa Numru tar-reġistrazzjoni: TIN 7813252159 Post prinċipali tan-negozju: Moska, il-Federazzjoni Russa Entitajiet assoċjati oħra: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Kumpanija b'ishma konġunti proprjetà tal-istat Russu responsabbli għall-manifattura ta' prodotti ta' sigurtà inkluż karti tal-flus, muniti, bolol, karti tal-identità, dokumenti siguri, ordnijiet tal-istat u midalji. Għalhekk, JSC Goznak hija responsabbli għall-istampar tal-passaporti kollha Russi, inkluż il-passaporti mqassma fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna, inkluż id-Donbas, kif ukoll għal dokumenti militari tas-Settur tad-Difiża tar-Russja. It-tqassim tal-passaporti jaqdi rwol importanti fit-tentattiv tar-Russja li "tirrussifika" u tiddistabbilizza lill-Ukrajna. Għalhekk, JSC Goznak hija responsabbili li qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
▼M69				
113.	OJSC V.A. Degtyarev Plant (bir-Russu: ОАО "Завод имени В.А. Дегтярева") psewdonimu Degtyarev Plant (bir-Russu: "Завод имени Дегтярева") psewdonimu ZiD (bir-Russu: "ЗиД")	Indirizz: 4 Truda st., Kovrov 601900 Vladimir region, Russian Federation Tel. + +8 (49232) 9-12-09 Sit web: www.zid.ru Posta elettronika: zid@zid.ru Individwi assoċjati: Aleksander Vladimirovich Tmenov	Kumpanija tad-difiża li tipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi. Hija mmanifatturat il-missili Igla MANPADS, 9M119M "Refleks" u 9M120 "Ataka" u l-lanċaturi tal-missili 3UBK20 li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija tkompli tipproduċi armi għall-gwerra kif muri mill-parteċipazzjoni tagħha fil-forum ARMY 2022 f'Awwissu 2022 u pubblikazzjonijiet reċenti fuq is-sit tagħha. Degtyarev Plant hija għalhekk hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
▼M60				
114.	MKB "Fakel" imsemmi għal P.D. Grushin (Russu: МКБ «Факел» имени академика П. Д. Грушина)	Indirizz: Khimki, Akademika Grushina 33, 141401 Moscow region, Russian Federation Telefon: + 8 (495) 572-01-33 Sit web: https://www.mkbfakel.ru Email: info@npofakel.ru Entitajiet assoċjati: JSC Concern VKO "Almaz-Antey"	Kumpanija tad-difiża Russa li ddiżinjat is-sistemi tal-missili S-300, S-400 u TOR li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk MKB Fakel hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼M60

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M69				
115.	JSC Irkut Corporation (bir-Russu: Корпорация “ИРКУТ”)	Indirizz: Leningradskiy Prospect 68, Moscow, 125315, Russian Federation Tel. +7 (495) 777-21-01 Sit web: www.irkut.com Posta elettronika: office@irkut.com Individwi assoċjati: Alexander Veprev, Viċi Kap Direttur Ġenerali tal-JSC “Irkut” Corporation, u Yuri Slyusar, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta’ PJSC “UAC”.	Manifattur tal-inġenji tal-ajru Russu li jipprovdi inġenji tal-ajru tal-ġlied lill-Forzi Armati Russi. Huwa mmanifattura l-inġenji tal-ajru tal-ġlied supermanuvrabbli Su-30SM li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa kien involut ukoll fl-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-inġenji tal-ajru militari Russi. Għalhekk, Irkut Corporation huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
▼M60				
116.	MMZ Avangard (Russu:AO “ММЗ “АВАНГАРД””)	Indirizz: Klary Tsetkin street 33, 125130, Moscow, Russian Federation Telefon: +7 (495) 639-99-90 Sit web: https://mmzavangard.ru/ Email: avangardmos@mmza.ru Entitajiet assoċjati: JSC Concern VKO “Almaz-Antey”	Kuntrattur fil-qasam tad-difiża li jipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi. Huwa mmanifattura missili għas-sistemi tal-missili S-300 u S-400 li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, MMZ Avangard huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022
117.	JSC A.N. Ganichev Scientific and Production Association “SPLAV” (Russu: AO “Научно-производственное объединение “СПЛАВ” имени А. Н. Ганичева”) magħruf ukoll bħala JSC NPO “Splav” (Russu: AO НПО “Сплав”)	Indirizz: Shcheglovskaya zaseka Str. 33, Tula, 300004 Russian Federation Telefon: +7 (4872) 46-44-09 Sit web: www.splav.org, www.splavtula.ru, сплав.рф Email: mail@splavtula.ru Individwi assoċjati: Aleksander Vladimirovich Smirnov Sergey Yurevich Alekseev Boris Andreevich Belobragin Sergey Anatolevich Guliy	Manifattur tal-armi Russu li jipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi. Huwa pproduċa l-lanċaturi ta’ rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Forzi Armati Russi użaw il-lanċaturi ta’ rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch f’attakki b’munizzjon dispersiv kontra miri ċivili fl-Ukrajna li kkaġunaw bosta vittmi. Għalhekk NPO Splav huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼M60

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Vladimir Nikolaevich Kondaurov Denis Nikolaevich Kochetkov Maksim Grigorevich Rapota Oleg Veniaminovich Stolyarov Viktor Ivanovich Tregubov Olga Olegovna Yakunina Entitajiet assoċjati: JSC Research and Industrial Concern “Machine Engineering Technologies” - JSC RIC TECMASH		
118.	Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC)	Indirizz: 109012, Bol’shoy Cherkassky Pereulok, Building 9, Moscow, Russian Federation. Tip ta’ entità: Korp tal-istat tal-Federazzjoni Russa Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data ta’ Reġistrazzjoni: 12.6.2002 skont il-Liġi Federali Nru 67-FZ Entitajiet assoċjati oħra: Gvern tal-Federazzjoni Russa	Il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa hija korp tal-istat Russu responsabbli għall-organizzazzjoni ta’ elezzjonijiet u referenda għall-Federazzjoni Russa. Bħala tali, is-CEC hija responsabbli għall-organizzazzjoni ta’ referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna u għalhekk hija responsabbli talli, tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	6.10.2022

▼M61

119.	Shahed Aviation Industries magħrufa wkoll bħala Shahed Aviation Industries Research Center صنایع هوایی شاهد مرکز تحقیقات صنایع هوایی شاهد		Shahed Aviation Industries hija kumpanija marbuta mal-Forza Ajrus-pazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika fl-Iran li hija responsabbli għat-tfassil u l-iżvilupp tas-serje Shahed ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) tal-Iran. Id-droni tas-serje Shahed ġew fornuti lill-Federazzjoni Russa u huma użati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Shahed Aviation Industries hija responsabbli li appoġġat materjalment azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.10.2022

▼B

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M62				
120.	Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC ASF) نیروی هوافضای بپاه پاسیاران انقلاب سلامی (magħrufa wkoll bħala IRGC Air Force)		Il-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC ASF) hija responsabbli għall-iżvilupp tal-programm ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) tal-Iran, inkluż is-Shahed-136 u l-Mohajer-6, li jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Bħala l-operatur primarju tal-flotta ta' UAVs tal-Iran, l-IRGC ASF għandha rwol importanti fil-forniment ta' droni lill-alleati internazzjonali tal-Iran, inkluż il-Federazzjoni Russa. Għalhekk, l-IRGC ASF hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.11.2022
121.	Qods Aviation Industries (Industriji tal-Avjazzjoni Qods) صنایع هوایی قدس (magħrufin ukoll bħala Qods Aeronautics Industries)		Qods Aviation Industries hija kumpanija Iranjana li tfassal u timmanifattura Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs). Hija sussidjarja tal-Iran Aviation Industries Organisation (IAIO), intrapriża tal-istat subordinata għall-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran. Qods Aviation Industries tipproduċi d-droni Mohajer-6, li ġew fornuti lill-Federazzjoni Russa u użati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Qods Aviation Industries hija għalhekk responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.11.2022
▼M63				
122.	Design and Manufacturing of Aircraft Engines (DAMA) طراحی و ساخت موتور هواپیما	Indirizz: Shishesh Mina Street, Karaj Special Road, Tehran, Iran	Design and Manufacturing of Aircraft Engines (DAMA) hija kumpannija Iranjana	12.12.2022

▼**M63**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Numru tar-reġistrazzjoni: 14005160213 Post prinċipali tan-negozju: L-Iran	DAMA hija involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-programm ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) Iranjani Shahed-171, li huwa proprjetà tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC AF). DAMA hija kumpannija faċċata li wettqet attivitajiet ta' akkwist bil-moħbi għal Aircraft Manufacturing Industries tal-Iran (HESA), entità affiljata mal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Iran (MODAFL) . L-Iran biegħ diversi tipi ta' UAV lill-Federazzjoni Russa, inkluż Shahed-171, żviluppati minn DAMA. Il-UAVs Shahed-171 intużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, DAMA qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
123.	Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) سازمان جهاد خودکفایی و تحقیقات سپاه	Indirizz: Teheran u Isfahan, l-Iran Tip ta' entità: Kuntrattur militari Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, l-Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1993 Post prinċipali tan-negozju: L-Iran Entitajiet assoċjati oħra: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) hija unità ta' riċerka u żvilupp li tiżviluppa u timmanifattura radar li jippenetra l-art, sistemi ta' komunikazzjoni, armi, vetturi tal-ġlied u tagħmir elettroniku tal-gwerra ċibernetika. Bħala parti mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), l-IRGC SSJO kienet involuta f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u ta' akkwist marbuta mal-iżvilupp tal-Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) Iranjani, li wħud minnhom qed jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, l-IRGC SSJO qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022

▼M63

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
124.	Oje Parvaz Mado Nafar Company (Mado) شرکت او□ه پرواز مادو نفر (مادو)) Magħrufa wkoll bħala: Owj Parvaz Mado Nafar Company LLC	Indirizz: Qom, No. 1106, 11 Hemmat Corner, Hemmat Square, Hemmat Boulevard, Shokuhieh Industrial Town, Qom Province, 3718116354, Iran	OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) hija kumpanija bbażata fl-Iran speċjalizzata fil-manifattura ta' komponenti ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV). MADO pproduċiet magni ta' UAVs għal entitajiet marbuta mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), inkluż magni użati UAVs Shahed-136. UAVs Shahed-136 qed jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, taħt l-isem Geran-2. Għaldaqstant, Madoqed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
125.	Paravar Pars Company شرکت پراور پارس Magħrufa wkoll bħala: Paravar Pars Aerospace Research and Engineering Services; Paravar Pars Aerospace Research Institute; Paravar Pars Engineering and Services Aerospace Research Company; Paravar Pars; ParavarPars; Pravarpars Engineering Research and Design Company	Post prinċipali tan-negozju: 13-il km minn Shahid Babaei Highway, wara l-Università Imam Hossein, maġenb Telo Road, Tehran, l-Iran Email: info@paravar-pars.com	Paravar Pars Company hija assoċjata mill-qrib mal-Università Imam Hossein, li hija kkontrollata mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Paravar Pars Company ipproduċiet Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali tal-IRGC (IRGC AF) u ttestjat UAVs għall-Forza Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjan żviluppati mill-IRGC AF. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Paravar Pars Company għandha tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022

▼M64

126.	CREDIT BANK OF MOSCOW (Bir-Russu: Московский кредитный банк)	Indirizz: 2 Lukov pereulok, building 1, Moscow, 107045, Russian Federation, Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation	Il-Credit Bank Of Moscow huwa l-akbar bank pubbliku mhux statali tar-Russja u s-sitt l-akbar istituzzjoni finanzjarja tar-Russja. Huwa istituzzjoni finanzjarja sistemikament importanti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-bank jopera fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li huwa ta' importanza strateġika għall-ekonomija Russa u jiġġenera sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Data tar-reġistrazzjoni: 1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739555282 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Il-Credit Bank of Moscow jirċievi appoġġ mill-istat.F'Mejju 2022 kiseb liċenzja tal-esportazzjoni tad-deheb mill-gvern. Għalhekk, jibbenefika direttament mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Għalhekk, il-Credit Bank of Moscow huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-Credit Bank of Moscow qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
127.	JSC 'DALNEVOSTOCHNY BANK' (JSC 'Far Eastern Bank') (Bir-Russu: АО 'ДАЛЬНЕВОСТОЧНЫЙ БАНК')	Indirizz: 27, Verkhneportovaya Street, Vladivostok, 690990, Russian Federation Sit web: http://www.dvbank.ru/ Tip ta' entità: Kumpannija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 20.11.1990 Numru tar-reġistrazzjoni: 1022500000786 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Id-Dalnevostochny Bank huwa wieħed mill-akbar banek fil-Lvant Imbiegħed tar-Russja u huwa istituzzjoni finanzjarja importanti għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-bank jopera fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li huwa ta' importanza strateġika għall-ekonomija Russa u jiġġenera sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Id-Dalnevostochny Bank huwa wkoll wieħed mill-banek li huwa awtorizzat biex jipprovdi appoġġ bankarju għal kuntratti fil-qasam tad-difiża tal-Istat Russu u huwa involut f'ħafna programmi tal-Istat. Għalhekk huwa strateġikament importanti għall-Gvern Russu fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, id-Dalnevostochny Bank huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, id-Dalnevostochny Bank jappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
128.	United Russia (Bir-Russu: Единая Россия)	Indirizz: 39th Building, Kutuzovsky Prospekt, Moscow 121170, Russian Federation Telefon: (495) 786-82-89 Sit web: https://er.ru Indirizz elettroniku: post@edinros.ru	United Russia huwa partit politiku allinjat mal-Kremlin. Huwa ppresedut mill-eks President Russu Dmitry Medvedev. Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
129.	Federal Service for Supervision of Communications, Information Technologies and Mass Media (Roskomnadzor) (Bir-Russu: Федеральная служба по надзору в сфере связи, информационных технологий и массовых коммуникаций, (Роскомнадзор))	Indirizz: Kitaygorodsky Ave 7 / 2, Moscow 109992, Russian Federation Telefon: +7 (495) 983-33-93 Indirizz elettroniku: rsoc_in@rkn.gov.ru Sit web: https://rkn.gov.ru/	Roskomnadzor hija aġenzija tal-istat Russa responsabbli għall-komunikazzjonijiet, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-media tal-massa. Hija implimentat il-politika tal-istat ta' ċensura lejn entitajiet tal-media indipendenti. Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, din illimitat b'mod sinifikanti l-aċċess għall-informazzjoni għas-soċjetà Russa, iffavorixxiet propaganda favur il-gwerra u introduċiet ċensura tal-gwerra biex issikket id-dissens kontra l-gwerra. Hija ordnat lill-entitajiet tal-media Russi biex jużaw biss l-informazzjoni u d-*data* pprovduti mis-sorsi uffiċjali tal-gvern meta jirrappurtaw dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ipprojbixxiet l-użu tal-kliem "invażjoni" jew "gwerra" u tat struzzjonijiet biex minflok jintuża t-terminu "operazzjoni speċjali". Ipprojbixxiet ir-rappurtar dwar għadd kbir ta' vittmi fost il-persunal militari Russu u l-popolazzjoni ċivili tal-Ukrajna. Hija wissiet lill-media kontra l-pubblikazzjoni ta' intervista mogħtija mill-President tal-Ukrajna Volodymyr Zelensky. Għalqet siti web li ma segwewx l-ordnijiet tagħha, u talbet lill-qrati biex jikkastigaw lil entitajiet tal-media li ma jikkonformawx. Barra minn hekk, imblukkat l-aċċess għall-pjattaformi tal-media soċjali ta' Facebook u Twitter sabiex twaqqafhom milli jaqsmu informazzjoni dwar il-gwerra. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
130.	New People (Bir-Russu: Новые люди)	Indirizz: Bol'shoy Trekhgornyy Pereulok, building 11 entrance 2, Moscow123022, Russian Federation, Telefon: +7 (800) 550-10-39 Sit web: https://newpeople.ru/ Indirizz elettroniku: info@newpeople.ru	New People huwa partit politiku Russu. Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
131.	Liberal Democratic Party of Russia (Bir-Russu: Либерально-демократическая партия России)	Indirizz: 1st Basmanny Lane, building 3, entrance 1, Moscow, Russian Federation Telefon: +7 (495) 530-62-62 Sit web: https://ldpr.ru/ Indirizz elettroniku: office@ldpr.ru	Il-Liberal Democratic Party of Russia huwa partit politiku Russu. Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
132.	Just Russia — Patriots — For Truth (Bir-Russu: "Справедливая Россия — Патриоты — За правду")	Indirizz: Indirizz legali: 29 Bolshaya Tatarskaya St. Moscow 115184, Russian Federation Indirizz għall-korrispondenza:, 14, Akademika Pilugina, str., entr. 2, 117393, Moscow, Russian Federation . Telefon: +7 495 787 85 15 Sit web: https://spravedlivo.ru/main Indirizz elettroniku: info@spravedlivo.ru	Just Russia — Patriots — For Truth huwa partit politiku Russu. Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
133.	Communist Party of the Russian Federation (Bir-Russu: Коммунистическая партия Российской Федерации)	Indirizz: 3 , Maly Sukharevsky Pereulok, bldg.1, Moscow, 103051, Russian Fedration Telefon: +7-495-692-7646 Sit web: https://kprf.ru/ Indirizz elettroniku: inter@kprf.ru	Il-Communist Party of the Russian Federation huwa partit politiku Russu. Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, u appoġġa l-annessjoni illegali u mhux rikonoxxuta tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson mir-Russja. Għalhekk, hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
134.	JSC CENTRAL RESEARCH INSTITUTE “BUREVESTNIK” (Bir-Russu: АО ЦЕНТРАЛЬНЫЙ НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ ИНСТИТУТ 'БУРЕВЕСТНИК')	Indirizz: Sormovskoe highway 1a, city of Nizhny Novgorod, Nizhny Novgorod region, Russian Fedration (HQ) Tip ta' entità: kumpannija b'ishma konġunti	Il-JSC CENTRAL RESEARCH INSTITUTE BUREVESTNIK hija kumpannija Russa tal-industrija tal-armi. Matul l-eżistenza tagħha (mill-1970), il-kumpannija żviluppat madwar 400 tip differenti ta' armi u tagħmir militari. Hija l-aktar magħrufa għall-produzzjoni tal-armi li ġejjin: installazzjonijiet tal-artillerija għall-artillerija navali AK-176, A-190; Kanuni tat-tip mortar mobbli (tipi 2B11, 2K32, 2C12, 2B25), howitzer 2C35 u oħrajn. Il-JSC CENTRAL RESEARCH INSTITUTE BUREVESTNIK tipprovdi Kanuni tat-tip mortar ta' diversi tipi lill-Forzi Armati Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-JSC CENTRAL RESEARCH INSTITUTE BUREVESTNIK hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
135.	LIMITED LIABILITY COMPANY 'VOLGOGRAD MACHINE-BUILDING COMPANY "VGTZ"' (Bir-Russu: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ) 'ВОЛГОГРАДСКАЯ МАШИНОСТРОИТЕЛЬНАЯ КОМПАНИЯ "ВГТЗ"'	Indirizz:, square Im. Dzerzhinskogo, 1, 400006, Volgograd, Volgogradskaya oblast, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpannija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Volgograd region, Volgograd, Russian Federation	L-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' hija żviluppatur Russu u manifattur ta' vetturi tal-ġlied għall-ġarr ta' suldati minn fuq l-ilma għal fuq l-art. L-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' tiżviluppa u timmanifattura vetturi tal-ġlied minn - BMD-4M, BTR-MDM għal vetturi tal-ġlied tal-infanterija BMP-2 u BMP-3 modernizzati, li jintużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Data tar-reġistrazzjoni: 28 ta' Novembru 2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1023402461752 Post prinċipali tan-negozju: Russia	Għalhekk, l-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. L-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' vetturi tal-ġlied għall-Forzi Armati Russi u b'hekk tibbenefika direttament mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Minħabba l-ħtieġa dejjem tikber għall-armi, l-LLC 'Volgograd Machine Building Company "VGTZ"' qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-K-rimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
136.	JSC Bryansk Automobile Plant JSC 'BAZ' (Bir-Russu: АО "'Брянский автомобильный завод"' АО 'БАЗ')	Indirizz ,1 Staleliteynaya ul., Bryansk, 241035, Bryanskaya oblast, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpannija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Bryansk region, Bryansk, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 04.04.2008 Numru tar-reġistrazzjoni: 1083254005141 Post prinċipali tan-negozju: Russia	Il-JSC Bryansk Automobile Plant hija l-uniku manifattur Russu li jipproduċi xażi u tratturi speċjali bir-roti (SKST) b'kapaċità li jgħaddu minn terren diffiċli, li huma l-bażi tal-bażi tat-trasport għal mezzi eżistenti u futuri ta' difiża tal-ajru, bir-rokits u spazjali, kif ukoll huma użati b'mod attiv bħala parti minn mezzi mobbli ta' rikonjizzjoni bir-radar, appoġġ għall-inġinerija, u sistemi ta' rokits multipli ta' llanċjar. Il-JSC Bryansk Automobile Plant tipproduċi xażi speċjali bir-roti u tratturi, li jintużaw biex jiskjeraw sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru S-350, IS-400, Tor-M2 u sistemi oħra ta' difiża ajruspazjali. Dawk is-sistemi ta' difiża tal-ajru jintużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna. Il-JSC Bryansk Automobile Plant hija għalhekk responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Il-JSC Bryansk Automobile Plant tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' xażi u tratturi speċjali bir-roti għas-sistemi ta' difiża tal-ajru għall-Forzi Armati Russi u b'hekk tibbenefika direttament mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Minħabba l-ħtieġa dejjem tikber għall-armi, il-JSC Bryansk Automobile Plant qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-K-rimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
137.	JSC MACHINE BUILDING COMPANY 'VITYAZ' (Bir-Russu: АО '"МАШИНОСТ-РОИТЕЛЬНАЯ ОМПАНИЯ "ВИИТЯЗЬ"')	Indirizz: 2 Industrialnoe sh., Ishimbai city, Republic of Bashkortostan, Russian Federation (HQ) Tip ta' entità: Kumpannija b'Ishma Konġunti	Il-JSC MACHINE BUILDING COMPANY 'VITYAZ' (jew il-JSC VITYAZ) hija kumpannija Russa involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tħaddim u t-tiswija ta' vetturi militari armati. Hija produttur tal-privattiv ta' DT-30 'Vityaz'. I l-JSC VITYAZ tipprovdi u timmanifattura vettura militari għal kull tip ta' terren DT-30 "Vityaz" b'żewġ link tracks għall-Forzi Armati Russi, li tintuża fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-JSC VITYAZ hija responsabbili għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
138.	JSC KAZAN OPTICAL AND MECHANICAL PLANT (JSC KOMZ) (Bir-Russu: АО КАЗАНСКИЙ ОПТИКО-МЕХАНИЧЕСКИЙ ЗАВОД (АО КОМЗ))	Indirizz: st. Lipatova, 37, Kazan, Republic of Tatarstan, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpannija b'Ishma Konġunti	Il-JSC KOMZ hija intrapriża diversifikata Russa li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' apparat ottiku u tagħmir elettroniku tal-gwerra (inkluż radars, binokli, eċċ.). Il-JSC KOMZ tipproduċi sistemi tal-gwerra elettroniċi Moscow-1 (Москва-1), Rychag-AV (Рычаг-АВ) u Quicksilver-BM (Ртуть-БМ) li jiġu konsenjati lill-Forzi Armati Russi u li qed jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-JSC KOMZ hija għalhekk responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Il-JSC KOMZ tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' sistemi tal-gwerra elettroniċi għall-Forzi Armati Russi u b'hekk tibbenefika direttament mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Minħabba l-ħtieġa dejjem tikber għall-armi, il-JSC KOMZ qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
139.	JSC ENIKS (Bir-Russu: АО 'ЭНИКС')	Indirizz: st. Korolenko 120, Kazan, Republic of Tatarstan, Russian Federation Tip ta' entità: kumpannija b'ishma konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 06.06.2003 Numru tar-reġistrazzjoni: 1031632202227 Post prinċipali tan-negozju: Russia	Il-JSC ENIKS hija kumpannija Russa involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tħaddim u t-tiswija ta' kumplessi ta' mira mill-ajru u inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs), sistemi ta' sorveljanza mill-bogħod u tagħmir ieħor tal-gwerra. Il-JSC ENIKS tipprovdi UAVs (Eleron-3 u Eleron-10) lill-Forzi Armati Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-JSC ENIKS hija responsabbili għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
140.	PUBLIC JOINT STOCK COMPANY 'SCIENTIFIC AND PRODUCTION ASSOCIATION "STRELA"' (PJSC ‘NPO “STRELA”’) (Bir-Russu: ПУБЛИЧНОЕ АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'НАУЧНО-ПРОИЗВОДСТВЕННОЕ ОБЪЕДИНЕНИЕ "СТРЕЛА"')	Indirizz: str. M. Gorky 6, 300002, city of Tula, Tula region, Russian Federation. Tip ta' entità:Kumpannija Pubblika b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni:, str. M. Gorky 6 , 300002, city of Tula, Tula region, Russian Federation. Data tar-reġistrazzjoni: 23.09.2002 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 1027100517256 Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent: 7103028233	Is-Scientific and Production Association "STRELA", PJSC, hija intrapriża speċjalizzata involuta fl-iżvilupp u l-manifattura ta' tagħmir tar-radar għas-sorveljanza u d-detezzjoni tal-miri tal-wiċċ tal-art u tal-baħar. L-intrapriża hija impenjata fl-iżvilupp u l-manifattura ta': radars ta' sorveljanza tal-kamp tal-battalja, radars li jillokalizzaw l-armi, radars għall-veloċità tal-muzzles tal-artillerija, radars għall-kontroll tal-armi, tagħmir skjerat mill-ajru għal missili mill-wiċċ għall-ajru tad-difiża tal-ajru, sistemi ta' sigurtà ta' radars ċivili. L-assoċjazzjoni hija parti mill-impriża tal-istat Russa Almaz-Antey Air Defense Concern u hija l-organizzazzjoni ewlenija għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet fil-qasam assenjat tat-teknoloġija. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-Almaz-Antey Concern tappartjeni lill-Aġenzija Federali għall-Ġestjoni tal-Proprjetà tal-Istat. Il-kumpannija tiżviluppa u tipproduċi kumpless tar-radar (lokalizzazzjoni tal-artillerija) Zoopark-1M kontra l-iskjeramenti tal-artillerija, stazzjon ta' rikonjizzjoni bir-radar mobbli SNAR-10M1, vettura speċjali tal-ġlied għar-rikonjizzjoni SBRM Tigr ("Tiger") u prodotti militari oħra, li jintużaw/intużaw mir-Russja matul l-invażjoni illegali tal-Ukrajna fl-2022.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għaldaqstant, il-PJSC, Scientific and Production Association "STRELA", hija responsabbli appoġġ materjali jew finanzjarju, ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
141.	JSC IZHEVSK ELECTROMECHANICAL PLANT "KUPOL" (Bir-Russu: ИЖЕВСКИЙ ЭЛЕКТРОМЕХАНИЧЕСКИЙ ЗАВОД 'КУПОЛ')	Indirizz: Pesochnaya st. 3, city of Izhevsk, Udmurt Republic, Russian Federation (HQ) Tip ta' entità: kumpannija b'ishma konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 23.04.2002 Post prinċipali tan-negozju: Russia	Il-JSC IZHEVSK ELECTROMECHANICAL PLANT 'KUPOL' (jew JSC IEMZ “KUPOL”) hija kumpannija Russa involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tħaddim u t-tiswija ta' sistemi ta' missili Tor, sistema ta' missili li jistgħu jintużaw fi kwalunkwe tip ta' temp, b'altitudni baxxa sa medja, mill-wiċċ għall-ajru ta' medda qasira ddisinjati biex jeqirdu l-ajruplani, il-ħelikopters, il-missili cruise, eċċ. Il-JSC IZHEVSK ELECTROMECHANICAL PLANT 'KUPOL' tipprovdi sistemi ta' missili Tor manufatturati lill-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-JSC IZHEVSK ELECTROMECHANICAL PLANT 'KUPOL' hija responsabbli appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
142.	JSC VOSTOCHNAIA VERF (Bir-Russu: АО 'ВОСТОЧНАЯ ВЕРФЬ')	Indirizz: st. Heroes of the Pacific 1, Vladivostok, Primorsky Krai, Russian Federation (HQ) Tip ta' entità: kumpannija b'ishma konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 06.08.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 1022501797064 Post prinċipali tan-negozju: Russia	Il-JSC VOSTOCHNAIA VERF hija kumpannija Russa tal-bini tal-bastimenti. Hija magħrufa wkoll bħala l-komanifattur ta' tipi speċifiċi ta' vapuri għall-qrid tal-mini, varjetà ta' biċċiet tal-baħar għall-ġarr ta' suldati minn fuq l-ilma għal fuq l-art (bħall-Proġett 11770). Sorsi pubbliċi jindikaw li xi biċċiet tal-baħar għall-ġarr ta' suldati mill-JSC VOSTOCHNAIA VERF kienu wżati matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-JSC VOSTOCHNAIA VERF tipprovdi biċċiet tal-baħar manufatturati għall-ġarr ta' suldati minn fuq l-ilma għal fuq l-art lill-Forzi Armati Russi li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-JSC VOSTOCHNAIA VERF hija responsabbili għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
143.	LLC 'HOLDING COMPANY "EGO-HOLDING"' (Bir-Russu: ООО '"ХОЛДИНГОВАЯ КОМПАНИЯ "ЭГО-ХОЛДИНГ"')	Indirizz: str. Butlerova, 13, letter A, room 20H, 195256, St. Petersburg, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpannija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: str. Butlerova, 13, letter A, room 20H, 195256, St. Petersburg, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 10.10.1997 Numru tar-reġistrazzjoni statali: 1027802486580 Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent: 7804070635	LLC "HOLDING COMPANY 'EGO-HOLDING'" tinkludi diversi intrapriżi tal-kumpless militari-industrijali, li huma minn ta' quddiem fil-Federazzjoni Russa fl-oqsma tagħhom tal-industrija tad-difiża għall-iżvilupp u l-manifattura ta' mezzi u kumplessi ta' komunikazzjoni bir-radju u gwerra elettronika. Dawn huma intrapriżi bħal: NPO Zavod 'Volna', NTI 'Radiosvyaz', 'PKB RIO'. Waħda minnhom, JSC Scientific and Investment Enterprise "Protek", tiżviluppa u tipproduċi stazzjonijiet tal-jamming awtomatizzat R-330Zh "Zhitel" użati mir-Russja matul il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. LLC "HOLDING COMPANY 'EGO-HOLDING'" akkwistat il-JSC Scientific and Investment Enterprise "PROTEK" f'Jannar 2013. B'hekk, LLC "HOLDING COMPANY 'EGO-HOLDING'", li hija s-sid ta' diversi impriżi tal-kumpless militari-industrijali, hija responsabbli għall-appoġġ materjali jew finanzjarju ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
144.	JSC A.E. NUDELMAN DESIGN BUREAU OF PRECISION MACHINE BUILDING (KB TOCHMASH) (Bir-Russu: АО КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО ТОЧНОГО МАШИНОСТРОЕНИЯ ИМ. А. Э. НУДЕЛЬМАНА (КБ ТОЧМАШ))	Indirizz: str. Vvedensky, .8, Moscow, Russian Federation (HQ) Tip ta' entità: kumpannija b'ishma konġunti Post prinċipali tan-negozju: Russia	KB TOCHMASH hija parti mill-kumpannija tal-istat Russu Almaz-Antey Concern u hija żviluppatur tal-armi Russu li jimmanifattura firxa wiesgħa ta' sistemi ta' difiża kontra l-inġenji tal-ajru, MANPADS u missili, inkluż armi ta' preċiżjoni akbar. KB TOCHMASH tipproduċi sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru Strela-10 u Sosna-R li jintużaw ħafna matul il-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna fl-2022. Għalhekk, KB TOCHMASH hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. KB TOCHMASH tibbenefika mill-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja tar-Russja kontra l-Ukrajna peress li tikkontribwixxi għall-provvista ta' sistemi ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru għall-Forzi Armati Russi u b'hekk tibbenefika mill-ħtieġa li qed tikber għall-armi. Għalhekk, KB TOCHMASH qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	16.12.2022

▼**M64**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
